IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.6.2021
COM(2021) 349 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Belġju

{SWD(2021) 172 final}

ANNESS

TAQSIMA 1: RIFORMI U INVESTIMENTI SKONT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

1. DESKRIZZJONI TAR-RIFORMI U L-INVESTIMENTI

A. KOMPONENT 1.1: RINNOVAZZJONI

Dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza jiffoka fuq ir-rinnovazzjoni tal-bini privat u pubbliku L-objettiv ewlieni tal-komponent huwa li l-bini eżistenti jiġi rinnovat u jsir aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi. Dan jinkludi b'mod partikolari l-binjiet pubbliċi, l-infrastruttura soċjali u l-unitajiet residenzjali, u f'sens aktar ġenerali l-binjiet li f'termini ta' effiċjenza enerġetika jrendi anqas. Għaldaqstant, dan il-komponent jgħin biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, jiżdiedu l-opportunitajiet ta' xogħol u jkun hemm tkabbir fil-kostruzzjoni sostenibbli, kif ukoll reżiljenza soċjali permezz ta' tnaqqis fil-kontijiet tal-enerġija.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019, li tistieden lill-Belġju biex jiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq, fost l-oħrajn, it-tranżizzjoni lejn livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju u t-tranżizzjoni tal-enerġija.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-1.01: "Skema ta' sussidju tal-enerġija mtejba" għar-Reġjun Fjamming

Il-miżura hija magħmula minn għadd ta' riformi u sottomiżuri ta' investiment li l-objettiv kumplessiv tagħhom huwa li jipprovdu inċentivi aktar effiċjenti għar-rinnovazzjoni u biex l-investimenti privati għall-effiċjenza enerġetika jsiru b'aktar ħeffa fil-Flanders: (i) riforma fis-sussidji għall-effiċjenza enerġetika u għall-enerġija rinnovabbli u sussidji minn gruppi fil-mira biex titjieb il-kwalità tas-settur tal-akkomodazzjoni li għandu jiġi integrat fi skema waħda. Il-punt uniku ta' servizz il-ġdid, is-sistema trasparenti u ta' użu faċli, għandha tkun disponibbli mill-2022 u mistennija tappoġġa r-rinnovazzjoni ta' 202 000 abitazzjoni biex ikunu effiċjenti fl-użu tal-enerġija; (ii) ir-reviżjoni tal-iskema marbuta mat-tikketta tal-enerġija li mistennija tappoġġa r-rinnovazzjoni ta' 8 400 abitazzjoni biex ikunu effiċjenti fl-użu tal-enerġija; (iii) l-intoduzzjoni ta' għotja għad-demolizzjoni u r-rikostruzzjoni li tikkomplimenta l-iskema federali tar-rata mnaqqsa tal-VAT li mistennija tappoġġa r-rikostruzzjoni ta' 1760 abitazzjoni; (iv) ir-reviżjoni tal-iskema ta' appoġġ għar-rinnovazzjoni għar-regolazzjoni intelliġenti tal-pompi tas-sħana, tal-boilers elettriċi, għat-tisħin elettriku bis-sħana maħżuna u għall-batteriji domestiċi li mistennija tappoġġa 8 400 unità domestika L-aspetti kollha ta' din ir-riforma għandhom jidħlu fis-seħħ sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2022.

Ir-Riforma R-1.02: "Skema ta' sussidju tal-enerġija mtejba" għar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Din ir-riforma tikkonsisti fir-riforma u fl-amalgamazzjoni tal-bonusijiet tal-enerġija u tal-primjums għar-rinnovazzjoni tas-settur tal-akkomodazzjoni f'mekkaniżmu reġjonali uniku għall-individwi mill-2022. Bis-saħħa ta' sistema unifikata, iċ-ċittadini għandu jkollhom

stampa aktar ċara tal-ammont li huma intitolati għalih għax-xogħol ta' rinnovazzjoni tagħhom u għandu jkollhom proċeduri amministrattivi ssimplifikati biex jiksbu l-appoġġ finanzjarju permezz tal-bonusijiet reġjonali. Portal web reġjonali wieħed biss għandu jinforma lill-applikanti dwar il-primjums disponibbli u għandu jkun hemm biss proċedura waħda diġitalizzata għaċ-ċittadini. L-investiment huwa mistenni li jappoġġa 3717-il rinnovazzjoni għall-effiċjenza enerġetika.

Ir-Regolament li jirriforma l-iskemi ta' għotjiet tal-enerġija għal rinnovazzjonijiet residenzjali u privati fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali għandu jidħol fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2022.

Ir-Riforma R-1.03: "Skema ta' sussidju tal-enerġija mtejba" għall-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż

Il-miżura għandha tintroduċi sistema ġdida ta' primjums tal-enerġija fil-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż minn Lulju 2021. L-għan tal-proġett bonus huwa, b'mod partikolari, li jinħolqu inċentivi għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ffrankar tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju għal bini residenzjali eżistenti fil-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż. Ir-riforma għandha l-għan li tiddistingwi bejn xogħlijiet żgħar, filwaqt li tippermetti aċċess għall-bonusijiet b'mod simplifikat, u xogħlijiet kbar, li jirrikjedu proċeduri amministrattivi aktar iddettaljati. L-investimenti mistennija jappoġġaw 815-il rinnovazzjoni għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, minn dawk medji sa kbar. Ir-Regolament li jirriforma l-iskemi ta' għotjiet għall-enerġija għar-rinnovazzjonijiet residenzjali u privati fil-Komunità Ġermaniża għandu jidħol fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2022.

Investiment 1A fir-"Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjonijiet privati u soċjali" (I-1A)

L-objettiv tal-investiment huwa li jixpruna r-rinnovazzjoni għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fl-akkomodazzjonijiet privati u soċjali. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025. L-investiment huwa magħmul mis-sitt sottomiżuri li ġejjin:

- L-investiment I-1.01: "Ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjonijiet soċjali" tar-Reġjun Fjamming
- L-investiment I-1.02: "Ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjonijiet soċjali" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali
- L-investiment I-1.03: "Ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjonijiet soċjali" tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż
- L-investimenti parti mir-Riforma R-1.01: "Skema ta' sussidju tal-enerġija mtejba" għar-Reġjun Fjamming
- L-investimenti parti mir-Riforma R-1.02: "Skema ta' sussidju tal-enerġija mtejba" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali
- L-investimenti parti mir-Riforma R-1.03: "Skema ta' sussidju tal-enerġija mtejba" għall-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż

L-investiment I-1.01: "Ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjonijiet soċjali" tar-Reġjun Fjamming

L-għan tal-miżura huwa li tistimula u tħaffef r-rinnovazzjoni enerġetika tal-akkomodazzjoni soċjali billi żżid l-appoġġ mill-Fond Fjamming għall-Klima lill-kumpaniji tal-akkomodazzjonijiet soċjali u mill-Fond Fjamming għas-Settur tal-Akkomodazzjoni. Il-finanzjament permezz tal-RRF mistenni jippermetti li madwar 4 050 unità tal-akkomodazzjoni soċjali jibbenefikaw mill-appoġġ għar-rinnovazzjoni enerġetika. Barra minn hekk, fl-2021 ir-Reġjun Fjamming għandu jżid b'EUR 250 miljun l-awtorizzazzjoni għal self issussidjat lill-kumpanija Fjamminga tal-akkomodazzjoni soċjali (lill-Vlaamse Maatschappij voor Sociaal Wonen), biex tkun tista' żżid ir-rinnovazzjonijiet.

L-investiment I-1.02: “Ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjonijiet soċjali” tar-Reġjun ta’ Brussell-Kapitali

Il-miżura se tikkontribwixxi għall-finanzjament tar-rinnovazzjoni ta’ 1711-il unità ta’ akkomodazzjoni soċjali fi Brussell, li twassal għal tnaqqis ta’ 53 % fl-enerġija kkunsmata u li twassal għal tnaqqis stmat ta’ 4452 tunnellata ta’ emissjonijiet ta’ CO_2 fis-sena. Il-proġett jinvolvi l-pubblikazzjoni, l-għoti u l-eżekuzzjoni ta’ 15-il kuntratt pubbliku għal xogħlijiet mill-kumpanija tal-akkomodazzjoni soċjali ta’ Brussell (Société du Logement de la Région de Bruxelles-Capitale).

L-investiment I-1.03: “Ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjonijiet soċjali” tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż

Il-miżura tikkonsisti f’appoġġ għall-programm pluriennali ta’ rinnovazzjoni ta’ madwar 509 unitajiet ta’ akkomodazzjoni soċjali, li jirrappreżentaw madwar terz tal-unitajiet totali tal-akkomodazzjoni soċjali tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż. Il-miżura se tappoġġa l-parteċipazzjoni fl-ekwità tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż fil-kumpanija tal-akkomodazzjoni soċjali “Öffentliche Wohnungsbaugesellschaft Ostbelgien”, li għandha tippermetti li l-programm ta’ investiment fl-akkomodazzjoni soċjali jitwettaq, fejn se jingħataw prijorità ix-xogħlijiet l-aktar urġenti.

Investiment 1B “Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi” (I-1B)

L-objettiv tal-investiment huwa li tiġi rinnovata u mtejba l-effiċjenza enerġetika tal-binjiet pubbliċi. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026. L-investiment huwa magħmul mis-sitt sottomiżuri li ġejjin:

- L-investiment I-1.04: “Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi” tal-Istat Federali
- L-investiment I-1.05: “Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi” tar-Reġjun Fjamming
- L-investiment I-1.06: “Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi” tar-Reġjun ta’ Walloon
- L-investiment I-1.07: “Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi - l-awtoritajiet lokali u l-isport” tar-Reġjun ta’ Walloon
- L-investiment I-1.08: “Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi” tar-Reġjun ta’ Brussell-Kapitali
- L-investiment I-1.09: “Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi - l-iskejjel” tal-Komunità Franċiża
- L-investiment I-1.10: “Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi l-isport u l-IPPJ” tal-Komunità Franċiża
- L-investiment I-1.11: “Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi - l-universitajiet” tal-Komunità Franċiża
- L-investiment I-1.12: “Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi - kulturali” tal-Komunità Franċiża

L-investiment I-1.04: “Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi” tal-Istat Federali

Il-miżura ta’ investiment tikkonsisti fir-rinnovazzjoni tal-bini storiku tal-Borża ta’ Brussell, li għandha twassal għal titjib sostanzjali fir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, bl-għan li jinħoloq ċentru ekonomiku, turistiku u soċjokulturali ġdid. L-erja totali stmata tas-superfiċje tal-bini hija ta’ madwar 12 000 m^2 (inkluż il-basement u s-sit arkeoloġiku). Il-kumpless huwa mfassal biex jospita wirjiet u attivitajiet temporanji, kif ukoll wirja permanenti dwar it-tradizzjonijiet Belġjani marbutin mal-produzzjoni tal-birra (Belgian Beer World) fis-sulari ta’ fuq.

L-investiment I-1.05: “Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi” tar-Reġjun Fjamming

Il-miżura ta' investiment tikkonsisti f'żieda fl-investimenti għar-rinnovazzjoni tal-unitajiet tal-bini biex titħaffef r-rinnovazzjoni enerġetika tal-binjiet pubbliċi. L-appoġġ għandu jingħata permezz tal-Kumpanija tal-Enerġija Fjamminga (Vlaams Energiebedrijf) li taġixxi bħala l-korp ċentrali tax-xiri u l-fornitur ta' servizzi għal servizzi pubbliċi oħra (b'mod partikolari l-amministrazzjoni ċentrali) fil-qasam tas-servizzi relatati mal-enerġija. Il-miżura tinvolvi (i) azzjonijiet ta' appoġġ dirett fil-forma ta' xogħlijiet għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u (ii) azzjonijiet ta' appoġġ indirett bħall-awditi tal-enerġija. Il-miżura mistennija tirriżulta fir-rinnovazzjoni ta' binjiet pubbliċi li huwa stmat li jkopru 86 711 m².

L-investiment I-1.06: "Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi" tar-Reġjun ta' Walloon

Il-miżura ta' investiment għandha l-għan li tistabbilixxi sistema innovattiva għall-faċilitazzjoni tar-rinnovazzjoni, inklużi l-miżuri ta' akkumpanjament meħtieġa, sabiex isiru rinnovazzjonijiet kbar ta' bejn 750 u 1000 binja pubblika fir-reġjun ta' Walloon, (li jikkorrispondu għal superfiċje li huwa stmat li tammonta għal 300 000 m²). Għal dan il-għan , l-iskema eżistenti ta' sussidju UREBA għandha tiġi aġġustata fis-snin 2021-2026 biex tkompli tiffaċilita r-rinnovazzjonijiet il-kbar. L-appoġġ għandu jkopri biss l-investimenti għall-iffrankar enerġetiku minn investiment totali ta' EUR 375 miljun.

L-investiment I-1.07: "Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi - l-awtoritajiet lokali u l-isport" tar-Reġjun ta' Walloon

Il-miżura għandha l-għan li ttejjeb ir-rendiment enerġetiku (i) tal-binjiet pubbliċi tal-awtoritajiet lokali u (ii) tal-infrastruttura sportiva fir-reġjun ta' Walloon. L-appoġġ se jingħata permezz ta' sejħa għall-applikazzjonijiet miftuħa għall-awtoritajiet lokali u għall-istrutturi sportivi eliġibbli. Il-miżura, sat-30 ta' Ġunju 2026, hija mistennija twassal għar-rinnovazzjoni ta' superfiċje totali stmata ta' 202 359 m² ta' binjiet pubbliċi tal-awtoritajiet lokali u ta' 84 122 m² tal-infrastrutturi tal-isport, li bħala medja twassal għal tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja.

L-investiment I-1.08: "Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Il-miżura ta' investiment tikkonsisti f'żewġ partijiet: (i) l-iżvilupp ta' punt uniku ta' servizz (li għandu jiġi ġestit minn SIBELGA, l-operatur tan-network ta' distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass fir-Reġjun ta' Brussell, taħt obbligu ta' servizz pubbliku) biex jiġu ffaċilitati u mħaffa r-rinnovazzjonijiet kbar tal-enerġija fil-binjiet pubbliċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fi Brussell; (ii) sussidji tal-enerġija għax-xogħlijiet pubbliċi ta' rinnovazzjoni li jintgħażlu. Il-miżura għandha l-għan li tkopri l-binjiet pubbliċi b'kull tip ta' użu, u li tirrinova sat-30 ta' Ġunju 2026 is-superfiċje totali stmata ta' 34 000 m², u dan iwassal bħala medja għal tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja. L-ordinanza dwar l-elettriku li tiddefinixxi l-missjoni tas-servizz pubbliku ta' Sibelga, inkluż it-tħaddim ta' punt uniku ta' servizz għar-rinnovazzjonijiet pubbliċi fi Brussell għandha tidħol fis-seħħ sal-1 ta' Frar 2022.

L-investiment I-1.09: "Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi - l-iskejjel" tal-Komunità Franċiża

Il-miżura ta' investiment għandha (i) tappoġġa pjan ta' investiment fil-binjiet tal-iskejjel li huma proprjetà tal-Komunità Franċiża u (ii) permezz ta' sejħa għal proposti ta' proġetti, tagħti appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-bini tal-iskejjel f'networks edukattivi sussidjati mill-Komunità Franċiża. Il-mira mistennija totali tal-kostruzzjoni u tar-rinnovazzjoni hija ta' 320 709 m² sat-30 ta' Ġunju 2026, mfassla fuq rinnovazzjonijiet ħfief, medji u kbar kif ukoll fuq demolizzjonijiet u rikostruzzjonijiet.

L-investiment I-1.10: "Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi l-isport u l-IPPJ" tal-Komunità Franċiża

Din il-miżura ta' investiment tappoġġa (i) ir-rinnovazzjoni tal-infrastrutturi sportivi u (ii) ir-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet speċifiċi għaż-żgħażagħ (Institutions Publiques de Protection de

la Jeunesse -IPPJ). It-total ta' 30 150 m² huma mistennija li jiġu rinnovati sat-30 ta' Ġunju 2026 biex b'hekk tintlaħaq medja ta' tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja.

L-investiment I-1.11: "Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi - l-universitajiet" tal-Komunità Franċiża

Il-miżura ta' investiment għandha l-għan li tirrinova binjiet universitarji antikwati u ineffiċjenti fl-użu tal-enerġija tal-Komunità Franċiża wara sejħa għal proġetti. Il-miżura hija mistennija twassal għar-rinnovazzjoni ta' 34 000 m² u se twassal bħala medja għal tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 %.

L-investiment I-1.12: "Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi - kulturali" tal-Komunità Franċiża

Il-miżura ta' investiment timmira lejn ir-rinnovazzjoni ta' binjiet pubbliċi kulturali fil-Komunità Franċiża biex ikunu effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Il-miżura tikkonsisti f'żewġ partijiet: (i) ir-rinnovazzjoni enerġetika tal-infrastruttura kulturali li tappartjeni għall-Komunità Franċiża u (ii) għotjiet għall-proġetti ta' rinnovazzjoni enerġetika tal-infrastruttura kulturali li mhix proprjetà tal-Komunità Franċiża (bħal pereżempju infrastruttura li tkun proprjetà tal-awtoritajiet lokali) mogħtija permezz ta' sejħa għal proposti ta' proġetti. Huwa previst li l-miżura se tippermetti li tiġi rinnovata s-superfiċje stmata ta' 51 290 m² li minnhom 29 225 m² jkollhom tnaqqis medju fid-domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % (7 000 m² taħt il-punt (i) u 22 225 m² taħt il-punt (ii)).

L-investiment I-1.13: "Renolab: Laboratorju għar-rinnovazzjoni" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Il-miżura ta' investiment hija magħmula minn żewġ mekkaniżmi komplementari li għandhom l-għan li juru rinnovazzjonijiet innovattivi, ċirkolari u sostenibbli għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fi Brussell: (i) sejħa għal proposti ta' proġetti biex jiġu appoġġati l-proġetti pilota, u (ii) sejħa għal proposti ta' proġetti għar-rinnovazzjoni sostenibbli u eżemplari tal-binjiet fi Brussell, li tiffoka jew fuq il-finanzjament ta' kunċetti innovattivi, jew fuq xogħlijiet innovattivi u eżemplari ta' rinnovazzjoni. Huwa stmat li l-miżura tkun tappoġġa b'kollox 25 proġett pilota, 50 kunċett ta' proġett u superfiċje stmata li tammonta għal 20 000 m², li tiġi rinnovata permezz ta' appoġġ finanzjarju għal xogħlijiet ta' rinnovazzjoni eżemplari. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
1	Skema mtejba ta' Għotjiet għall-Enerġija fir-Reġjun Fjamming (R-1.01)	Stadju importanti	Skemi mtejbin ta' għotjiet għall-enerġija fil-Flanders	Il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali	-	-	-	Q1	2022	L-adozzjoni ta' regolament ġdid mill-Gvern / mill-Parlament Fjamming: ir-reviżjoni tal-iskema marbuta mat-tikketta tal-enerġija, ir-reviżjoni tal-iskemi ta' għotjiet għar-rinnovazzjonijiet residenzjali u privati, l-introduzzjoni ta' għotjiet għad-demolizzjoni u għar-rikostruzzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati u l-introduzzjoni ta' għotjiet għar-regolazzjoni intelliġenti u għall-batteriji tad-djar; li flimkien jipprovdu inċentivi aktar effiċjenti biex l-investimenti privati għall-effiċjenza enerġetika jsiru b'aktar ħeffa.
2	Skema mtejba ta' Għotjiet għall-Enerġija għar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali (R-1.02)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' regolament ġdid dwar l-iskemi ta' għotjiet għall-enerġija fi Brussell	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tar-regolament il-ġdid	-	-	-	Q1	2022	Dħul fis-seħħ ta' regolament għar-riforma tal-iskemi ta' għotjiet għall-enerġija għal rinnovazzjonijiet residenzjali u privati fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali
3	Skema mtejba ta' għotjiet għall-enerġija għall-Komunità li titkellem bil-	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' regolament ġdid dwar l-iskemi ta' għotjiet għall-enerġija fil-Komunità li	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tar-regolament	-	-	-	Q1	2022	Dħul fis-seħħ ta' regolament għar-riforma tal-iskemi ta' għotjiet għall-enerġija għar-rinnovazzjonijiet residenzjali u privati fil-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż.

	Ġermaniż (R-1.03)		titkellem bil-Ġermaniż	il-ġdid						
4	Ir-rinnovazzjoni ta' binjiet pubbliċi (I-1.06)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' regolament ġdid dwar l-iskemi ta' għotjiet għall-enerġija fil-Wallonia	Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tar-regolament il-ġdid	-	-	-	Q1	2022	Dħul fis-seħħ tar-regolament għar-riforma tal-iskema UREBA għar-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi fil-Wallonia.
5	Ir-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati u soċjali (I-1A)	Mira	Ir-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati residenzjali u ta' akkomodazzjonijiet soċjali (fażi 1)		Abitazzjonijiet	0	64140	Q2	2023	Ir-rinnovazzjoni ta' 63 776 abitazzjoni residenzjali (l-akkomodazzjonijiet soċjali u privati) bl-appoġġ ta' għotjiet għall-enerġija biex iseħħ tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja f'konformità mar-rekwiżiti marbutin mat-tikketti tal-klima.
6	Ir-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati u soċjali (I-1A)	Mira	Ir-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati residenzjali u ta' akkomodazzjonijiet soċjali (fażi 2)		Abitazzjonijiet	64 140	132 028	Q2	2024	Ir-rinnovazzjoni ta' 131 664 abitazzjoni residenzjali (akkomodazzjonijiet soċjali u privati) bl-appoġġ ta' għotjiet għall-enerġija biex iseħħ tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja f'konformità mar-rekwiżiti marbutin mat-tikketti tal-klima.
7	Ir-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati u soċjali (I-1A)	Mira	Ir-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati residenzjali u ta' akkomodazzjoniji		Abitazzjonijiet	132028	200264	Q2	2025	Ir-rinnovazzjoni ta' 199 899 abitazzjoni residenzjali (akkomodazzjonijiet soċjali u privati) bl-appoġġ ta' għotjiet għall-enerġija biex iseħħ tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja f'konformità mar-rekwiżiti marbutin mat-tikketti tal-klima.

			et soċjali (fażi 3)							
8	Ir-rinnovazzjoni ta’ akkomodazzjonijiet privati u soċjali (I-1A)	Stadju importanti	Ir-rinnovazzjoni ta’ akkomodazzjonijiet privati residenzjali u ta’ akkomodazzjonijiet soċjali (fażi 4)	Rapport mogħti dwar l-eżekuzzjoni bażitarja sħiħa tax-xogħlijiet ta’ rinnovazzjoni				Q2	2026	Ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjonijiet soċjali mill-kumpaniji tal-akkomodazzjoni soċjali fil-Flanders f’konformità mar-rekwiżit tat-tikketti tal-klima, iffinanzjata permezz ta’ self ta’ EUR 250 miljun.
9	Ir-rinnovazzjoni ta’ akkomodazzjonijiet privati u soċjali (1-1A)	Mira	Il-provvediment ta’ għotjiet għall-batteriji tad-djar u għall-apparat ta’ regolazzjoni intelliġenti fil-Flanders		Għotjiet mogħtija:	0	8460	Q2	2023	Il-provvediment ta’ 8 460 għotja lil unitajiet domestiċi għall-batteriji tad-djar u għall-apparat ta’ regolazzjoni intelliġenti fil-Flanders sa mit-tieni trimestru tal-2021.
10	“Renolab: Laboratorju għar-rinnovazzjoni” tar-Reġjun ta’ Brussell-Kapitali (I-1.13)	Stadju importanti	L-għoti ta’ kuntratti għad-dimostrazzjoni ta’ proġetti ta’ rinnovazzjoni	Deċiżjoni governattiva dwar l-għoti ta’ kuntratti għall-proġetti ta’ Renolab	-	-	-	Q1	2024	L-għoti ta’ kuntratti permezz tal-adozzjoni ta’ deċiżjoni governattiva lil 75 proġett pilota u kunċettwali għal prattiki ta’ effiċjenza enerġetika u ta’ rinnovazzjoni eżemplari u tal-proġetti ta’ eżekuzzjoni li jammontaw għal 20 000 m² ta’ superfiċje tal-art (Renolab).
11	Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi” (I-1B)		L-adattament tal-ordinanza dwar l-elettriku biex jiddaħħal punt uniku ta’ servizz	Il-pubblikazzjoni tal-ordinanza dwar l-				Q1	2022	L-adozzjoni mill-Parlament tal-ordinanza dwar l-elettriku li tiddefinixxi l-missjoni tas-servizz pubbliku ta’ Sibelga, inkluż it-tħaddim ta’ punt uniku ta’ servizz għar-rinnovazzjonijiet pubbliċi fi Brussell.

			għar-rinnovazzjonijiet	elettriku fil-Ġurnal Uffiċjali						
12	Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi" (I-1B)	Mira	Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi (fażi 1)		m²	0	523852	Q2	2024	Ir-rinnovazzjoni ta' 523 852 m² ta' binjiet pubbliċi biex iseħħ tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja f'konformità mar-rekwiżiti marbutin mat-tikketti tal-klima.
13	Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi" (I-1B)	Mira	Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi (fażi 2)		m²	523852	650097	Q2	2025	Ir-rinnovazzjoni ta' 650 097 m² ta' binjiet pubbliċi biex iseħħ tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja f'konformità mar-rekwiżiti marbutin mat-tikketti tal-klima.
14	Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi" (I-1B)	Mira	Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi (fażi 3)		m²	650097	1121342	Q2	2026	Ir-rinnovazzjoni ta' 1 121 342 m² ta' binjiet pubbliċi biex iseħħ tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja f'konformità mar-rekwiżiti marbutin mat-tikketti tal-klima.

B. KOMPONENT 1.2: TEKNOLOĠIJI TAL-ENERĠIJA EMERĠENTI

Dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jipprovdi impetu qawwi għall-iżviluppi teknoloġiċi biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni tal-enerġija, biex ikomplu jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2, b'enfasi fuq l-integrazzjoni tas-sistema u d-dekarbonizzazzjoni industrijali.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019, li tistieden lill-Belġju biex jiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq, fost l-oħrajn, it-tranżizzjoni lejn livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju u t-tranżizzjoni tal-enerġija, u r-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020 biex jiġu antiċipati proġetti maturi ta' investiment pubbliku.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-1.04 "Qafas regolatorju għas-swieq tal-H_2 u tas-CO_2" tal-Istat Federali

Ir-riforma tikkonsisti fil-passi meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru reviżjonijiet leġiżlattivi mmirati lejn l-istabbiliment ta' qafas regolatorju aktar iddettaljat għall-funzjonament tas-swieq tal-H_2 u tas-CO_2, li jkopri suġġetti bħas-superviżjoni, l-aċċess mhux diskriminatorju għan-networks ta' trażmissjoni u l-istabbiliment ta' tariffi tal-aċċess għan-networks. Ir-riforma mistennija tiċċara l-kompetenzi bejn l-awtoritajiet federali u dawk reġjonali. Liġi Ġdida dwar il-Gass għandha tidħol fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2022.

Investiment I-1.14 "In-network għall-H_2 u għas-CO_2" tal-Istat Federali

Din il-miżura tikkonsisti f'żewġ partijiet: (1) l-iżvilupp ta' network tat-trasport għall-idroġenu, li l-fokus primarju tiegħu huwa fuq ir-raggruppamenti industrijali ewlenin tal-Flanders (Antwerp, Ghent), tal-Wallonia (Hainaut, Liège) u ta' Brussell. Il-proġetti li għandhom jiġu implimentati għandhom jiġu determinati fuq il-bażi ta' validazzjoni tal-ħtiġijiet tas-suq, u għandhom jiffurmaw parti minn proġett importanti transfruntier ppjanat aktar wiesa' dwar l-idroġenu li jkun ta' Interess Ewropew Komuni ("IPCEI, Important Project of Common European Interest"); (2) l-iżvilupp ta' network inizjali tat-trasport u ta' unitajiet terminali tas-CO_2 fir-raggruppamenti industrijali ewlenin tal-Flanders (Antwerp, Ghent) u fil-Wallonia (Hainaut, Liège u l-wied ta' Sambre u ta' Meuse), miftuħin għall-atturi kollha tas-suq.

It-tliet miżuri li ġejjin, fil-livell Federali, Fjamming u ta' Walloon jiffokaw fuq "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu".

Investiment I-1.15 "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu" tal-Istat Federali

Il-miżura federali għandha tippromwovi diversi proġetti ta' dimostrazzjoni relatati mal-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu fil-kompetenza tal-gvern federali. L-għan huwa li jiġu xprunati proġetti innovattivi b'potenzjal għoli li jħaffu it-tranżizzjoni tal-enerġija, sabiex jilħqu l-maturità u jespandu għall-użu kummerċjali. Il-proġetti għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa għall-offerti, li għandha tkopri l-impjanti ta' dimostrazzjoni għall-produzzjoni ekoloġika tal-idroġenu u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju kif ukoll għall-użu tal-idroġenu, pereżempju fil-bastimenti, sakemm dawn il-proġetti jkunu jaqgħu fil-kompetenza tal-gvern federali. Fir-rigward tal-impjanti ta' dimostrazzjoni għall-produzzjoni ekoloġika tal-idroġenu u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, is-sejħa għandha tkun miftuħa għat-

teknoloġiji kollha bi proċessi b'emissjonijiet żero, bħall-elettroliżi mħaddma bl-elettriku rinnovabbli jew il-piroliżi tal-metan.

Investiment I-1.16 "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu" tar-Reġjun Fjamming

Din il-miżura għandha l-għan li tappoġġa t-tranżizzjoni lejn industrija tal-idroġenu sostenibbli fil-Flanders permezz ta' investiment u finanzjament ta' proġetti. Fil-biċċa l-kbira, il-finanzjament għandu jappoġġa portafoll ta' proġetti li, bħall-proġett importanti transfruntier ppjanat aktar wiesa' ta' interess Ewropew komuni (IPCEI)[1], li se jifforma parti integrali mill-portafoll, għandu l-għan li jiżviluppa katina tal-valur industrijali għall-produzzjoni , it-trasport, il-ħżin u l-applikazzjonijiet relatati tal-idroġenu. Proġetti oħra li ma humiex parti mill-portafoll tal-IPCEI, li jiffukaw fuq l-idroġenu, huma inklużi wkoll, l-aktar fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp kif ukoll dak tal-proġetti ta' investiment.

Investiment I-1.17 "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu" tar-Reġjun ta' Walloon

Din il-miżura ta' Walloon għandha l-għan li tnaqqas l-impronta tal-karbonju tas-setturi tal-industrija, tat-trasport u tal-bini permezz tal-finanzjament tal-proġetti u l-investiment. Għandha tikkonsisti f'sensiela ta' sottoproġetti koerenti (l-aktar fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u tal-ewwel żvilupp industrijali) li jkopru l-katina tal-valur tal-produzzjoni ekoloġika tal-idroġenu kollha, kif ukoll l-iżvilupp ta' diversi applikazzjonijiet tal-idroġenu bħala vettur tal-enerġija u l-adattament ta' apparati (bħal magni), li jippermettu l-użu u l-valorizzazzjoni tal-idroġenu. Dan il-proġett għandu jinqasam fi tliet komponenti distinti, wieħed minnhom huwa parti mill-proġett transfruntier ppjanat tal-IPCEI[2] dwar l-idroġenu. It-tieni komponent se tinkludi proġetti (RuŻ) li jiffukaw fuq it-tankijiet tal-idroġenu u ċ-ċelloli tal-fjuwil. It-tielet komponent se jappoġġa l-integrazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni ekoloġika tal-idroġenu, tat-trasport u tal-użu, kemm fis-setturi tal-industrija kif ukoll tat-trasport.

Investiment I-1.18 "L-iżvilupp ta' industrija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" tar-Reġjun ta' Walloon

Il-miżura ta' investiment għandha tippromwovi diversi proġetti li għandhom l-għan li jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 li jirriżultaw mill-konsum tal-enerġija u mill-emissjonijiet ta' proċessi industrijali. Din għandha tiġi implimentat permezz ta' sejħa għal proġetti ta' sħubija fir-riċerka u l-iżvilupp bl-għan li t-teknoloġiji jkunu f'livell ta' dimostrazzjoni (preindustrijali) industrijali jew f'livell ta' verżjonijiet pilota fl-oqsma li ġejjin: l-elettrifikazzjoni tal-proċessi industrijali, il-produzzjoni tal-idroġenu bl-elettroliżi jew bil-piroliżi tal-metan, l-użu dirett tal-idroġenu f'applikazzjonijiet industrijali, il-qbid u l-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 u d-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi li jipproduċu l-ammonijaka.

Investiment I-1.19 "Pjattaforma ta' riċerka għat-tranżizzjoni tal-enerġija" tar-Reġjun ta' Walloon

Din il-miżura tikkonsisti f'investimenti f'għadd ta' faċilitajiet kbar u tagħmir għar-riċerka u l-iżvilupp għall-benefiċċju tal-universitajiet li jitkellmu bil-Franċiż, li lesti jistabbilixxu pjattaforma ta' kooperazzjoni interdixxiplinari (u "transteknoloġika") biex jiġu żviluppati azzjonijiet ta' riċerka dwar is-sistemi kumplessi tal-enerġija. It-teknoloġiji fil-mira ta' din il-miżura huma relatati mal-oqsma li ġejjin: il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; il-produzzjoni, il-konverżjoni u l-ħżin tal-enerġija; Il-qbid

[1] L-IPCEIs huma soġġetti għar-rekwiżit ta' notifika u għall-obbligu ta' sospensjoni fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-għażla u l-ispeċifiċitajiet tal-proġetti proposti jistgħu jeħtieġu aġġustamenti biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli applikabbli.

[2] Ara n-nota 2 ta' qiegħ il-paġna.

u l-valorizzazzjoni tas-CO_2; l-użu razzjonali tal-enerġija fil-bini u għall-mobilità; it-tħaddim tal-grilja elettrika.

Investiment I-1.20 “Networks tas-sħana rinnovabbli” tar-Reġjun Fjamming

Il-miżura ta’ investiment għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta’ networks tas-sħana sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tas-sħana ekoloġika kif ukoll tas-sħana mitlufa. Is-sejħiet għall-appoġġ tal-investiment huma mistennija li jitnedew darbtejn fis-sena. L-objettiv tas-sejħiet huwa li jkun hemm għażla ta’ proġetti li għandhom l-għan li jżidu l-produzzjoni tas-sħana ekoloġika jew li jtejbu l-użu tas-sħana residwa (u b’hekk il-fjuwils fossili jintużaw inqas). Is-sejħiet huma mistennija jippermettu li l-investituri jirċievu kontribuzzjoni biex jiżguraw li l-ispiża inizjali għolja tal-investiment f’network tas-sħana tkun parzjalment iffinanzjata.

Investiment I-1.21 “Gżira tal-enerġija offshore” tal-Istat Federali

Din il-miżura ta’ investiment għandha l-għan li tiżviluppa ċentru tal-enerġija offshore multifunzjonali (“gżira tal-enerġija”) fil-Baħar tat-Tramuntana, fil-parti Belġjana. It-twaqqif ta’ dan iċ-ċentru tal-enerġija għandu tliet objettivi prinċipali. L-ewwel nett għandu jippermetti l-produzzjoni futura ta’ 2,1 GW ta’ enerġija mir-riħ offshore li titqabbad mal-grilja elettrika ta’ fuq l-art. It-tieni, għandu jiffaċilita l-integrazzjoni u l-importazzjoni ta’ aktar enerġija rinnovabbli fil-Baħar tat-Tramuntana u madwaru billi jkun konness ma’ pajjiżi jew reġjuni oħrajn, kif ukoll se jipproduċi molekoli ekoloġiċi (bħal pereżempju l-idroġenu). It-tielet, huwa mistenni jaġixxi bħala bażi operattiva u ta’ manutenzjoni għall-operazzjonijiet offshore kif ukoll għal skopijiet pubbliċi oħrajn (pereżempju billi jkollu antenni 5G jew tagħmir tar-radar).

B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta’ żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
15	Qafas regolatorju għas-swieq tal-H_2 u tas-CO_2 (R-1.04)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' liġi ġdida dwar il-gass u r-regolamenti relatati li jippermettu l-iżvilupp tas-suq tal-H_2 u tas-CO_2	Il-pubblikazzjoni tal-Liġi l-Ġdida dwar il-Gass u tar-regolamenti relatati kollha (il-Ġurnal Uffiċjali)				Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' Liġi l-Ġdida dwar il-Gass u r-regolamenti relatati kollha li: - jippermettu l-iżvilupp tas-suq tal-H_2 u tas-CO_2, - ikopru s-suġġetti tas-superviżjoni, tal-aċċess mhux diskriminatorju u tat-tariffi.
16	In-network għall-H_2 u għas-CO_2 (I-1.14)	Stadju importanti	L-adozzjoni tal-pjan ta' investiment għall-infrastruttura ewlenija tal-H_2 u tas-CO_2.	L-adozzjoni tal-pjan ta' investiment mill-Gvern Federali għal network għall-H_2 u għas-CO_2				Q1	2022	L-adozzjoni mill-Gvern Federali tal-pjan ta' investiment imsejjaħ "Network għall-H_2 u għas-CO_2", ibbażat fuq il-ħtiġijiet tas-suq biex jiġu żviluppati l-ewwel raggruppamenti għall-proġetti ewlenin tal-H_2 u tas-CO_2, wara konsultazzjoni mal-korp regolatorju kompetenti (CREG). Il-pjan ta' investiment għandu jkun fih għażla ta' proposti għal proġetti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin: *(Il-kundizzjonijiet DNSH)* għall-pipelines tal-H_2 għandhom jiġu ssodisfati: 1. Il-kostruzzjoni jew l-operat ta' networks ġodda ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni speċifiċi għall-idroġenu (taħt dan il-punt għandhom jaqgħu wkoll l-espansjoni tal-

										pipelines eżistenti apposta għall-idroġenu u l-bidliet li saru f'dawn il-pipelines biex jiġu żgurati aktar punti ta' konnessjoni u metodoloġija ta' aċċess miftuħ); 2. Il-konverżjoni/l-adattament mill-ġdid tan-networks tal-gass naturali eżistenti għal 100 % idroġenu; *(Il-kundizzjonijiet DNSH)* għall-pipelines tas-CO_2 għandhom jiġu ssodisfati: 1. Is-CO_2 ttrasportat mill-installazzjoni fejn jinqabad sal-punt tal-injezzjoni ma jwassalx għal tnixxijiet ta' CO_2 ta' aktar minn 0,5 % tal-massa tas-CO_2 ttrasportat. 2. Is-CO_2 jitwassal f'sit tal-ħżin tas-CO_2 permanenti li jissodisfa l-kriterji għall-ħżin ġeoloġiku taħt l-art tas-CO_2 kif stabbiliti fit-Taqsima 5.12 ta' dak l-Anness; jew għal modalitajiet oħra ta' trasport, li jwasslu għal sit tal-ħżin tas-CO_2 permanenti li jissodisfa dawk il-kriterji. 3. Jiġu applikati sistemi xierqa li jidentifikaw it-tnixxijiet, u jkun hemm fis-seħħ pjan ta' monitoraġġ, bir-rapporti jiġu ivverifikati minn parti terza indipendenti. 4. Fejn jiġu installati assi li jżidu l-flessibbiltà u jtejbu l-ġestjoni ta' network eżistenti, l-installazzjoni tkun eliġibbli.
17	In-network għall-H_2 u għas-CO_2 (I-1.14)	Mira	Il-bini u l-operat ta' pipeline ta' 150 km għall-H_2 u għas-CO_2	Approvat ir-Rapport tal-Proġett Finali	km	0	150	Q2	2026	Il-bini u l-operat ta' 150 km ta' pipeline għall-H_2 u għas-CO_2 (jew pipelines li sa issa kienu jintużaw għat-trasport ta' gassijiet oħra u li ngħataw funzjoni ġdida). *(Il-kundizzjonijiet DNSH)* għall-pipelines tal-H_2 għandhom jiġu ssodisfati: 1. il-kostruzzjoni jew l-operat ta' networks ġodda ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni speċifiċi għall-idroġenu (f'dan il-punt għandhom jaqgħu wkoll l-espansjoni tal-pipelines eżistenti apposta għall-idroġenu u l-bidliet li saru f'dawn il-pipelines biex jiġu żgurati aktar punti ta'

										konnessjoni u metodoloġija ta' aċċess miftuħ); 2. il-konverżjoni/l-adattament mill-ġdid tan-networks tal-gass naturali eżistenti għal 100 % idroġenu; *(Il-kundizzjonijiet DNSH)* għall-pipelines tas-CO_2 għandhom jiġu ssodisfati: 1. Is-CO_2 ttrasportat mill-installazzjoni fejn jinqabad sal-punt tal-injezzjoni ma jwassalx għal tnixxijiet ta' CO_2 ta' aktar minn 0,5 % tal-massa tas-CO_2 ttrasportat. 2. Is-CO_2 jitwassal f'sit tal-ħżin tas-CO_2 permanenti li jissodisfa l-kriterji għall-ħżin ġeoloġiku taħt l-art tas-CO_2 kif stabbiliti fit-Taqsima 5.12 ta' dak l-Anness; jew għal modalitajiet oħra ta' trasport, li jwasslu għal sit tal-ħżin tas-CO_2 permanenti li jissodisfa dawk il-kriterji. 3. Jiġu applikati sistemi xierqa li jidentifikaw it-tnixxijiet, u jkun hemm fis-seħħ pjan ta' monitoraġġ, bir-rapporti jiġu ivverifikati minn parti terza indipendenti. 4. Fejn jiġu installati assi li jżidu l-flessibbiltà u jtejbu l-ġestjoni ta' network eżistenti, l-installazzjoni tkun eliġibbli.
18	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.15)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti skont is-sejħa għall-offerti	Notifika bil-miktub tal-għoti ta' kuntratti lill-applikanti li rnexxew				Q2	2022	L-għoti ta' kuntratti taħt is-sejħa għall-offerti "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu" (fil-livell federali). Il-proġetti għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa għall-offerti, li għandha tkopri l-impjanti ta' dimostrazzjoni għall-produzzjoni nadifa tal-idroġenu kif ukoll l-użu tal-idroġenu, pereżempju fil-bastimenti, sakemm dawn il-proġetti jkunu jaqgħu taħt il-kompetenza tal-gvern federali. Fir-rigward tal-impjanti ta' dimostrazzjoni għall-produzzjoni nadifa tal-idroġenu, is-sejħa għandha tkun miftuħa għat-teknoloġiji kollha bi proċessi b'emissjonijiet żero, bħall-elettroliżi mħaddma bl-elettriku rinnovabbli, il-piroliżi.

										Is-sejħiet għall-offerti għall-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (RuI) għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin: - Ir-riċerka u l-innovazzjoni jiffokaw esklussivament jew primarjament fuq opzjonijiet b'impatt baxx (bħal pereżempju l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jew innovazzjonijiet ambjentali oħra mingħajr emissjonijiet) jew - Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom l-għan li jtejbu l-aqwa teknoloġija (bħal pereżempju t-teknoloġiji bl-aktar impatt limitat (iżda mhux b'impatt żero/baxx) fost dawk disponibbli bħalissa), u qed jitwaqqfu miżuri xierqa ta' akkumpanjament biex jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament (miżuri li jippermettu l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'impatt baxx, jew l-iżvilupp tagħhom); jew - Ir-riżultati tal-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni huma teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom (jiġifieri jistgħu jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli) - L-elettriku kollu użat fil-proġetti huwa ta' oriġini ekoloġika (bħal pereżempju l-użu tal-enerġija rinnovabbli) jew ibbażat fuq il-PPAs ekoloġiċi.

19	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.15)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti skont it-tieni sejħa għall-offerti	Notifika bil-miktub tal-għotijiet ta' kuntratti lill-applikanti li rnexxew				Q2	2023	L-għoti ta' kuntratti taħt it-tieni sejħa għall-offerti għal "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu" (fil-livell federali). Il-proġetti għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa għall-offerti, li għandha tkopri l-impjanti ta' dimostrazzjoni għall-produzzjoni nadifa tal-idroġenu kif ukoll l-użu tal-idroġenu, pereżempju fil-bastimenti, sakemm dawn il-proġetti jkunu jaqgħu fil-kompetenza tal-gvern federali. Fir-rigward tal-impjanti ta' dimostrazzjoni għall-produzzjoni nadifa tal-idroġenu, is-sejħa għandha tkun miftuħa għat-teknoloġiji kollha bi proċessi b'emissjonijiet żero, bħall-elettroliżi mħaddma bl-elettriku rinnovabbli, il-piroliżi. Is-sejħa għall-offerti għall-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (RuI) li għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin: - Ir-riċerka u l-innovazzjoni jiffokaw esklussivament jew primarjament fuq opzjonijiet b'impatt baxx (bħal pereżempju l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jew innovazzjonijiet ambjentali oħra mingħajr emissjonijiet); jew - Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom l-għan li jtejbu l-aqwa teknoloġija (bħal pereżempju t-teknoloġiji bl-aktar impatt limitat (iżda mhux b'impatt żero/baxx) fost dawk disponibbli bħalissa), u qed jitwaqqfu miżuri xierqa ta' akkumpanjament biex jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament (miżuri li jippermettu l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'impatt baxx, jew l-iżvilupp tagħhom); jew - Ir-riżultati tal-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni huma teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom (jiġifieri jistgħu jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli)

										- L-elettriku kollu użat fil-proġetti huwa ta' oriġini ekoloġika (bħal pereżempju l-użu tal-enerġija rinnovabbli) jew ibbażat fuq il-PPAs ekoloġiċi.
20	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.15)	Stadju importanti	It-tlestija tal-proġetti kollha mogħtija fis-sejħiet għall-offerti	Approvat ir-Rapport tal-Proġett Finali				Q4	2025	It-tlestija tal-proġetti mogħtija fis-sejħa għall-offerti għal "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu" (fil-livell federali), bl-eżekuzzjoni ta' EUR 45 000 000. Huma esklużi: l-attivitajiet kollha taħt l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS, Emission Trading Scheme) b'emissjonijiet ekwivalenti ta' CO_2 proġettati li mhux se jkunu sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas. Is-sejħa għall-offerti għall-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (RuI) li għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin: - Ir-riċerka u l-innovazzjoni jiffokaw esklussivament jew primarjament fuq opzjonijiet b'impatt baxx (bħal pereżempju l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jew innovazzjonijiet ambjentali oħra mingħajr emissjonijiet); jew - Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom l-għan li jtejbu l-aqwa teknoloġija (bħal pereżempju t-teknoloġiji bl-aktar impatt limitat (iżda mhux b'impatt żero/baxx) fost dawk disponibbli bħalissa), u qed jitwaqqfu miżuri xierqa ta'

										akkumpanjament biex jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament (miżuri li jippermettu l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'impatt baxx, jew l-iżvilupp tagħhom); jew - Ir-riżultati tal-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni huma teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom (jiġifieri jistgħu jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli) - L-elettriku kollu użat fil-proġetti huwa ta' oriġini ekoloġika (bħal pereżempju l-użu tal-enerġija rinnovabbli) jew ibbażat fuq il-PPAs ekoloġiċi.
21	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.16)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti IPCEI dwar l-idroġenu	Notifika bil-miktub tal-għoti ta' kuntratti lill-applikanti li rnexxew				Q4	2022	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti IPCEI dwar l-idroġenu (definiti bħala dawk il-proġetti li huma s-suġġett ta' notifika dwar għajnuna mill-Istat għal IPCEI) taħt il-miżura "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu" (il-Flanders). Huma eskluży mill-proġetti magħżula: l-attivitajiet kollha bl-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS, Emission Trading Scheme) b'emissjonijiet ekwivalenti ta' CO_2 proġettati li mhux se jkunu sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas. Il-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (RuI) magħżula għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin: - Ir-riċerka u l-innovazzjoni jiffokaw esklussivament jew primarjament fuq opzjonijiet b'impatt baxx (bħal pereżempju l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jew innovazzjonijiet ambjentali oħra mingħajr emissjonijiet); jew - Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom l-għan li jtejbu l-aqwa teknoloġija (bħal pereżempju t-teknoloġiji bl-aktar impatt limitat (iżda mhux b'impatt żero/baxx) fost dawk disponibbli bħalissa), u qed jitwaqqfu miżuri xierqa ta'

										akkumpanjament biex jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament (miżuri li jippermettu l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'impatt baxx, jew l-iżvilupp tagħhom); jew - Ir-riżultati tal-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni huma teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom (jiġifieri jistgħu jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli) - L-elettriku kollu użat fil-proġetti huwa ta' oriġini ekoloġika (bħal pereżempju l-użu tal-enerġija rinnovabbli) jew ibbażat fuq il-PPAs ekoloġiċi.
22	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.16)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti li mhumiex proġetti importanti dwar l-idroġenu ta' interess Ewropew komuni	Notifika bil-miktub tal-għoti ta' kuntratti lill-applikanti li rnexxew				Q4	2022	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti addizzjonali li mhumiex proġett importanti dwar l-idroġenu ta' interess Ewropew komuni Huma esklużi mill-proġetti magħżula: l-attivitajiet kollha bl-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS, Emission Trading Scheme) b'emissjonijiet ekwivalenti ta' CO_2 proġettati li mhux se jkunu sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas. Il-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (RuI) magħżula għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin: - Ir-riċerka u l-innovazzjoni jiffokaw esklussivament jew primarjament fuq opzjonijiet b'impatt baxx (bħal pereżempju l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jew innovazzjonijiet ambjentali oħra mingħajr emissjonijiet); jew - Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom l-għan li jtejbu l-aqwa teknoloġija (bħal pereżempju t-teknoloġiji bl-aktar impatt limitat (iżda mhux b'impatt żero/baxx) fost dawk disponibbli bħalissa), u qed jitwaqqfu miżuri xierqa ta' akkumpanjament biex jiġu evitati l-effetti ta'

										intrappolament (miżuri li jippermettu l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'impatt baxx, jew l-iżvilupp tagħhom); jew - Ir-riżultati tal-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni huma teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom (jiġifieri jistgħu jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli) - L-elettriku kollu użat fil-proġetti huwa ta' oriġini ekoloġika (bħal pereżempju l-użu tal-enerġija rinnovabbli) jew ibbażat fuq il-PPAs ekoloġiċi.
23	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.16)	Stadju importanti	It-tlestija tal-proġetti mogħtija fis-sejħa għall-offerti	Approvat ir-Rapport tal-Proġett Finali				Q2	2026	It-tlestija tal-proġetti mogħtija fis-sejħa għall-offerti għal "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu" (il-Flanders), bl-eżekuzzjoni ta' EUR 112 500 000, inkluża l-kapaċità l-ġdida operattiva tal-elettroliżi tal-idroġenu ta' 150 MW. Il-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (RuI) mogħtija għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin: - Ir-riċerka u l-innovazzjoni jiffokaw esklussivament jew primarjament fuq opzjonijiet b'impatt baxx (bħal pereżempju l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jew innovazzjonijiet ambjentali oħra mingħajr emissjonijiet); jew - Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom l-għan li jtejbu l-aqwa teknoloġija (bħal pereżempju t-teknoloġiji bl-aktar impatt limitat (iżda mhux b'impatt żero/baxx) fost dawk disponibbli bħalissa), u qed jitwaqqfu miżuri xierqa ta' akkumpanjament biex jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament (miżuri li jippermettu l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'impatt baxx, jew l-iżvilupp tagħhom); jew - Ir-riżultati tal-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni huma teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni

										tagħhom (jiġifieri jistgħu jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli) - L-elettriku kollu użat fil-proġetti huwa ta' oriġini ekoloġika (bħal pereżempju l-użu tal-enerġija rinnovabbli) jew ibbażat fuq il-PPAs ekoloġiċi.
24	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.17)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti IPCEI dwar l-idroġenu	Notifika bil-miktub tal-għoti ta' kuntratti lill-applikanti li rnexxew				Q1	2022	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti IPCEI dwar l-idroġenu (definiti bħala dawk il-proġetti li huma s-suġġett tan-notifika dwar għajnuna mill-Istat għal IPCEI) taħt il-miżura "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu" (il-Wallonia). L-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għal proposti ta' proġetti għandhom jiżguraw l-esklużjoni tal-attivitajiet kollha taħt l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) b'emissjonijiet ekwivalenti ta' CO_2 proġettati li mhux se jkunu sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas. Il-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (RuI) mogħtija għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin: - Ir-riċerka u l-innovazzjoni jiffokaw esklussivament jew primarjament fuq opzjonijiet b'impatt baxx (bħal pereżempju l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jew innovazzjonijiet ambjentali oħra mingħajr emissjonijiet); jew - Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom l-għan li jtejbu l-aqwa teknoloġija (bħal pereżempju t-teknoloġiji bl-aktar impatt limitat (iżda mhux b'impatt żero/baxx) fost dawk disponibbli bħalissa), u qed jitwaqqfu miżuri xierqa ta' akkumpanjament biex jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament (miżuri li jippermettu l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'impatt baxx, jew l-iżvilupp tagħhom); jew - Ir-riżultati tal-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni huma

										teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom (jiġifieri jistgħu jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli) - L-elettriku kollu użat fil-proġetti huwa ta' oriġini ekoloġika (bħal pereżempju l-użu tal-enerġija rinnovabbli) jew ibbażat fuq il-PPAs ekoloġiċi.
25	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.17)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti li mhumiex IPCEI	Notifika bil-miktub tal-għoti ta' kuntratti lill-applikanti li rnexxew				Q1	2023	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti addizzjonali li mhumiex IPCEI. L-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għal proposti ta' proġetti għandhom jiżguraw l-esklużjoni tal-attivitajiet kollha taħt l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) b'emissjonijiet ekwivalenti ta' CO_2 proġettati li mhux se jkunu sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas. Il-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (RuI) mogħtija għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin: - Ir-riċerka u l-innovazzjoni jiffokaw esklussivament jew primarjament fuq opzjonijiet b'impatt baxx (bħal pereżempju l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jew innovazzjonijiet ambjentali oħra mingħajr emissjonijiet); jew - Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom l-għan li jtejbu l-aqwa teknoloġija (bħal pereżempju t-teknoloġiji bl-aktar impatt limitat (iżda mhux b'impatt żero/baxx) fost dawk disponibbli bħalissa), u qed jitwaqqfu miżuri xierqa ta' akkumpanjament biex jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament (miżuri li jippermettu l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'impatt baxx, jew l-iżvilupp tagħhom); jew - Ir-riżultati tal-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni huma teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni

										tagħhom (jiġifieri jistgħu jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli) L-elettriku kollu użat fil-proġetti huwa ta' oriġini ekoloġika (bħal pereżempju l-użu tal-enerġija rinnovabbli) jew ibbażat fuq il-PPAs ekoloġiċi.
26	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.17)	Stadju importanti	It-tlestija tal-proġetti kollha (IPCEI u dawk li mhumiex IPCEI) mogħtija permezz tas-sejħa għall-offerti	Approvat ir-Rapport tal-Proġett Finali				Q2	2026	It-tlestija tal-proġetti kollha mogħtija fis-sejħa għall-offerti għal "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu" (il-Wallonia), bl-eżekuzzjoni ta' EUR 105 500 000, inkluż il-bidu tal-operat tal-kapaċità ta' mill-inqas 1 MW għall-elettroliżi ekoloġika (inkluża l-infrastruttura). Huma esklużi: l-attivitajiet kollha taħt l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS, Emission Trading Scheme) b'emissjonijiet ekwivalenti ta' CO_2 proġettati li mhux se jkunu sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas. Il-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (RuI) mogħtija għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin: - Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom jiffokaw esklussivament jew primarjament fuq opzjonijiet b'impatt baxx (bħal pereżeżempju l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jew innovazzjonijiet ambjentali oħra mingħajr emissjonijiet bħall-piroliżi); jew - Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom l-għan li jtejbu l-aqwa teknoloġija (bħal pereżempju t-teknoloġiji bl-aktar impatt limitat (iżda mhux b'impatt żero/baxx) fost dawk disponibbli bħalissa), u qed jitwaqqfu miżuri xierqa ta'

										akkumpanjament biex jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament (miżuri li jippermettu l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'impatt baxx, jew l-iżvilupp tagħhom); jew - Ir-riżultati tal-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni huma teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom (jiġifieri jistgħu jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli) - L-elettriku kollu użat fil-proġetti huwa ta' oriġini ekoloġika (bħal pereżempju l-użu tal-enerġija rinnovabbli) jew ibbażat fuq il-PPAs ekoloġiċi.
27	L-iżvilupp ta' industrija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (I-1.18)	Stadju importanti	L-Għoti tal-Kuntratti	Notifika bil-miktub tal-għoti ta' kuntratti lill-applikanti li rnexxew				Q2	2022	L-għoti ta' kuntratti permezz tal-miżura "L-iżvilupp ta' industrija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju". L-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għal proposti ta' proġetti għandhom jiżguraw l-esklużjoni tal-attivitajiet kollha taħt l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) b'emissjonijiet ekwivalenti ta' CO_2 proġettati li mhux se jkunu sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas. Il-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (RuI) mogħtija għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin: - Ir-riċerka u l-innovazzjoni jiffokaw esklussivament jew primarjament fuq opzjonijiet b'impatt baxx (bħal pereżempju l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jew innovazzjonijiet ambjentali oħra mingħajr emissjonijiet); jew - Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom l-għan li jtejbu l-aqwa teknoloġija (bħal pereżempju t-teknoloġiji bl-aktar impatt limitat (iżda mhux b'impatt żero/baxx) fost dawk disponibbli bħalissa), u qed jitwaqqfu miżuri xierqa ta' akkumpanjament biex jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament (miżuri li jippermettu l-adozzjoni ta'

										teknoloġiji b'impatt baxx, jew l-iżvilupp tagħhom); jew - Ir-riżultati tal-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni huma teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom (jiġifieri jistgħu jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli) - L-elettriku kollu użat fil-proġetti huwa ta' oriġini ekoloġika (bħal pereżempju l-użu tal-enerġija rinnovabbli) jew ibbażat fuq il-PPAs ekoloġiċi. Għandu jiġi pprovdut pjan mill-gvern ta' Walloon (SPW EER) li juri: li l-użu tal-gass naturali importat għandu jkun tranżitorju u - li hemm żieda fl-użu tal-bijogass/tal-gass tal-minjieri
28	L-iżvilupp ta' industrija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (I-1.18)	Stadju importanti	It-tlestija tal-proġetti mogħtija fis-sejħa għall-offerti	Approvat ir-Rapport tal-Proġett Finali				Q2	2026	It-tlestija ta' proġetti mogħtija permezz tas-sejħa għall-offerti "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu", bl-eżekuzzjoni ta' EUR 45 000 000, inkluż it-tlestija ta' proġett ta' dimostrazzjoni b'potenzjal teoretiku fit-tul ta' żewġ miljun tunnellata ta' tnaqqis ta' CO_2 fis-sena. Ir-rapport tal-proġett finali għandu juri li: L-elettriku kollu użat fil-proġetti huwa ta' oriġini ekoloġika (bħal pereżempju l-użu tal-enerġija rinnovabbli) jew ibbażat fuq il-PPAs ekoloġiċi. - L-użu tal-gass naturali importat kien tranżitorju u ġie pprovdut pjan biex jiżdied l-użu tal-bijogass/tal-gass tal-minjieri.
29	Pjattaforma ta' riċerka għat-tranżizzjoni tal-enerġija (I-	Stadju importanti	Il-ħruġ ta' offerti pubbliċi għat-	Il-ħruġ ta' offerti pubbliċi				Q1	2023	Il-ħruġ ta' offerti pubbliċi għall-akkwist tat-tagħmir ikkonċernat fil-proġett "Pjattaforma ta' riċerka għat-tranżizzjoni tal-enerġija" (Fedération Wallonie-Bruxelles) li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-

	1.19)		tagħmir.							attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni (RuI) maħsuba: - Ir-riċerka u l-innovazzjoni jiffokaw esklussivament jew primarjament fuq opzjonijiet b'impatt baxx (bħal pereżempju l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jew innovazzjonijiet ambjentali mingħajr emissjonijiet); jew - Ir-riċerka u l-innovazzjoni għandhom l-għan li jtejbu l-aqwa teknoloġija (bħal pereżempju t-teknoloġiji bl-aktar impatt limitat (iżda mhux b'impatt żero/baxx) fost dawk disponibbli bħalissa), u qed jitwaqqfu miżuri xierqa ta' akkumpanjament biex jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament (miżuri li jippermettu l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'impatt baxx, jew l-iżvilupp tagħhom); jew - Ir-riżultati tal-proċess tar-riċerka u l-innovazzjoni huma teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom (jiġifieri jistgħu jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli).
30	Pjattaforma ta' riċerka għat-tranżizzjoni tal-enerġija (I-1.19)	Stadju importanti	L-akkwist ta' tagħmir	Rapport tal-Proġett Finali approvat				Q4	2025	L-eżekuzzjoni ta' EUR 23 850 000 hekk kif jiġi akkwistat it-tagħmir, u ż-2 650 000 li jifdal ġew ordnati.
31	Networks tas-sħana rinnovabbli (I-1.20)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti tas-sħana rinnovabbli jew proġetti tas-sħana mormija	Notifika bil-miktub tal-għoti ta' kuntratti lill-applikanti li rnexxew (VEKA)				Q1	2023	L-għoti ta' kuntratti permezz ta' sejħiet għal proġetti tas-sħana rinnovabbli jew tas-sħana mormija taħt il-miżura "Networks tas-sħana rinnovabbli (il-Flanders)". L-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għal proposti ta' proġetti għandhom jiżguraw l-esklużjoni tal-attivitajiet kollha taħt l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) b'emissjonijiet ekwivalenti ta' CO_2 proġettati li mhux se jkunu sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas.
32	Networks tas-sħana	Stadju importanti	It-tlestija tal-proġetti	Approvat ir-Rapport tal-				Q2	2026	It-tlestija ta' proġetti mogħtija taħt is-sejħa għall-offerti "Networks tas-sħana rinnovabbli" (il-Flanders), bl-

	rinnovabbli (I-1.20)		mogħtija fis-sejħa għall-offerti	Proġett Finali (VEKA)						eżekuzzjoni ta' EUR 39 870 000. Huma esklużi: l-attivitajiet kollha taħt l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS, Emission Trading Scheme) b'emissjonijiet ekwivalenti ta' CO_2 proġettati li mhux se jkunu sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas.
33	Gżira tal-enerġija offshore (I-1.21)	Stadju importanti	It-tlestija tal-FEED u tal-istudji ambjentali	Il-pubblikazzjoni tal-FEED u tal-istudji ambjentali				Q4	2022	It-tlestija tal-FEED (Front-end engineering design (Disinn tal-inġinerija tat-tip front-end)) u tal-istudji ambjentali għall-miżura "Gżira tal-enerġija offshore". Il-gżira trid tkun lesta għal kejbils ta' konnessjoni offshore maż-żona Prinċipessa Elisabeth għall-produzzjoni tal-enerġija mir-riħ offshore. Fil-ġejjieni l-gżira għandha tippermetti interkonnessjoni ma' pajjiż(i) ieħor/oħrajn.
34	Gżira tal-enerġija offshore (I-1.21)	Stadju importanti	Il-permessi għal gżira tal-enerġija ħarġu	Il-permessi għal gżira tal-enerġija ħarġu				Q3	2023	Il-konsorzju kiseb permessi għal xogħlijiet marbutin mal-gżira tal-enerġija fil-Baħar tat-Tramuntana li fiha ħames ettari ta' superfiċje utli, u permessi għall-użu ta' kejbils ta' konnessjoni offshore maż-żona Prinċipessa Elisabeth għall-produzzjoni tal-enerġija mir-riħ offshore.
35	Gżira tal-enerġija offshore (I-1.21)	Stadju importanti	It-tlestija tax-xogħlijiet	Approvat ir-Rapport tal-Proġett Finali (CREG)				Q2	2025	Ix-xogħlijiet relatati mal-gżira tal-enerġija, li fiha ħames ettari ta' superfiċje utli u l-kejbils ta' konnessjoni offshore maż-żona Prinċipessa Elisabeth għall-produzzjoni tal-enerġija mir-riħ offshore huma lesti. Fil-ġejjieni l-gżira għandha tippermetti interkonnessjoni ma' pajjiż(i) ieħor/oħrajn.

C. KOMPONENT 1.3: IL-KLIMA U L-AMBJENT

Il-miżuri f'dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom l-għan li jikkonservaw u jreġġgħu għal kif kienet il-bijodiversità billi jiżguraw l-użu sostenibbli u jreġġgħu għal kif kienu l-foresti, il-marġijiet, il-mergħat u l-bwar. Il-miżuri ta' dan il-komponent jikkontribwixxu wkoll għas-sekwestru tas-CO_2. Barra minn hekk, il-miżuri jħejju għall-impatti tat-tibdil fil-klima billi jtejbu l-ġestjoni tal-ilma u l-infrastruttura ekoloġika. B'riżultat ta' dan, ir-reżiljenza għan-nixfa u għax-xita qawwija għandha tiżdied, u dan iwassal għal benefiċċji għall-agrikoltura, it-turiżmu, iċ-ċittadini u l-ambjent kollu kemm hu.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019, li tistieden lill-Belġju biex jiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq, fost l-oħrajn, it-tranżizzjoni lejn livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju u t-tranżizzjoni tal-enerġija, kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020 biex l-investiment ikun iffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

L-investiment I-1.22: "Il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima" tar-Reġjun ta' Waloon

L-investiment għandu l-għan li jappoġġa l-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistemi, li għandhom itejbu l-kapaċità tal-ħżin tal-karbonju u r-reżiljenza għall-effetti tat-tibdil fil-klima bħall-għargħar u n-nixfiet. Il-miżura tikkonsisti f'erba' subazzjonijiet: (1) appoġġ lis-sidien tal-foresti għar-riġenerazzjoni tal-foresti, (2) it-tisħiħ tan-network taż-żoni protetti fil-qafas ta' azzjoni prijoritarja għall-protezzjoni ta' ċerti speċijiet u ħabitati, (3) il-ħolqien ta' żewġ parks nazzjonali fil-Wallonia u (4) ir-riserpeġġjar u l-ħolqien ta' artijiet mistagħdra. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-1.23: "Id-deframmentazzjoni ekoloġika" tar-Reġjun Fjamming

Dan l-investiment fid-deframmentazzjoni ekoloġika tal-infrastruttura tat-trasport reġjonali eżistenti għandu jikkontribwixxi għar-restawr tal-ekosistemi u l-iżvilupp ta' network koerenti tan-natura fil-Flanders. Il-miżura tinkludi 15-il proġett konkret għal rotot (eco-ducts) u mini (eco-tunnels) ekoloġiċi (studji preparatorji jew xogħlijiet ta' kostruzzjoni). L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-1.24: "Il-Blue Deal" tar-Reġjun Fjamming

L-investiment fil-Blue Deal huwa parti minn pjan akbar ta' 80 proġett u azzjoni li jimmiraw għal tħejjija aħjar għal perjodi itwal ta' nixfa u għal perjodi ta' sħana estrema aktar frekwenti billi tiġi indirizzata l-problema tan-nixfa b'mod strutturali. Skont il-pjan, għandhom jiġu appoġġati disa' subazzjonijiet ta' natura differenti, li jindirizzaw atturi differenti, inklużi l-industrija, il-bdiewa u l-muniċipalitajiet. L-azzjonijiet ikopru: (A) proġetti dwar il-pajsaġġ għall-mitigazzjoni tan-nixfa, (B) programm ta' riċerka fl-agrikoltura, (C) żewġ proġetti dwar pompi u mgħalaq fil-passaġġi fuq l-ilma, (D) skema ta' appoġġ għall-ġestjoni tal-ilma għall-kumpaniji li jinvestu f'teknoloġiji innovattivi għall-iffrankar tal-ilma, (E) proġetti urbani ekoloġiċi ma' 15-il muniċipalità, (F) proġetti innovattivi dwar l-użu tal-ilma ċirkolari u l-monitoraġġ diġitali u sistemi intelliġenti ta' *data* dwar l-ilma, (G) l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura f'erba' żoni definiti, (H) 30 proġett għal passaġġi fuq l-

ilma ħodor-blu u (I) proġetti ta' restawr ta' art mistagħdra. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
36	Il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima (I-1.22)	Mira	Il-miżuri ta' ġestjoni tal-art ġew applikati (il-foresti, iż-żoni protetti) u l-proġetti ta' riserpeġġjar għadhom għaddejjin		ettaru	0	2340	Q2	2024	Il-miżuri ta' ġestjoni tal-art ġew applikati għal 2340 ettaru biex jitjiebu l-bijodiversità u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima fil-foresti u ż-żoni protetti, u qed isir progress fil-proġetti ta' riserpeġġjar. L-ebda wieħed mill-proġetti forestali ma għandu jinkludi operazzjonijiet ta' drenaġġ.
37	Il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima (I-1.22)	Mira	Il-miżuri ta' ġestjoni tal-art ġew applikati (il-foresti u ż-żoni protetti) u l-proġetti ta' riserpeġġjar lesti		ettaru	2340	8460	Q2	2026	Il-miżuri ta' ġestjoni tal-art ġew applikati għal 8460 ettaru biex jitjiebu l-bijodiversità u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima fil-foresti u ż-żoni protetti, u l-proġetti ta' riserpeġġjar lesti. L-ebda wieħed mill-proġetti forestali ma għandu jinkludi operazzjonijiet ta' drenaġġ.
38	Il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima (I-1.22)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti għall-ħolqien ta' żewġ parks nazzjonali	Notifika bil-miktub tal-għoti ta' kuntratti lill-applikanti li rnexxew				Q1	2023	L-għoti ta' kuntratti għal żewġ proġetti u notifika bil-miktub intbagħtet lill-applikanti li rnexxew mill-Ministru tal-Ambjent ta' Walloon wara s-sejħa għal proposta għal żewġ parks nazzjonali b'erja totali ta' bejn 5 000 u 15 000 ettaru.
39	Il-bijodiversità u l-adattament	Mira	It-tlestija ta' żewġ proġetti għal parks nazzjonali		proġetti	0	2	Q2	2026	It-tlestija tax-xogħlijiet infrastrutturali għal żewġ parks nazzjonali b'erja totali

	għat-tibdil fil-klima (I-1.22)									ta’ bejn 5 000 u 15 000 ettaru.
40	Id-deframmentazzjoni ekoloġika (I-1.23)	Mira	It-tlestija ta’ proġetti dwar id-deframmentazzjoni ekoloġika		proġetti	0	15	Q2	2026	It-tlestija tax-xogħlijiet infrastrutturali għal seba’ proġetti dwar id-deframmentazzjoni ekoloġika (bħal rotot (eco-ducts) u mini (eco-tunnels) ekoloġiċi) u t-tlestija ta’ tmien proġetti li jkopru biss il-fażijiet preparatorji (bħall-lokalizzazzjoni u l-fażijiet tad-disinn) għal tmien proġetti ta’ deframmentazzjoni futuri.
41	Patt Blu (I-1.24)	Stadju importanti	Il-bidu ta’ proġetti biex tissaħħaħ il-bijodiversità u/jew jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima.	Dokument kuntrattwali jew legali bil-miktub li juri li l-proġetti nbdew				Q2	2023	Dokument kuntrattwali jew legali bil-miktub iffirmat jew adottat li juri li nbdew 82 proġett minn 91 proġett għat-tisħiħ tal-bijodiversità u/jew għall-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima bħan-nixfa u l-għargħar: mal-35 proġett dwar il-pajsaġġ għall-mitigazzjoni tan-nixfa (il-proġetti A fid-deskrizzjoni tal-miżura), programm (wieħed) ta’ riċerka fl-agrikoltura (B), żewġ proġetti dwar pompi u mgħalaq fil-passaġġi fuq l-ilma (C), skema (waħda) ta’ appoġġ għall-ġestjoni tal-ilma (D), proġetti urbani ekoloġiċi (blu-ħodor) ma’ 15-il muniċipalità (E), żewġ moduli intelliġenti tad-*data* dwar l-ilma u proġetti tal-ilma ċirkolari (F), erba’ żoni għal soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura (G), 30 proġett għall-passaġġi fuq l-ilma ħodor-blu (H) u r-restawr ta’ art mistagħdra (I).

42	Patt Blu (I-1.24)	Stadju importanti	Ix-xiri ta’ art biex tissaħħaħ il-bijodiversità u/jew jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima.	Titoli ta’ proprjetà				Q4	2023	Ix-xiri finalizzat ta’ art għal proġetti ta’ restawr ta’ art mistagħdra (I) u għal żoni maħsuba għal soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura (G) (bejn wieħed u ieħor 2 000 ettaru)
43	Patt Blu (I-1.24)	Mira	It-tlestija ta’ proġetti tal-Patt Blu		proġetti	0	82	Q2	2026	It-tlestija ta’ 82 proġett minn 91 proġett tal-Patt Blu biex tiżdied ir-reżiljenza għan-nixfa (A, B, C, D, E, F, G, H, I), li jkopru 2 255 ettaru (A, E, G, H, I), il-bini ta’ erba’ installazzjonijiet tal-ippumpjar u r-restawr ta’ erba’ mgħalaq (C) u inkluża t-tlestija ta’ network operattiv ta’ monitoraġġ intelliġenti tal-ilma u proġetti tal-ilma ċirkolari (F).

D. KOMPONENT 2.1: ĊIBERSIGURTÀ

Dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jsaħħaħ ir-reżiljenza ċibernetika kumplessiva u jsaħħaħ it-tħejjija kontra kriżi ċibernetika fis-soċjetà Belġjana.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż 3, 2019 u 3, 2020 biex l-investiment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni diġitali, u r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż 4, 2019 u 3, 2020 biex jittejjeb l-ambjent tan-negozju.

D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

L-investiment I-2.01: "Soċjetà diġitali ċibersigura u reżiljenti" tal-Istat Federali

L-investiment jikkonsisti f'miżuri li (1) isaħħu l-kapaċitajiet ċibernetiċi tal-SMEs u ta' dawk li jaħdmu għal rashom permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà, sit web li joffri servizzi bħal scan ċibernetiku mingħajr ħlas biex jiġu identifikati malajr l-oqsma fejn tista' tijieb ir-reżiljenza ċibernetika u proġetti li jappoġġaw l-SMEs fil-qasam taċ-ċibersigurtà bħal dak tal-iskambju tal-aħjar prattiki, (2) jiġġieldu ċ-ċiberkriminalità permezz ta' twissijiet immirati lejn vulnerabbiltajiet ċibernetiċi u l-infezzjonijiet tal-IT għall-utenti tal-IT professjonali (Be Guard), reġistru online ta' siti web ivvalidati li jippermettu verifika rapida tal-affidabbiltà tas-siti web (Validated Web Sites), u kwestjonarju online biex tiġi evalwata l-maturità ċibernetika tan-negozji kif ukoll rakkomandazzjonijiet biex iżidu r-reżiljenza ċibernetika tagħhom (Cyber Fundamentals), (3) jiġġieldu il-phishing permezz ta' pjattaformi kontra l-phishing aġġornati u ġodda (StopPhishing), (4) jintroduċu qafas globali għall-governanza taċ-ċibersigurtà fid-Dipartiment tal-Affarijiet Barranin fuq il-bażi tan-normi ISO27000[3] u CIS20[4] u (5) joffru servizzi għar-reżiljenza ċibernetika lill-pubbliku Belġjan inġenerali, li jikkonsistu minn (i) servizzi li jindirizzaw il-każ f'attakk ċibernetiku fuq infrastrutturi u sistemi tal-IT ta' kumpaniji privati, ċittadini u s-servizzi tal-gvern u (ii) servizzi biex dawn l-attakki ċibernetiċi jiġu attribwiti għal xi ħadd (jiġifieri l-identifikazzjoni tal-organizzazzjoni jew tal-persuna li jkunu wettqu dan l-attakk) ġaladarba l-kapaċitajiet ċibernetiċi tal-Ministeru tad-difiża żdiedu, li huwa ċ-ċentru tal-amministrazzjoni Belġjana tal-ispeċjalisti taċ-ċibersigurtà fejn dawn l-attivitajiet huma ċentralizzati. L-operazzjonijiet militari ma għandhomx jiġu ffinanzjati u l-punt ċentrali tal-miżura huwa ċivili, b'servizzi mmirati li jipproteġu u jżidu r-reżiljenza ċibernetika u ċ-ċibersigurtà tas-soċjetà inġenerali, jiġifieri tan-negozji privati, taċ-ċittadini u tas-servizzi tal-gvern. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-2.02: "Iċ-ċibersigurtà: 5G" tal-Istat Federali

L-investiment huwa mistenni li jsaħħaħ il-kapaċitajiet ta' interċettazzjoni tal-komunikazzjonijiet privati mill-pulizija ġudizzjarja f'kuntest 5G minħabba investimenti f'pakkett għall-interċettazzjoni b'imblukkar u b'disturbazzjoni, sistemi li jaqbdu l-awdjo fi djar u f'vetturi, kapaċitajiet ta' lokalizzazzjoni u traċċar ta' vetturi u oġġetti, u sistema ta' trażmissjoni ta' immaġni miksuba waqt metodi ta' investigazzjoni speċjali. Dawn l-

[3] L-ISO27000 (magħruf ukoll bħala l-"Familja tal-Istandards ISMS" jew "ISO27K") jinkludi l-istandards tas-sigurtà tal-informazzjoni
ippubblikati b'mod konġunt mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO, International Organization for Standardization) u l-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (IEC, International Electrotechnical Commission).

[4] Il-kontrolli tas-Sigurtà Kritika tas-CIS 20 (iċ-Ċentru għas-Sigurtà tal-Internet) għal normi effettivi taċ-ċiberdifiża huma l-aħjar
linji gwida prattiċi għas-sigurtà tal-kompjuters.

investimenti għandhom jiġu adattati għall-5G. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

L-investiment I-2.03: "Iċ-ċibersigurtà: l-interċettazzjoni u s-salvagwardja mill-NTSU/mis-CTIF" tal-Istat Federali

L-investiment għandu jintroduċi reġistru diġitali għall-komunikazzjonijiet privati interċettati (Li-Vault) ġestit mill-Unità Nazzjonali ta' Appoġġ Tekniku u Tattiku tal-pulizija federali Belġjana, għall-użu mis-sistema ġudizzjarja, il-pulizija u s-servizzi tal-intelligence. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Mizura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
44	Soċjetà diġitali ċibersigura u reżiljenti (I-2.01)	Mira	Notifika ta' għotja ta' tmien offerti pubbliċi	Notifika bil-miktub tal-għoti mibgħuta lill-applikanti li rnexxew	Għotjiet għal offerti pubbliċi	0	8	Q4	2022	Notifika ta' għotjiet għal tmien offerti pubbliċi (i) mill-Ministeru tal-Ekonomija għall-istabbiliment tas-sit web li jippermetti lill-SMEs u lil dawk li jaħdmu għal rashom biex iwettqu scan ċibernetiku mingħajr ħlas biex jiġu identifikati malajr l-oqsma fejn tista' titjieb ir-reżiljenza ċibernetika, (ii) mill-Ministeru tal-Ekonomija għal kampanja ta' sensibilizzazzjoni annwali dwar iċ-ċibersigurtà mmirata lejn l-SMEs u dawk li jaħdmu għal rashom, (iii) miċ-Ċentru taċ-Ċibersigurtà għat-twaqqif ta' pjattaforma online fejn il-kumpaniji jistgħu jirreġistraw is-siti web tagħhom u ċ-ċertifikati vvalidati estiżi jistgħu jitqassmu biex il-viżitaturi ikunu jistgħu jidentifikaw malajr l-affidabbiltà tas-siti web, (iv) miċ-Ċentru taċ-Ċibersigurtà għat-twaqqif ta' pjattaforma fejn l-SMEs kbar jistgħu jagħmlu awtovalutazzjoni dwar il-maturità ċibernetika tagħhom fuq il-bażi ta' stħarriġ online; (V) mir-regolatur federali Belġjan tat-telekomunikazzjoni għall-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet kontra l-phishing tal-posta elettronika, (vi) SMS, (vii) telefonati frawdolenti u (viii) messaġġi ta' senjalazzjoni frawdolenti fl-

										infrastruttura tal-operaturi tat-telekomunikazzjoni.
45	Soċjetà diġitali ċibersigura u reżiljenti (I-2.01)	Stadju importanti	It-twettiq tal-ewwel kampanja ta' sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà	L-ewwel kampanja ta' sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà, mmirata lejn l-SMEs u l-persuni li jaħdmu għal rashom, fir-rigward tar-riskji ta' reżiljenza ċibernetika twettqet				Q4	2022	L-ewwel kampanja ta' sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà, mmirata lejn l-SMEs u l-persuni li jaħdmu għal rashom, fir-rigward tar-riskji ta' reżiljenza ċibernetika twettqet u tnieda s-sit web. Dan is-sit web għandu joffri scan ċibernetiku bla ħlas lill-SMEs u lil dawk li jaħdmu għal rashom biex jidentifikaw malajr oqsma fejn tista' tittejjeb ir-reżiljenza ċibernetika.
46	Soċjetà diġitali ċibersigura u reżiljenti (I-2.01)	Mira	L-istrumenti biex tiżdied ir-reżiljenza ċibernetika huma disponibbli għall-pubbliku ġenerali		Għadd ta' strumenti	0	4	Q4	2023	Hemm disponibbli għall-pubbliku ġenerali erba' għodod li huma mmirati biex iżidu l-kapaċitajiet ta' reżiljenza ċibernetika, jiġifieri (i) BeGuard, (ii) is-Siti Web Ivvalidati; (iii) rakkomandazzjonijiet fundamentali ċibernetiċi (cyber fundamentals), u (iv) StopPhishing.
47	Soċjetà diġitali ċibersigura u reżiljenti (I-2.01)	Stadju importanti	Qafas globali għall-governanza taċ-ċibersigurtà fil-Ministeru tal-	Qafas globali għall-governanza taċ-ċibersigurtà fil-Ministeru tal-				Q4	2023	Hemm fis-seħħ qafas globali għall-governanza taċ-ċibersigurtà bbażat fuq in-normi ISO27000 u CIS20 u dan huwa implimentat fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

			ċibersigurtà fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin	Affarijiet Barranin implimentat u fis-seħħ						
48	Soċjetà diġitali ċibersigura u reżiljenti (I-2.01)	Stadju importanti	L-għoti ta' servizzi ta' reżiljenza ċibernetika lis-soċjetà Belġjana inġenerali mill-Ministeru tad-Difiża	Dħul fis-seħħ tal-pjattaforma tar-reżiljenza ċibernetika tal-Ministeru tad-Difiża u l-pubblikazzjoni ta' rapport dwar it-theddid ċibernetiku				Q2	2026	Il-kapaċitajiet ta' reżiljenza ċibernetika tal-Ministeru tad-Difiża huma msaħħa biex joffru servizzi ta' reżiljenza ċibernetika lis-soċjetà Belġjana inġenerali, inklużi ċ-ċittadini, in-negozji u s-servizzi ċivili. Dawn is-servizzi għandhom jitwasslu permezz ta' pjattaforma waħda li tintegra l-intelligence rilevanti dwar it-theddid ċibernetiku u permezz tas-sorveljanza fuq l-atturi li potenzjalment jirrappreżentaw it-theddid ċibernetiku. Din is-sorveljanza għandha tikkonsisti f'rapport perjodiku li jkun fih aġġornamenti dwar l-atturi ċibernetiċi.
49	Ċibersigurtà: 5G (I-2.02)	Stadju importanti	Kapaċitajiet ta' interċettazzjoni msaħħa tal-pulizija ġudizzjarja fil-kuntest tal-5G	Kapaċitajiet ta' interċettazzjoni msaħħa tal-pulizija ġudizzjarja fil-kuntest tal-5G fit-territorju Belġjan kollu permezz ta' ħames elementi operattivi				Q4	2025	Il-kapaċitajiet ta' interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet privati mill-pulizija ġudizzjarja fil-kuntest tal-5G huma msaħħa fit-territorju Belġjan kollu. Dan għandu jinkiseb permezz tad-dħul fis-seħħ ta' dan li ġej: - pakkett għall-interċettazzjoni b'mblukkar adattat għall-5G; - pakkett għall-interċettazzjoni b'disturbazzjoni adattat għall-5G; - sistemi għall-qbid tal-awdjo fi djar u f'vetturi adattati għall-5G; - kapaċitajiet ta' lokalizzazzjoni u ta' traċċar ta' vetturi u oġġetti adattati għall-5G; kif ukoll sistema ta' trażmissjoni ta' immaġni miksuba waqt

										metodi ta’ investigazzjoni speċjali.
50	Ċibersigurtà: interċettazzjoni u salvagwardja mill-NTSU/mis-CTIF (I-2.03)	Stadju importanti	Reġistru diġitali għall-komunikazzjonijiet privati interċettati ġestit mill-Unità Nazzjonali ta’ Appoġġ Tekniku u Tattiku tal-pulizija federali Belġjana	Dħul fis-seħħ tar-reġistru diġitali għall-komunikazzjonijiet privati interċettati				Q2	2025	Ir-reġistru diġitali għall-komunikazzjonijiet privati interċettati (Li-Vault) ġestit mill-Unità Nazzjonali ta’ Appoġġ Tekniku u Tattiku tal-pulizija federali Belġjana, operazzjonali u lesta għall-użu mis-sistema ġudizzjarja, il-pulizija u s-servizzi tal-intelligence.

E. KOMPONENT 2.2: L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA

Dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jżid l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika billi jiddiġitalizza s-servizzi tagħha.

Dan il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż 3, 2019 u 4, 2019 li jistiednu lill-Belġju biex jiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment, fost l-oħrajn, fuq id-diġitalizzazzjoni u biex inaqqas il-piż regolatorju u amministrattiv biex jinċentiva l-intraprenditorija. Huwa relatat ukoll mar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020 biex jittejjeb l-ambjent tan-negozju, biex jiġi antiċipat l-investiment pubbliku matur u biex l-investiment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni diġitali.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

L-investiment I-2.04: "Diġitalizzazzjoni tal-IPSS" tal-Istat Federali

Din il-miżura għandha l-għan li tħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet pubbliċi tas-sigurtà soċjali. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026. Din tikkonsisti fi tliet sottomiżuri:

L-investiment I-2.04: "Diġitalizzazzjoni tal-IPSS; is-sottomiżura 1: Pjattaforma diġitali għall-interazzjoni bejn is-Sigurtà Soċjali u ċ-ċittadini u n-negozji tal-Istat Federali

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jipprovdi aċċess aħjar għas-servizzi tas-sigurtà soċjali għaċ-ċittadini, in-negozji, inklużi l-persuni li jaħdmu għal rashom, u min-naħa l-oħra, biex jinkisbu gwadanji fil-prestazzjoni għall-amministrazzjonijiet u għan-negozji. L-investiment huwa maħsub ukoll biex f'kuntest Ewropew is-sigurtà soċjali Belġjana tkun aktar aċċessibbli. Dan l-investiment għandu jippermetti titjib fil-komunikazzjoni u l-iskambju tad-*data* fost l-istituzzjonijiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-kuntest tal-approvazzjoni tad-drittijiet, id-detezzjoni tal-frodi, it-trażmissjoni tal-formoli diġitali Ewropej u l-użu ta' numru ta' identifikazzjoni uniku għaċ-ċittadini Ewropej.

L-investiment I-2.04: "Diġitalizzazzjoni tal-IPSS, is-sottomiżura 2: Il-ġestjoni ta' kont diġitali għal kull kumpanija tal-Istat Federali

Dan l-investiment għandu jippermetti li jiġu diġitalizzati l-flussi finanzjarji bejn is-sigurtà soċjali u n-negozji, u l-intermedjarji finanzjarji u l-forniturи tas-servizzi potenzjali. Uħud mill-applikazzjonijiet għall-ġestjoni tal-kontijiet tal-impjegaturi jmorru lura għall-1979 u huma ferm eteroġenji. Dan jikkostitwixxi riskju teknoloġiku u uman. Ir-riforma tagħhom u l-istabbiliment ta' sistema ta' informazzjoni integrata, effiċjenti, li qed tevolvi u ta' kwalità għolja huma essenzjali għad-diġitalizzazzjoni u l-ftuħ ta' kontijiet tal-impjegaturi.

L-investiment I-2.04: "Diġitalizzazzjoni tal-IPSS, is-sottomiżura 3: It-titjib tal-kwalità tad-*data* għat-teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati u t-twettiq ta' pjattaforma indipendenti tas-sigurtà soċjali – INASTI" tal-Istat Federali

Din il-miżura tinkludi l-ħolqien ta' bażi tad-*data* ċentrali mill-*Institut national d'assurances sociales pour travailleurs indépendants* (INASTI), l-istituzzjoni tas-sigurtà soċjali għal dawk li jaħdmu għal rashom. Din il-bażi tad-*data* hija maħsuba biex tinkludi d-*data* kollha dwar il-karrieri, kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi kollha ta' dawk li jaħdmu għal rashom. Il-ħolqien ta' bażi tad-*data* unika għal persuni li jaħdmu għal rashom huwa prerekwiżit, biex l-INASTI toħloq pjattaforma tas-sigurtà soċjali għall-persuni li jaħdmu għal rashom. Permezz ta' din il-

pjattaforma, il-forniment ta' formoli elettroniċi interattivi u l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi bbażati fuq teknoloġiji ġodda għandhom jagħmluha possibbli li l-informazzjoni kollha dwar is-sigurtà soċjali tiġi rreġistrata fil-fajl "individwali" tal-persuni li jaħdmu għal rashom, li jista' jiġi kkonsultat immedjatament mill-partijiet interessati fi kwalunkwe ħin.

L-investiment I–2.05: "Diġitalizzazzjoni tal-SPF" tal-Istat Federali

Din il-miżura għandha l-għan li tħaffef id-diġitalizzazzjoni ta' servizzi amministrattivi differenti tal-Istat Federali. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026. Din tikkonsisti fi 12-il sottomiżura:

L-investiment I-2.05: "Diġitalizzazzjoni tal-SPF, is-sottomiżura 1: Trasformazzjoni diġitali tal-Ġustizzja" tal-Istat Federali

Din is-sottomiżura għandha l-għan li żżid il-livell ġenerali tad-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja Belġjana, li mistennija jkollha impatt pożittiv fuq l-effiċjenza ġenerali tagħha. Is-sottomiżura għandha l-għan li tindirizza d-diversi dgħufijiet identifikati billi tibda mid-diġitalizzazzjoni tal-proċessi interni. L-attenzjoni għandha tkun b'mod partikolari fuq l-investimenti biex jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet attwali u l-ineffiċjenzi billi tittejjeb il-ġestjoni tal-każijiet u titnieda l-awtomatizzazzjoni tal-ġbir tad-*data*. Barra minn hekk, il-proġett għandu l-għan li jżid ir-rata ta' pubblikazzjoni online ta' sentenzi li bħalissa hija baxxa u li hija essenzjali biex tgħin liċ-ċittadini u lin-negozji jikkonformaw mal-liġi.

L-investiment I-2.05: "Diġitalizzazzjoni tal-SPF, is-sottomiżura 2: Diġitalizzazzjoni tal-proċessi tal-ħidma ġudizzjarja " tal-Istat Federali

Din is-sottomiżura għandha l-għan li twieġeb għall-isfidi tekniċi u teknoloġiċi ffaċċjati mill-Pulizija Ġudizzjarja Federali f'operazzjonijiet dejjem aktar kumplessi. Is-sottomiżura għandha tippermetti li l-membri tal-pulizija ġudizzjarja federali jkunu effiċjenti: a) fis-soluzzjoni tal-problemi ffaċċjati llum bħad-dekriptaġġ, il-5G, ir-riċerka fuq l-internet; b) permezz ta' awtomazzjoni akbar ta' ċerti azzjonijiet u l-użu ta' għodod tal-intelliġenza artifiċjali; c) permezz ta' ġestjoni aħjar tad-*data* u fehim aħjar tad-*data* permezz tal-modernizzazzjoni taċ-ċentri forensiċi. Is-sottomiżura tinkludi x-xiri ta' soluzzjonijiet speċifiċi ta' software u tagħmir tal-IT (servers).

L-investiment I-2.05: "Diġitalizzazzjoni tal-SPF, is-sottomiżura 3: Appoġġ għall-iżvilupp ta' għodod diġitali u żieda fid-diġitalizzazzjoni tal-aġenzija tal-kummerċ barrani" tal-Istat Federali

Din is-sottomiżura għandha l-għan li tappoġġa l-kummerċ permezz tal-iżvilupp ta' għodod diġitali u żieda fid-diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija tal-Kummerċ Barrani biex tippermetti tranżizzjoni moderna u diġitali tas-servizzi federali inkarigati mill-promozzjoni tal-kummerċ barrani. Is-sottomiżura tinkludi l-iżvilupp ta' applikazzjoni speċifika u t-taħriġ korrispondenti għal 25 utent.

L-investiment I-2.05: "Diġitalizzazzjoni tal-SPF, is-sottomiżura 4: Ġestjoni tal-kriżijiet u sigurtà" tal-Istat Federali

Din is-sottomiżura għandha l-għan li tiżgura li ċ-Ċentru Nazzjonali għall-Kriżijiet jiġi pprovdut bil-kapaċità li jospita ħafna msieħba f'ċirkostanzi sikuri u siguri, u li dawn ikunu jistgħu jaqbdu mal-infrastruttura diġitali. Jeħtieġ li jiġi żviluppat network ta' komunikazzjoni ferm sikur u disponibbli fost l-imsieħba tas-sigurtà involuti fil-ġestjoni tal-kriżijiet nazzjonali sabiex tkun tista' tiġi rilaxxata l-informazzjoni kunfidenzjali u klassifikata. Għal dan il-għan, l-iżvilupp ta' infrastruttura diġitali ġdida għall-kriżijiet, network ta' komunikazzjoni sigur u pjattaforma għall-ġestjoni tal-kriżijiet huma inklużi fis-sottomiżura.

L-investiment I-2.05: "Diġitalizzazzjoni tal-SPF, is-sottomiżura 5: Bozar Diġitali" tal-Istat Federali

Din is-sottomiżura għandha l-għan li tadotta teknoloġiji diġitali, li għandhom jippermettu l-ħolqien ta' attivitajiet 100 % diġitali (bħal mużika, wirjiet, BOZAR LAB) bil-għan li jinkiseb aċċess għal swieq ġodda għall-artisti u l-imsieħba kulturali, u jiżdied l-aċċess għall-kultura minn persuni u gruppi li jinsabu 'l bogħod (inkluż f'pajjiżi oħra), jew li jiffaċċjaw sfidi ta' mobilità (bħall-anzjani). Għal dan il-għan, is-sottomiżura tinkludi komponent infrastrutturali għat-tqegħid ta' kejbils tal-fibra ottika bejn it-Teatru Rjali ta' La Monnaie u ċ-Ċentru għall-Arti, komponent taċ-ċibersigurtà u t-tnedija ta' attivitajiet diġitali inkluż it-taħriġ tal-IT għall-persunal.

L-investiment I-2.05: "Diġitalizzazzjoni tal-SPF, is-sottomiżura 6: Gvern diġitali għaċ-ċittadini u n-negozji" tal-Istat Federali

Din is-sottomiżura għandha l-għan li tistabbilixxi strateġija għal trasformazzjoni radikali tal-mudell attwali tas-servizzi amministrattivi relatati u żżid l-użu tas-servizzi pubbliċi diġitali miċ-ċittadini u n-negozji. Dan jipprovdi l-iżvilupp ta' pjattaforma diġitali għal interazzjoni bejn il-gvern u ċ-ċittadini u n-negozji.

L-investiment I-2.05: "Diġitalizzazzjoni tal-SPF, is-sottomiżura 7: Diġitalizzazzjoni tal-proċessi tal-ġestjoni tal-ażil u l-immigrazzjoni" tal-Istat Federali

Din is-sottomiżura għandha l-għan li timmodernizza l-infrastruttura diġitali biex tippermetti integrazzjoni aħjar u kkontrollata mal-uffiċċji interni u pubbliċi, timmodernizza u tiżviluppa servizzi ta' migrazzjoni b'enfasi fuq l-esperjenza tal-utent; l-istandardizzazzjoni u l-iżgurar tal-iskambju reċiproku ta' *data* u ta' dokumenti. Il-proġett jinkludi l-istabbiliment ta' pjattaforma ta' integrazzjoni diġitali, bażi tad-*data* trasversali għal ċittadini barranin u l-iżvilupp ta' maħżen tad-*data*, li jippermetti li jiġu ġġenerati, maħżuna, strutturati u kkombinati *data* u statistiċi relatati mal-migrazzjoni.

L-investiment I-2.05: "Diġitalizzazzjoni tal-SPF, is-sottomiżura 8: Diġitalizzazzjoni tas-servizzi tal-AFSCA għall-operaturi u l-konsumaturi" tal-Istat Federali

Is-sottomiżura għandha l-għan li tikkontribwixxi għat-trasformazzjoni diġitali tal-Aġenzija Federali għas-Sikurezza tal-Katina Alimentari (AFSCA, Agency for the Safety of the Food Chain), li hija responsabbli mill-monitoraġġ tas-sikurezza tal-katina alimentari u tal-kwalità tal-ikel. B'mod partikolari, dan il-proġett għandu l-għan li jimmodernizza l-applikazzjonijiet eżistenti u jintegrahom aħjar biex jifforma sistema koerenti, filwaqt li jiżgura pproċessar rapidu, effiċjenti u kompletament diġitali tal-fajls. Il-proġett jinkludi d-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri interni, l-iżvilupp ta' żewġ applikazzjonijiet, waħda għall-operaturi u waħda għall-konsumaturi u l-istabbiliment ta' pjattaforma ta' *data* miftuħa.

L-investiment I-2.05: "Diġitalizzazzjoni tal-SPF, is-sottomiżura 9: Investiment fid-diġitalizzazzjoni tal-SPF għall-Affarijiet Barranin u s-servizzi offruti mill-SPF għall-Affarijiet Barranin" tal-Istat Federali

Din is-sottomiżura għandha l-għan li timmodernizza l-amministrazzjoni tal-Affarijiet Barranin. Dan il-proġett jinkludi l-iżvilupp ta' diversi applikazzjonijiet, inkluża r-riformulazzjoni ta' Belpas (l-applikazzjonijiet għall-passaport), li hija meħtieġa fid-dawl tal-evoluzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-passaporti u tad-*data* bijometrika. Is-sottomiżura tinvolvi wkoll l-iżvilupp ta' applikazzjoni ġdida għall-ġestjoni tar-riżorsi umani, id-diġitalizzazzjoni tar-reġistri konsulari u l-modernizzazzjoni tan-network tal-IT.

L-investiment I-2.05: "Diġitalizzazzjoni tal-SPF, is-sottomiżura 10: Gateway Diġitali Unika" tal-Istat Federali

Din is-sottomiżura għandha l-għan li trawwem trasformazzjoni estensiva fix-xenarju amministrattiv Belġjan biex jiġi appoġġat l-irkupru u jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-suq intern. Sabiex jinkiseb dan, għandu jsir użu sħiħ tas-sorsi awtentiċi Belġjani li jikkonsistu

f'bażijiet ta' *data* fejn tinżamm *data* ġenwina u li jservu bħala referenza għal *data* dwar persuni u fatti legali. Dawn il-bażijiet tad-*data* jippermettu s-simplifikazzjoni billi d-*data* tista' terġa' tintuża mill-awtoritajiet kollha li jkollhom l-awtorizzazzjoni xierqa u ma tibqax tintalab aktar miċ-ċittadini jew min-negozji, billi jiġi applikat il-prinċipju ta' "darba biss". Barra minn hekk, is-sottomiżura għandha l-għan li timmassimizza l-aċċess sigur għall-applikazzjonijiet pubbliċi online permezz tal-identifikazzjoni elettronika, id-diġitalizzazzjoni tal-funzjonijiet tal-back office relatati maċ-ċittadini u n-negozji; testendi s-servizzi ta' appoġġ ewlenin tal-Gateway Diġitali Unika għal servizzi ta' appoġġ kompletament iċċentrati fuq l-utent billi tibgħat mistoqsijiet miċ-ċittadini u n-negozji lil amministrazzjonijiet speċifiċi u billi timmonitorja l-istatistiċi.

L-investiment I-2.05: "Diġitalizzazzjoni tal-SPF, is-sottomiżura 11: L-isfruttar tad-*data* tal-gvern" mill-Istat Federali

Din is-sottomiżura għandha l-għan li tikseb ħarsa ġenerali akbar tad-*data* disponibbli tal-gvern billi tkabbar ir-reġistru ta' sorsi awtentiċi, iżżid id-disponibbiltà u l-affidabbiltà tad-*data* u tagħmilha aktar faċli biex ikun hemm aċċess għaliha. Barra minn hekk, din is-sottomiżura mistennija żżid il-fiduċja fl-użu korrett tad-*data*, jew timmassimizza l-użu mill-ġdid tagħha permezz tal-istandardizzazzjoni u l-użu tal-intelliġenza artifiċjali. Dan il-proġett jinkludi l-appoġġ għall-estensjoni ta' għadd ta' pjattaformi u l-iżvilupp ta' servizzi ġodda jew iż-żieda ta' servizzi eżistenti.

L-investiment I-2.05: "Diġitalizzazzjoni tal-SPF, is-sottomiżura 12: "Diġitalizzazzjoni tal-SPFgħall-Impjiegi" tal-Istat Federali

Din is-sottomiżura tikkonsisti f'żewġ partijiet: L-ewwel parti għandha l-għan li toħloq kont ta' taħriġ individwali diġitali għal kull persuna li tipparteċipa fid-dinamika tas-suq tax-xogħol. Il-kont għandu jkun fih għadd ta' informazzjoni bħall-valutazzjoni tal-ħiliet, it-taħriġ segwit u l-validazzjoni formali tal-kompetenzi miksuba. Dan il-kont għandu jkun aċċessibbli għall-persuni kkonċernati. It-tieni parti għandha l-għan li toħloq bażi tad-*data* biex timmonitorja l-bidliet fil-kundizzjonijiet tax-xogħol. Għandu jinħoloq sit web faċli għall-utent għall-preżentazzjoni tad-*data* miġbura u tar-rapporti relattivi.

L-investiment I-2.06: "Servizzi tal-e-Saħħa u *data* dwar is-saħħa" tal-Istat Federali

L-objettiv ta' dan il-proġett huwa li jżid il-kwalità, il-veloċità u l-ħeffa tal-kura tas-saħħa permezz tad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tas-saħħa billi jixpruna sistemi diġitali innovattivi. Barra minn hekk, għandu l-għan ukoll li jiżgura li l-mezzi amministrattivi u tekniċi jiddisponu minn *data* tas-saħħa anonima u sigura sew. Azzjonijiet differenti huma previsti permezz tal-proġett, fosthom l-estensjoni tal-kapaċitajiet tal-e-Riċetta, it-titjib tal-kwalità tal-riċetti u t-tnaqqis fl-ispejjeż miksuba pereżempju permezz ta' sistemi ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet kliniċi jew billi tibda topera t-telekonsultazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

L-investiment I-2.07: "Diġitalizzazzjoni ta' ONE" tal-Komunità Franċiża

Il-miżura għandha l-għan li tikkontribwixxi għat-trasformazzjoni diġitali tal-Office de la Naissance et de l'Enfance (ONE), korp pubbliku ta' referenza fil-Komunità Franċiża għall-kwistjonijiet kollha relatati mat-tfulija, il-politiki tat-tfal, il-protezzjoni tal-omm u tat-tfal, l-appoġġ medikosoċjali għall-omm u t-tfal (futuri), l-indukrar tat-tfal barra mill-ambjent tal-familja tagħhom u l-appoġġ għall-filjazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

L-investiment I-2.08: "Diġitalizzazzjoni tas-settur kulturali u tal-midja" tal-Komunità Franċiża

L-objettiv tal-miżura huwa li s-setturi tal-midja u l-kultura Belġjani li jitkellmu bil-Franċiż jiġu mgħammra b'għodod li jgħinuhom fid-diġitalizzazzjoni tax-xogħlijiet awdjoviżivi u awdjo, u jsaħħu l-viżibbiltà ta' dawn ix-xogħlijiet. Sabiex tiżdied il-viżibbiltà tas-settur medjatiku u kulturali Belġjan li jitkellem bil-Franċiż fuq pjattaformi diġitali differenti, għandu jiġi żviluppat sett ta' għodod teknoloġiċi, li għandhom jipprovdu referenzjar awtomatiku tal-kontenut tax-xogħlijiet awdjoviżivi u awdjo u sistema ta' awtentikazzjoni li tkun kondiviża. Il-miżura tinkludi wkoll id-diġitalizzazzjoni ta' 50 xogħol awdjoviżiv u awdjo prodotti fil-komunità li titkellem bil-Franċiż.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-2.09: "Diġitalizzazzjoni tal-Gvern Fjamming" tar-Reġjun Fjamming

Din il-miżura għandha erba' objettivi ewlenin:

- li tawtomatizza l-akbar numru ta' servizzi possibbli, b'mod partikolari dawk li jinvolvu drittijiet awtomatiċi, pagamenti u informazzjoni proattiva,
- li tippermetti deċiżjonijiet rapidi u effettivi tal-gvern bl-użu ta' *data*, fejn l-użu tad-*data* jikkontribwixxi dejjem aktar fid-deċiżjonijiet tal-gvern. F'dan ir-rigward, huma previsti investimenti fl-iżvilupp ta' pjattaformi ta' *data* minn sensuri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-mobilità u tal-ambjent.
- li tiżgura li tiġi stabbilita infrastruttura bażika affidabbli billi ssaħħaħ l-informazzjoni bażika komuni u l-moduli tal-ICT u billi tipprovdi appoġġ,
- li toffri post tax-xogħol ibridu orjentat lejn il-futur lil kull uffiċjal Fjamming.

Il-miżura se tikkonsisti fi 18-il proġett li se jitwettqu taħt dawn l-erba' skemi li ġejjin: 1. Lejn servizz pubbliku bi prezz baxx għaċ-ċittadini, in-negozji u l-assoċjazzjonijiet; 2. Il-possibilità ta' deċiżjonijiet rapidi u effettivi bid-*data*; 3. L-iżgurar ta' infrastruttura bażika affidabbli billi tissaħħaħ l-informazzjoni komuni u l-elementi kostitwenti tal-ICT; u 4. Il-provvediment ta' post tax-xogħol ibridu futuristiku għal kull uffiċjal Fjamming.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Diċembru 2025.

L-investiment I-2.10: "Pjattaforma reġjonali għall-iskambju tad-*data*" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

L-għan ta' dan il-proġett huwa li jsir użu mid-*data* disponibbli fir-Reġjun ta' Brussell għall-benefiċċju taċ-ċittadini u n-negozji ta' Brussell billi tiġi żviluppata pjattaforma għall-iskambju tad-*data* ta' Brussell. B'mod partikolari, il-pjattaforma għandha tiffaċilita l-istabbiliment ta' "tewmin diġitali" lokali (rappreżentazzjonijiet virtwali tal-assi fiżiċi tal-belt).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

L-investiment I-2.11: "Diġitalizzazzjoni tal-proċessi taċ-ċittadini u tan-negozju" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

L-għan ta' dan il-proġett huwa li jindirizza l-ħtieġa dejjem akbar għal simplifikazzjoni amministrattiva u li jippermetti liċ-ċittadini u lin-negozji biex ilestu l-proċeduri tagħhom b'mod koerenti, effiċjenti u trasparenti. F'dan ir-rigward, l-erba' proġetti għandhom jikkontribwixxu għall-objettiv ta' simplifikazzjoni amministrattiva:

- l-implimentazzjoni ta' Pjattaforma Reġjonali ta' Brussell għall-Ġestjoni tar-Relazzjonijiet taċ-Ċittadini (CIRM),
- it-tnedija ta' pjattaforma għad-diġitalizzazzjoni tal-ippjanar tal-proċeduri tal-permessi,

- it-tnedija ta' pjattaforma għad-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri ta' informazzjoni urbana u tal-arkivji urbani. Dan il-proġett għandu jkun akkumpanjat bir-riformi u l-aġġustamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni xierqa tiegħu.
- it-tnedija ta' pjattaforma għad-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri għall-permessi ambjentali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

L-investiment I-2.12: "Diġitalizzazzjoni tal-gvern reġjonali u lokali" tar-Reġjun ta' Walloon

Dan il-proġett għandu l-għan li jindirizza l-frammentazzjoni tas-servizzi offruti online mill-amministrazzjonijiet u jagħmilhom aktar faċli għall-utent. Dan għandu jimmodernizza l-applikazzjonijiet użati mis-servizzi tal-amministrazzjoni pubblika. Il-proġetti jikkonsistu f'erba' elementi:

- it-titjib tas-servizzi għall-utenti,
- l-iżvilupp ta' pjattaformi diġitali ġodda,
- l-iżvilupp tal-governanza tad-*data* skont il-valur tagħha,
- infrastruttura tal-IT u t-taħriġ relatat biex jitjieb l-għarfien tal-IT tal-persunal.

Il-proġett jinkludi, fost l-oħrajn, l-iżvilupp ta' erba' pjattaformi diġitali (pjattaforma għas-Sussidji, il-Penali, l-Awtorizzazzjonijiet u l-Arkivji) u żewġ proġetti b'rabta mal-permessi urbani u ambjentali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Ir-riforma R-2.01: "Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi: e-Gvern għan-negozji, simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi" tal-Istat Federali

Din ir-riforma għandha l-għan li tissimplifika l-amministrazzjoni b'mod partikolari billi tiddiġitalizza bis-sħiħ il-proċedura tal-ħolqien, l-alterazzjoni u x-xoljiment ta' persuna ġuridika. B'mod partikolari, miżuri għad-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri amministrattivi bl-objettiv (i) li jitnaqqas l-għadd ta' formoli għall-ħolqien, il-modifika u x-xoljiment ta' persuni ġuridiċi minn 3 200 forma għal tliet forom; u (ii) il-possibilità tal-ħolqien, il-modifika u x-xoljiment ta' persuni ġuridiċi b'mod gradwali għall-forom ġuridiċi kollha f'forma kompletament elettronika permezz ta' nutar jew permezz tal-e-Greffe, għandhom jiġu adottati.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Ir-riforma R-2.02: "e-Gvern: Proċedura tal-akkwist" tal-Istat Federali

Din ir-riforma tikkonsisti f'ġabra koerenti ta' miżuri biex jiġi estiż l-użu tal-e-Akkwist inkluż Digriet Irjali ġdid, li għandu jadatta l-qafas regolatorju federali għat-twettiq ta' proċeduri tal-akkwist sabiex l-użu tal-pjattaforma l-ġdida u mtejba tal-e-Gvern jkun aktar faċli.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
51	Diġitalizzazzjoni tal-IPSS (I-2.04) (is-sottomiżura 2)	Mira	Il-komunikazzjonijiet kollha tal-Istitut Pubbliku għas-Sigurtà Soċjali (IPSS, Public Institute for Social Security) huma diġitali u id-*data* hija ċentralizzata/ikkonsolidata		%	0	100	Q2	2024	100 % tal-komunikazzjoni bejn l-Istitut Pubbliku għas-Sigurtà Soċjali (IPSS) u l-impjegaturi f'termini ta' fatturazzjoni/pagamenti huma diġitalizzati. Is-sistema ta' fatturazzjoni tal-Uffiċċju Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali (RSZ/ONSS) hija integrata fin-Network Pan-Ewropew tal-Akkwist Pubbliku Online (PEPPOL, Pan-European Public Procurement On-Line).
52	Diġitalizzazzjoni tal-IPSS (I-2.04) (is-sottomiżura 1)	Stadju importanti	Soluzzjoni diġitali disponibbli - l-interfaċċa web (IPSS)	Il-verżjoni finali tal-interfaċċa web tal-IPSS hija operattiva.				Q1	2026	L-interfaċċi għall-ġestjoni tad-drittijiet tal-utent finali għall-komunikazzjonijiet tal-Istitut Pubbliku għas-Sigurtà Soċjali (IPSS) huma disponibbli. L-imsieħba, in-negozji u ċ-ċittadini għandhom interfaċċji ġodda u effiċjenti għall-ġestjoni tad-dikjarazzjonijiet u l-komunikazzjoni tagħhom mas-sigurtà soċjali. Il-mezzi ta' komunikazzjoni ġew awtomatizzati u modernizzati. L-għodod ta' ġestjoni għall-applikazzjonijiet ġodda kollha żviluppati għall-ġestjoni tad-drittijiet tal-utent u l-aċċess, għar-

										reġistrazzjoni ta' impjegaturi ġodda u għad-dikjarazzjoni ta' relazzjonijiet ġodda jew aġġornati bejn is-sigurtà soċjali u l-impjegatur/l-impjegati huma fis-seħħ u jippermettu manutenzjoni faċli u jiffaċilitaw żviluppi futuri. Il-partijiet ikkonċernati għandhom aċċess għad-*data* tagħhom li hija miftuħa u jista' jsir tiftix għaliha. Il-pjattaforma l-ġdida hija kompletament operattiva, moderna, mantenibbli u skalabbli. L-infrastruttura qiegħda hemm biex tappoġġa l-applikazzjonijiet il-ġodda kollha biex jiġu rreġistrati impjegaturi ġodda u biex jiġu ddikjarati relazzjonijiet ġodda jew aġġornati bejn is-sigurtà soċjali u l-impjegatur/l-impjegat.
53	Diġitalizzazzjoni tal-IPSS (I-2.04) (is-sottomiżura 3)	Stadju importanti	Soluzzjoni diġitali disponibbli - il-pjattaforma interattiva (IPSS)	Il-pjattaforma interattiva għal dawk li jaħdmu għal rashom hija kompletament operattiva.				Q2	2026	Pjattaforma interattiva tal-Istitut Pubbliku għas-Sigurtà Soċjali (IPSS) għal dawk li jaħdmu għal rashom hija kompletament operattiva u tipprovdi dan li ġej: • formoli elettroniċi interattivi u l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi, bħad-dritt tranżitorju u l-eżenzjonijiet li għalihom huma intitolati dawk li jaħdmu għal rashom. • L-informazzjoni kollha relatata mas-sigurtà soċjali tiġi rreġistrata fil-fajl "individwali" tal-persuna li taħdem għal rasha, li jista' jiġi kkonsultat immedjatament fi kwalunkwe ħin mill-partijiet involuti. • Il-pjattaforma tagħmilha possibbli li l-proċessi jiġu awtomatizzati, titħaffef il-komunikazzjoni tad-deċiżjonijiet u awtomatikament jingħataw id-drittijiet idderivati. • Il-pjattaforma hija konnessa ma' istituzzjonijiet oħra, inkluż l-Uffiċċju Nazzjonali tas-Sigurtà Soċjali (NSSO) u l-Istitut Nazzjonali għall-Assigurazzjoni tas-Saħħa u d-Diżabilità (NIHDI) jew ma' pjattaformi, u tippermetti skambji ma' pajjiżi oħra fis-settur tas-sigurtà soċjali.
54	"Diġitalizzazzjoni tal-SPF	Stadju importanti	Ir-rekwiżiti huma definiti	Ir-rekwiżiti, id-disinn u s-soluzzjonijiet				Q2	2022	Ir-rekwiżiti, id-disinn u s-soluzzjonijiet meħtieġa għas-sottomiżuri 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 11 u 12 huma definiti mill-amministrazzjonijiet kompetenti u approvati mill-Ministeru

	(I-2.05) (is-sottomiżura: 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 11 u 12)			għas-sottomiżuri differenti huma definiti u approvati						kompetenti.
55	Diġitalizzazzjoni tal-SPF (I-2.05) (is-sottomiżura: 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 11 u 12)	Stadju importanti	Il-proġetti tlestew u r-riżultati huma operattivi	Il-proġetti tlestew u huma operattivi.				Q2	2026	Il-proġetti li jikkorrispondu għas-sottomiżuri 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 11 u 12 huma lesti u operattivi. Tħallsu EUR 92 500 000.
56	Diġitalizzazzjoni tal-SPF (I-2.05) (is-sottomiżura 1: Trasformazzjoni diġitali tal-Ġustizzja)	Stadju importanti	Il-ġestjoni tal-proġett fis-seħħ għat-trasformazzjoni diġitali tal-ġustizzja wara l-adozzjoni ta' digriet	L-adozzjoni tad-Digriet ministerjali għal uffiċċju għall-ġestjoni tal-programm, li twaqqaf għat-trasformazzjoni diġitali tal-ġustizzja				Q4	2021	L-adozzjoni tad-Digriet Ministerjali mill-Ministru tal-Ġustizzja biex jitwaqqaf Uffiċċju għall-Ġestjoni tal-Programm bi struttura ta' governanza ċara biex jiddiġitalizza l-SPF għall-Ġustizzja. Dan jinkludi definizzjoni ċara tal-kompiti u l-kompetenzi, u arranġamenti ċari għall-partijiet differenti li għandhom jipparteċipaw fit-trasformazzjoni diġitali.
57	Diġitalizzazzjoni tal-SPF	Stadju importanti	Il-pubblikazzjoni tal-portal	Il-portal bażiku JustOnWeb				Q4	2022	Il-portal bażiku JustOnWeb jitqiegħed online. JustOnWeb għandu jkun il-portal web "punt uniku ta' servizz", fejn l-individwi, in-negozji, l-avukati u l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu

	(I-2.05) (Is-sottomiżura 1: Trasformazzjoni diġitali tal-Ġustizzja)		online JustOnWeb	jitqiegħed online.						jaċċessaw is-servizzi tal-ġustizzja u l-informazzjoni. Fi stadju inizjali, il-portal bażilari JustOnWeb għandu jipprovdi għadd limitat ta' servizzi bħall-filing ta' dokumenti proċedurali f'kawża, il-konsultazzjoni ta' każijiet kriminali fir-rigward ta' reati sesswali, il-konsultazzjoni u l-ħlas ta' multi tat-traffiku, il-konsultazzjoni ta' atti uffiċjali personali (bħal dawk taż-żwieġ, l-adozzjoni), il-ftuħ ta' kawża għall-protezzjoni tal-persuni.
58	Diġitalizzazzjoni tal-SPF (I-2.05) (is-sottomiżura 1: Trasformazzjoni diġitali tal-Ġustizzja)	Stadju importanti	Ċentralizzazzjoni interna tad-deċiżjonijiet tal-qorti	Il-verdetti ġudizzjarji huma disponibbli għall-konsultazzjoni permezz tal-portal Justonweb.				Q4	2023	Il-verdetti ġudizzjarji l-ġodda rilevanti tal-qrati tal-prim'istanza (inklużi l-qrati konċiljatori u l-qrati tal-pulizija) u l-qrati tal-appell għandhom jiġu ċċentralizzati internament. Algoritmu ta' psewdonimizzazzjoni kompletament awtomatizzat għandu jikkonverti dan is-sors ċentralizzat ta' *data* f'verżjoni li tista'' tiġi ppubblikata u konformi mar-regolamenti dwar il-privatezza. Mal-50 % tal-ammont totali ta' verdetti ġudizzjarji huma disponibbli għall-konsultazzjoni permezz tal-portal Justonweb.
59	Diġitalizzazzjoni tal-SPF (I-2.05) (is-sottomiżura 1: Trasformazzjoni diġitali tal-	Stadju importanti	Bażi tad-*data* għall-ġbir ta' *data* f'ħin reali	Bażi tad-*data* għall-ġbir ta' *data* f'ħin reali dwar il-progress tal-proċedimenti legali hija operattiva.				Q4	2024	Bażi tad-*data* għall-ġbir ta' *data* f'ħin reali dwar l-istruttorja ta' proċeduri ġuridiki hija operattiva. Id-*data* ppubblikata għandha tkopri l-għadd ta' kawżi ġodda, l-għadd ta' kawżi magħluqa, il-kawżi pendenti u ż-żmien medju ta' tħejjija, kemm għall-kawżi ċivili, dawk kummerċjali kif ukoll dawk kriminali.

	Ġustizzja)									
60	Diġitalizzazzjoni tal-SPF (I-2.05) (is-sottomiżura 1: Trasformazzjoni diġitali tal-Ġustizzja)	Stadju importanti	Sistema Ġdida għall-Ġestjoni tal-Każijiet għal seba' entitajiet	Għandha tiġi żviluppata u implimentata sistema ġdida għall-ġestjoni tal-każijiet għal seba' entitajiet				Q4	2025	Għandha tiġi żviluppata u użata sistema ġdida għall-ġestjoni tal-każijiet għal seba' entitajiet li jużaw sistema skaduta biex jiġġestixxu l-fajls, biex is-sistema ġudizzjarja ssir aktar effiċjenti billi tiffoka fuq diġitalizzazzjoni li tkun estensiva, li għandha tippermetti l-ipproċessar tal-fajls aktar malajr u fi kwantitajiet akbar mil-lum. L-għażla tal-entitajiet għandha ssir b'konsultazzjoni mal-Kulleġġ tal-Qrati u t-Tribunali, il-Kulleġġ tal-Ministeru Pubbliku, il-Kulleġġ tal-Qorti tal-Kassazzjoni u l-Kumitat tat-Tmexxija tal-ICT, iżda fil-prinċipju għandha tingħata prijorità lil entitajiet li mhumiex inklużi fil-kuntratt tal-Faża 2 tal-Mammouth at Central Hosting (MaCH).
61	Diġitalizzazzjoni tal-SPF (I-2.05) (Is-sottomiżura 10: Gateway diġitali unika)	Stadju importanti	L-interfaċċa front-end ġiet żviluppata	Ġie żviluppat, ittestjat u vvalidat front-end li jkun konformi bi sħiħ darba biss għal 10 dominji ta' attivitajiet.				Q4	2023	Ġie żviluppat, ittestjat u vvalidat front-end li jkun konformi bi sħiħ darba biss għal 10 dominji (jiġifieri r-reġistru ċivili, r-reġistru tal-popolazzjoni, is-sigurtà soċjali (l-impjegati), is-sigurtà soċjali (l-impjegaturi), ir-reġistru tal-vetturi bil-mutur, il-kwalifiki professjonali, l-entitajiet legali, il-bidu ta' negozju, il-modifika ta' negozju, l-għeluq ta' negozju). Is-sistema għandha tiżgura l-konformità mar-regolament eIDAS (is-Servizzi tal-Identifikazzjoni, tal-Awtentikazzjoni u s-Servizzzi Fiduċjarji Elettroniċi) u għandha tkun iċċentrata b'mod sħiħ fuq l-utent billi tapplika bis-sħiħ il-prinċipju li "kull bieb huwa tajjeb". Il-prinċipju ta' "kull bieb tajjeb" f'dan il-kuntest ifisser li l-utent aħħari (iċ-ċittadin jew l-imprenditur) għandu jkun jista' jikkuntattja lis-servizzi ta' assistenza irrispettivament minn fejn jidħol, kemm jekk jidħol mill-"Ewropa tiegħek", minn "belgium.be", minn sit ta' portal reġjonali, minn punt ta' dħul lokali jew minn kwalunkwe servizz pubbliku, irrispettivament mill-apparat li juża (bħal telefown ċellulari, tablet, laptop) u irrispettivament mis-suġġett tal-mistoqsija tiegħu. Il-loġika

										amministrattiva wara l-punt tad-dħul, fil-livell ta' back office, għandha tiżgura li l-mistoqsija tal-utent aħħari għandha tasal fl-uffiċċju t-tajjeb mingħajr mal-utent finali jkollu jistaqsi liema amministrazzjoni hija responsabbli għal liema suġġett.
62	Is-servizzi tal-e-Saħħa u d-*Data* dwar is-Saħħa (I-2.06)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi l-Awtorità tad-*Data* dwar is-Saħħa	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi l-Awtorità tad-*Data* dwar is-Saħħa, li tiddefinixxi b'mod partikolari r-rwol u r-responsabbiltajiet tal-Awtorità. L-iżvilupp u l-validazzjoni tad-diversi speċifikazzjonijiet (imsejħa "is-Sett għall-Kura" li jistgħu jiġu integrati fir-Rekords Kompjuterizzati tal-Pazjenti) għall-integrazzjoni tagħhom fis-software tal-fornituri.
63	Is-servizzi tal-e-Saħħa u d-*Data* dwar is-Saħħa (I-2.06)	Stadju importanti	Tfassil u soluzzjoni għas-sottoproġetti	Il-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għas-sottoproġetti tal-e-Saħħa				Q2	2022	Ir-rekwiżiti, id-disinn u s-soluzzjonijiet meħtieġa għas-sottoproġetti differenti tal-e-Saħħa huma definiti.
64	Is-servizzi tal-e-Saħħa u d-*Data* dwar is-Saħħa (I-2.06)	Stadju importanti	Implimentazzjoni sħiħa tal-proġett	It-tlestija b'suċċess tas-sottoproġetti differenti tal-e-Saħħa				Q4	2025	Is-sottoproġetti kollha relatati mas-servizzi tal-e-Saħħa u mad-*Data* dwar is-Saħħa rriżultaw f'servizzi u kapaċitajiet kompletament operazzjonali u integrati.
65	Diġitalizzazzjoni ta' ONE (I-2.07)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' pjattaformi diġitali ġodda	Inħolqu pjattaformi diġitali u dawn huma disponibbli għall-utenti				Q4	2025	Il-pjattaformi diġitali għandhom jinħolqu u jkunu disponibbli għall-utenti kollha. Dan jinkludi l-pjattaformi li ġejjin: MY: Pjattaforma għall-benefiċjarji, li għandha l-għan li tipprovdi lill-benefiċjarji, b'mod sigur u privat, b'informazzjoni rilevanti u mmirata skont il-ħtiġijiet u s-sitwazzjoni tagħhom (tal-benefiċjarji) (il-prinċipju tas-"segmentazzjoni").

				kollha.						PRO: Pjattaforma għall-professjonisti, li għandha l-għan li tipprovdi lill-professjonisti tal-kura tat-tfal bl-għodod biex jiġġestixxu id-diversi proċessi tan-negozju, kif ukoll l-informazzjoni li għandha tappoġġa l-iżvilupp tagħhom, u l-interazzjonijiet ma' ONE OFFICE: Pjattaforma għall-aġenti, li hija maħsuba għall-aġenti ta' ONE u tlaqqa' flimkien l-applikazzjonijiet kollha għall-ġestjoni tal-proċessi tan-negozju, is-servizzi ta' appoġġ, l-għajnuniet għad-deċiżjonijiet, id-dashboards u l-informazzjoni rilevanti. Hija waħda mill-komponenti tal-Post tax-Xogħol Diġitali. PARTNERS: Pjattaforma għas-sħab ta' ONE, li hija maħsuba għas-sħab ta' ONE li ma għandhomx għalfejn ikunu fuq il-pjattaforma PRO.
66	Diġitalizzazzjoni tas-settur kulturali u tal-midja (I-2.08)	Mira	It-tlestija ta' proġetti għal xogħlijiet awdjoviżivi u awdjo diġitizzati u mtejba		Proġetti kompluti	0	50	Q2	2022	It-tlestija għalkollox ta' 50 proġett li jaqgħu fil-kategoriji li ġejjin: • xogħlijiet awdjoviżivi u awdjo diġitizzati u mtejba: 30 proġett • xogħlijiet diġitali nattivi li saru: 20 proġett
67	Diġitalizzazzjoni tas-settur kulturali u tal-midja (I-2.08)	Mira	L-adozzjoni minn operaturi kulturali u tal-midja ta' għodod teknoloġiċi		%	0	30	Q2	2026	Mat-30 % tal-operaturi kulturali u tal-midja jadottaw u jimplimentaw fil-pjattaformi online tagħhom l-għodod teknoloġiċi żviluppati għad-diġitalizzazzjoni tas-settur kulturali u tal-midja. Dawn l-operaturi kulturali u tal-midja ġejjin minn lista ta' 276 operatur li x'aktarx jadottaw l-għodod teknoloġiċi: • 62 post kulturali sussidjat strutturalment mill-FWB u b'kapaċità ta' aktar minn 250 post • 41 mużew, rikonoxxuti fil-kategorija A u B skont is-sens tad-Digriet tad-19 ta' Ġunju 2019 tal-Gvern tal-

										Komunità Franċiża li jimplimenta d-Digriet tal-25 ta' April 2019 dwar is-settur tal-mużewijiet fil-Komunità Franċiża • stazzjon (1) televiżiv nazzjonali wieħed, tliet (3) stazzjonijiet privati, 12-il stazzjon tat-TV lokali, ħames (5) stazzjonijiet tat-TV fuq il-Web, 88 stazzjon tar-radju lokali indipendenti, 10 stazzjonijiet tar-radju fuq network • sitt gazzetti ta' kuljum • 48 rivista/titli ta' perjodiċi ta' informazzjoni L-għodod teknoloġiċi żviluppati għandhom jużaw il-mudelli ta' analiżi u ta' tagħlim awtomatiku sovrani u standardizzati (l-Intelliġenza Artifiċjali) li jippermettu l-analiżi awtomatika u l-annotazzjoni tal-immaġni, il-ħoss u t-test, filwaqt li tiġi kkunsidrata d-*data* tal-kuntest tal-kontenut kulturali u tal-midja prodott fil-Komunità Franċiża. Dan għandu jiġi żviluppat f'"sors miftuħ" u jsir disponibbli mingħajr ħlas taħt il-liċenzja "Creative Commons".
68	Diġitalizzazzjoni tal-Gvern Fjamming (I-2.09)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratt għal 18-il proġett	Notifika ta' għoti għal għadd ta' proġetti				Q4	2022	Notifika ta' għoti mibgħuta mill-Gvern Fjamming jew mill-entità rispettiva (awtorità ta' notifika) għal 18-il proġett (jiġifieri 100 % tat-total) lill-applikanti li rnexxew wara s-sejħa għal proposta taħt l-erba' skemi (1. Lejn servizz pubbliku bi prezz baxx għaċ-ċittadini, in-negozji u l-assoċjazzjonijiet; 2. Il-possibilità ta' deċiżjonijiet rapidi u effettivi bid-*data*; 3. L-iżgurar ta' infrastruttura bażika affidabbli billi tissaħħaħ l-informazzjoni komuni u l-elementi kostitwenti tal-ICT; u 4. Il-provvediment ta' post tax-xogħol ibridu futuristiku għal kull uffiċjal Fjamming)
69	Diġitalizzazzjoni tal-Gvern Fjamming (I-2.09)	Stadju importanti	L-iżvilupp ta' erba' (4) karatteristiċi diġitali ġodda	Il-proġetti kollha li ngħataw lesti				Q4	2025	Il-proġetti kollha mogħtija taħt l-erba' (4) skemi (1. Lejn servizz pubbliku bi prezz baxx għaċ-ċittadini, in-negozji u l-assoċjazzjonijiet; 2. Il-possibilità ta' deċiżjonijiet rapidi u effettivi bid-*data*; 3. L-iżgurar ta' infrastruttura bażika affidabbli billi tissaħħaħ l-informazzjoni komuni u l-elementi kostitwenti

										tal-ICT; u 4. Il-provvediment ta' post tax-xogħol ibridu futuristiku għal kull uffiċjal Fjamming huwa lest.
70	Pjattaforma reġjonali għall-iskambju tad-*data* (I-2.10)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratt pubbliku	Għandu jiġi ppubblikat dokument għall-ordni ta' missjoni				Q2	2021	Għandu jiġi ppubblikat dokument għall-ordni ta' missjoni li jippreżenta r-rekwiżiti ta' livell għoli ta' soluzzjoni għal pjattaforma għall-iskambju tad-*data* kif ukoll it-tqassim tar-rwoli bejn iċ-Ċentru Reġjonali tal-Informatika ta' Brussell (BRIC) u s-sottokuntratturi u x'inhuma l-ħtiġijiet f'termini ta' governanza tad-*data* u l-governanza meħtieġa għall-pjattaforma.
71	Pjattaforma reġjonali għall-iskambju tad-*data* (I-2.10)	Mira	10 amministrazzjonijiet pubbliċi huma appoġġati biex iniedu proġetti fuq il-pjattaforma tad-*data* reġjonali		Amministrazzjonijiet pubbliċi	0	10	Q4	2024	Għaxar amministrazzjonijiet pubbliċi huma appoġġati għall-iżvilupp ta' proġetti fuq il-pjattaforma l-ġdida reġjonali għall-iskambju tad-*data* tar-Reġjun ta' Brussell. L-appoġġ għandu jikkonsisti fl-iżvilupp tal-integrazzjoni tad-*data*, l-analiżi tad-*data*, iżda wkoll fl-assenjazzjoni ta' riżorsi speċifiċi miċ-Ċentru Reġjonali tal-Informatika ta' Brussell (BRIC) biex jgħin lill-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-proġetti tagħhom, bħall-ispeċjalisti tad-*data* u l-analisti tad-*data*. L-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom jintgħażlu fost l-aktar amministrazzjonijiet importanti tar-reġjun fejn il-ħtieġa għall-iskambju tad-*data* jkun ġie identifikat bħala meħtieġ u fejn dan għandu jipprovdi valur miżjud għar-reġjun ta' Brussell.
72	Diġitalizzazzjoni tal-proċessi taċ-ċittadini u tan-negozji (I-2.11)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' pjattaformi diġitali ġodda	Pjattaforma ġdida (CRM) li tiffaċilita l-interazzjoni bejn l-amministrazzjoni u ċ-ċittadini/l-intrapriżi u bejn l-amministrazzj				Q2	2021	Pjattaforma ġdida (CRM) li tiffaċilita l-interazzjoni bejn l-amministrazzjoni u ċ-ċittadini/l-intrapriżi u bejn l-amministrazzjonijiet hija operattiva fir-Reġjun ta' Brussell. Il-pjattaforma ta' fondazzjoni CRM għandha tkun disponibbli għall-iżvilupp ta' proġetti speċifiċi ta' CRM fir-Reġjun ta' Brussell. L-għan huwa li sal-aħħar tal-2024 jiġu mnedija 16-il proġett mifruxin bejn amministrazzjonijiet reġjonali u/jew lokali (Parking.Brussels, Hub.Brussels, Bruxelles Economie u Emploi).

				onijiet hija operattiva fir-Reġjun ta' Brussell.						
73	Diġitalizzazzjoni tal-proċessi taċ-ċittadini u tan-negozji (I-2.11)	Mira	Dħul fis-seħħ ta' tliet (3) pjattaformi online (il-permess tal-ippjanar urban, l-informazzjoni dwar l-ippjanar urban u l-permess ambjentali)	.	Il-pjattaformi diġitali	0	3	Q4	2025	It-tliet pjattaformi diġitali li rispettivament huma għall-permessi tal-ippjanar urban, għall-informazzjoni dwar l-ippjanar urban u għall-permessi ambjentali huma operattivi fir-Reġjun ta' Brussell. Il-pjattaforma għad-diġitalizzazzjoni tal-permessi tal-bini għandha tippermetti liċ-ċittadini u lill-intrapriżi jagħmlu t-talba tagħhom b'mod diġitali għat-tipi differenti ta' permessi tal-bini, huma għandhom ikunu jistgħu jsegwu online l-istatus tal-permessi tagħhom, jiskambjaw b'mod diġitali d-dokumenti meħtieġa, u jsegwu l-proċess tal-ħruġ tal-permessi tagħhom. Il-pjattaforma għad-diġitalizzazzjoni tal-informazzjoni dwar l-ippjanar urban għandha toffri servizzi għall-ġestjoni tat-talbiet u s-segwitu tal-informazzjoni dwar l-ippjanar urban billi tintegra lill-partijiet terzi (bħall-aġenziji tal-proprjetà immobbli, in-nutara). Hija għandha toffri servizzi għad-diġitalizzazzjoni tal-arkivji tal-ippjanar urban fuq il-bażi tal-istandards. Il-pjattaforma għad-diġitalizzazzjoni tal-permessi ambjentali għandha tippermetti li ċ-ċittadini u l-intrapriżi jitolbu tipi differenti ta' permessi ambjentali, inkluż: permessi normali, skont il-klassi, estensjonijiet, permessi speċifiċi, permessi mħallta. Il-pjattaforma għandha tintegra wkoll l-istadji kollha tal-proċedura mit-talba għal komplementi, it-tibdil tat-talba, sal-għoti tal-permess.
74	Diġitalizzazzjoni	Stadju importanti	Għoti ta' tliet sejħiet għal					Q2	2023	Notifika tal-għoti ta' tliet sejħiet għal proġetti fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku ta' Walloon fid-dawl ta':

	tal-gvern reġjonali u lokali (I-2.12)		proġetti							• It-titjib tat-trasparenza għall-benefiċċju tal-utenti. • It-titjib tal-governanza tad-*data* fil-livell lokali: l-identifikazzjoni ta' riżorsi umani, settijiet ta' *data* li jistgħu jintużaw, regoli ta' kontroll, politika biex id-*data* ssir disponibbli għaċ-ċittadini u n-negozji. • It-titjib tal-akkomunament u l-interoperabbiltà bejn l-għodod u l-applikazzjonijiet. L-akkomunament u l-interoperabbiltà tal-applikazzjonijiet u s-soluzzjonijiet tas-software jridu jġibu valur miżjud u jtejbu l-konnettività globali taċ-ċittadini fit-territorju. Dan il-punt irid jiġi żviluppat għall-benefiċċju tal-politiki lokali kollha: il-mobilità, l-aċċess għal servizzi lokali, l-ispazji pubbliċi konnessi, eċċ.
75	Diġitalizzazzjoni tal-gvern reġjonali u lokali (I-2.12)	Mira	Taħriġ għat-titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid		Numru	0	100000	Q4	2024	L-aġenti tal-muniċipalità reġjonali u lokali tħarrġu fl-użu tal-pjattaformi l-ġodda li għandhom jiġu stabbiliti (pjattaformi tas-sussidji, tal-penali, tal-awtorizzazzjonijiet u tal-arkivji) u fit-teknoloġiji l-ġodda. L-uffiċjali maniġerjali u eletti tħarrġu f'kunċetti assoċjati mad-diġitalizzazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali (bħall-approċċ tad-*data*, id-*data* miftuħa, il-big data, l-intelliġenza artifiċjali, l-approċċ tal-utent, ir-regolamentazzjoni, il-GDPR, l-aċċessibbiltà, l-innovazzjoni, l-interoperabbiltà, l-eċċellenza operazzjonali). L-udjenza fil-mira għat-taħriġ hija kif ġej: - 10 000 aġent reġjonali - 90 000 aġent lokali - 10 000 aġent
76	Diġitalizzazzjoni tal-gvern reġjonali u lokali (I-2.12)	Stadju importanti	It-tlestija tal-proġetti li ngħataw	Il-proġetti kollha li tlestew;				Q2	2026	Il-proġetti li ngħataw permezz tat-tliet sejħiet għal proġetti mnedija fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku ta' Walloon tlestew.

77	Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi (R-2.01)	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' miżuri li jissimplifikaw il-ħolqien online ta' negozju	Id-dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-miżuri biex jiġu diġitalizzati l-proċeduri amministrattivi				Q4	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' miżuri biex jiġu diġitalizzati l-proċeduri amministrattivi bl-objettiv (i) li jitnaqqas l-għadd ta' formoli għall-ħolqien, il-modifika u x-xoljiment ta' persuni ġuridiċi minn 3 200 forma għal tliet forom; u (ii) il-possibilità tal-ħolqien, il-modifika u x-xoljiment ta' persuni ġuridiċi b'mod gradwali għall-forom ġuridiċi kollha f'forma kompletament elettronika permezz ta' nutar jew permezz tal-e-Greffe. Fejn diversi mudelli ta' politika jkunu involuti, għandu jiġi adottat ftehim ta' kooperazzjoni.
78	E-Gvern: proċedura tal-offerti (R-2.02)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' kuntest regolatorju ġdid	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ ta' Digriet Irjali ġdid				Q2	2022	Dħul fis-seħħ ta' Digriet Irjali ġdid, li jadatta l-qafas regolatorju federali għat-twettiq ta' proċeduri tal-akkwist sabiex l-użu tal-pjattaforma l-ġdida u mtejba tal-e-Gvern jkun aktar faċli. Id-Digriet Irjali ġdid għandu l-għan li: • Jallinja l-parteċipanti tal-politika federali tal-akkwist (membru wieħed/vot wieħed) biex tittejjeb ir-rata ta' penetrazzjoni tal-akkwist konġunt federali; • Jadotta pjan direzzjonali komuni - rispons għal objettivi aktar immirati f'termini ta' żvilupp sostenibbli u aċċess għall-SMEs (inkluża l-innovazzjoni); • Jiżviluppa strateġiji ta' xiri billi jinxtraw segmenti bi pjanijiet skont il-kategorija. • Isaħħaħ ir-rwol taċ-ċentru tax-xiri federali tal-SPF Bosa. • Ilesti s-simplifikazzjoni amministrattiva u l-istandardizzazzjoni tal-proċessi, speċjalment biex jiġu koperti l-ħtiġijiet tal-parteċipanti federali
79	E-Gvern: proċedura tal-offerti (R-2.02)	Stadju importanti	L-implimentazzjoni tal-għodda l-ġdida	Pjattaforma ġdida tal-e-Akkwist hija operattiva				Q4	2024	Pjattaforma ġdida tal-e-Akkwist hija operattiva. Il-pjattaforma l-ġdida għandha tipprovdi *data* f'ħin reali dwar l-akkwist pubbliku fil-pajjiż kollu. Il-pjattaforma l-ġdida u mtejba għandha tikkonsisti f'mill-inqas

										il-moduli li ġejjin: Flussi ta’ approvazzjoni interna b’firem diġitali li jeliminaw l-approvazzjonijiet ibbażati fuq il-karta, is-sistema template engine li żżid il-koerenza u tnaqqas l-iżbalji, is-sottomissjonijiet permezz ta’ kwestjonarji strutturati li jnaqqsu l-kumplessità u l-iżbalji waqt sottomissjoni u jħaffu l-proċess ta’ evalwazzjoni, il-lista ta’ kontroll b’disinn simili għal tal-Wizard għax-xerrejja li tiggwidahom għal akkwist aħjar u aktar koerenti tas-servizzi u l-oġġetti; Il-pjattaforma l-ġdida għandha tipprovdi *data* f’ħin reali dwar l-akkwist pubbliku fil-pajjiż kollu u għandha tipprevedi l-possibbiltajiet ta’ konnessjoni mal-baġit federali u l-għodod tal-fatturazzjoni. Waqt id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-proġett, id-deċiżjonijiet dwar il-funzjonalitajiet addizzjonali possibbli għandhom jittieħdu fid-dawl tar-redditu mistenni minnhom fuq l-investiment tal-organizzazzjonijiet federali tal-klijenti tal-pjattaforma.

F. KOMPONENT 2.3: IL-FIBRA OTTIKA, IL-5G U T-TEKNOLOĠIJI ĠODDA

Dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi riformi u investimenti relatati mal-5G, l-infrastruttura tal-konnettività b'kapaċità kbira ħafna, u l-Intelliġenza Artifiċjali ("IA"), li huma mistennija li jipprovdu l-elementi kostitwenti essenzjali għat-tranżizzjoni diġitali fil-Belġju.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020 li tistieden biex l-investimenti jiġu ffokati fuq it-tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari fuq l-infrastruttura diġitali, bħan-Networks 5G u dawk bil-Gigabits u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019 li tistieden biex il-politiki ekonomiċi relatati mal-investiment jiġu ffukati fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni sostenibbli, b'mod partikolari fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni, filwaqt li jitqiesu d-differenzi reġjonali.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

F.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment I-2.13 - Il-kopertura ta' żoni bojod billi jiġu żviluppati networks tal-fibra ottika b'veloċità għolja ħafna - il-komunità li titkellem bil-Ġermaniż

L-investiment għandu l-għan li jippromwovi t-tħejjija tal-fibra ottika fil-Belġju. Din il-miżura tikkonsisti f'investimenti permezz ta' kumpanija semipubblika fl-użu tal-fibra ottika li tkopri t-territorju kollu tal-komunità li titkellem bil-Ġermaniż, żona fejn investiment bħal dan ma jitqiesx kummerċjalment vijabbli. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-2.14 - L-iżvilupp ta' istitut tal-IA sabiex din it-teknoloġija tintuża biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà - ir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Dan l-investiment għandu jippromwovi l-użu ċċentrat fuq il-bniedem tal-IA f'oqsma bħas-saħħa u l-benesseri, l-ambjent, il-mobilità, l-enerġija, il-midja u d-demokrazija, anke b'appoġġ għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali, filwaqt li jiġi żgurat li l-interessi tas-soċjetà u dawk individwali jiġu riflessi fil-proċessi ta' riċerka, innovazzjoni u implimentazzjoni tal-IA. L-Istitut tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ġid Komuni fi Brussell (FARI) għandu jservi bħala pont bejn l-akkademja, in-negozji, it-tfassil tal-politiki u ċ-ċittadini, u huwa mibni fuq tliet pilastri: (1) Ċentru għar-Riċerka u Innovazzjoni fl-IA: li jgħaqqad flimkien l-akkademja, l-industrija, dawk li jfasslu l-politiki u ċ-ċittadini biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet tal-IA li huma aċċettati b'mod wiesa', (2) Grupp ta' riflessjoni dwar l-IA u s-Soċjetà: li jirrifletti dwar l-IA u l-pożizzjonament tagħha fis-soċjetà; u (3) Laboratorju li jittestja l-IA u l-Esperjenza tagħha: li jesponi t-teknoloġiji tal-IA u li huma msejsa fuq id-*data* biex il-pubbliku ġenerali u l-industrija jkunu mgħarrfa (inkluża dimensjoni ta' taħriġ). Il-pilastri (1) u (3) huma inklużi fil-pjan. Is-servizzi jinkludu appoġġ doppju[5] diġitali fuq skala urbana lill-awtoritajiet lokali għall-ippjanar urban u għall-involviment taċ-ċittadini. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment I-2.15 - Titjib fil-konnettività tal-iskejjel (interna), iżda wkoll tal-35 park kummerċjali fil-Wallonia - Ir-Reġjun ta' Walloon

Dan l-investiment jikkonsisti f'erba' sottomiżuri li huma mistennija li:

[5] It-tewmin diġitali huma repliki virtwali tal-oġġetti, tal-proċessi jew tal-postijiet fid-dinja fiżika.

1. iniedu l-fibra ottika f'35 park kummerċjali pubbliku fir-reġjun ta' Walloon minn Sofico, il-kumpanija ta' finanzjament għall-infrastruttura tar-reġjun ta' Walloon, fejn investimenti bħal dawn ma jitqisux kummerċjalment vijabbli, sabiex tinkiseb kopertura bil-fibra ottika ta' 100 % fil-parks kummerċjali pubbliċi kollha fir-reġjun ta' Walloon ("konnettività bil-fibra ottika għal 35 park kummerċjali");

2. jittestjaw l-applikazzjonijiet tat-teknoloġija 5G fis-setturi tan-negozju B2B6 li ġejjin sabiex ir-reġjun ta' Walloon ikun jista' jkejjel l-impatt tal-użu tal-5G: il-mobilità intelliġenti u l-loġistika, l-e-Saħħa, l-industrija tal-futur (it-titjib tal-kompetittività tal-intrapriżi permezz tal-użu ta' teknoloġiji diġitali avvanzati), u r-ruralità intelliġenti (appoġġ għat-tranżizzjoni diġitali tas-settur agrikolu) (il-"konnettività 5G");

3. iniedu tagħmir LAN u WLAN f'1 500 skola fir-reġjun ta' Wallon, li għadhom ma ġewx mgħammra b'tagħmir ta' kwalità professjonali bħal din, billi jiġu installati t-terminali tal-WiFi u l-kejbils meħtieġa fil-klassijiet kollha, kif ukoll is-sistemi meħtieġa biex tiġi żgurata l-ġestjoni sigura tagħhom (il-"Konnettività interna tal-iskejjel"); kif ukoll

4. jipprovdu appoġġ lil 750 skola (fil-livell primarju u sekondarju) fir-reġjun ta' Walloon li jappoġġaw il-proġetti diġitali tal-skejjel, filwaqt li jkun hemm rabta bejn l-allokazzjoni tat-tagħmir diġitali u l-kwalità tal-pjanijiet pedagoġiċi u tat-taħriġ ("Edukazzjoni 2.0").

L-implimentazzjoni tal-investiment mistennija titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma R-2.03 - L-introduzzjoni tal-5G - Pjan nazzjonali għall-broadband fissa u mobbli - fil-livell federali u reġjonali

Din il-miżura tikkonsisti f'riformi kemm fil-livell federali kif ukoll f'dak reġjonali li huma mistennija li jneħħu l-ostakli, inklużi l-ostakli regolatorji, għall-implimentazzjoni tal-5G u għall-użu ta' infrastruttura ta' konnettività ultraveloċi, bħall-fibra ottika. Fil-livell federali, il-liġi tal-5G u d-Digrieti Rjali li jassenjaw baned tal-ispettru pijunieri tal-UE għandhom jidħlu fis-seħħ sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2022. L-irkant tal-ispettru 5G, b'kundizzjonijiet favorevoli għall-investiment[7], għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2022. Barra minn hekk, it-tliet reġjuni kollha għandhom jirrevedu l-istandards tar-radjazzjoni li għandhom jippermettu l-użu effettiv tal-ispettru 5G kemm għall-użu privat kif ukoll għal dak industrijali, jekk jitqies meħtieġ u rakkomandat mill-kumitati rilevanti, f'liema każ l-istandards reġjonali riveduti għandhom jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2022.

Il-Belġju għandu jimplimenta wkoll is-Sett ta' Għodod ta' Konnettività li għandu jinkludi l-aħjar prattiki tal-konnettività biex titnaqqas l-ispiża għall-użu ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika u għal aċċess effiċjenti għall-ispettru tar-radju 5G imfassal għall-Belġju. Dan għandu jinkludi pjan direzzjonali nazzjonali biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' liċenzjar u ta' permessi rilevanti għall-introduzzjoni tal-5G u ta' networks ta' kapaċità għolja ħafna, bħall-fibra ottika. Ir-rapport dwar l-istat attwali tal-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod ta' Konnettività għandu jiġi ppubblikat sat-30 ta' Ġunju 2022

F.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

[6] Dawn is-setturi tan-negozju għandhom rabta diretta ma' proġetti korrispondenti fil-programm tar-reġjun ta' Walloon għal Walloon Diġitali, tal-Aġenzija Diġitali tar-reġjun ta' Walloon (Digital Wallonia | La Plateforme de la stratégie numérique en Wallonie).

[7] Kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-18.9.2020 dwar sett ta' għodod komuni tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-ispiża fit-tnedija ta' networks b'kapaċità għolja ħafna u l-iżgurar ta' aċċess f'waqtu u li jiffavorixxi l-investiment għall-ispettru tar-radju 5G, biex titwitta t-triq tal-konnettività u jkun appoġġat l-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19 fl-Unjoni.

Numru Sekwenzjali	Mizura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
80	Il-kopertura ta' żoni bojod billi jiġu żviluppati networks tal-fibra ottika b'veloċità għolja ħafna (I-2.13)	Mira	Kopertura		% (perċentwal)	0	20	Q2	2026	20 % tal-unitajiet domestiċi (7 400 dar) fil-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż fiż-żoni bojod tal-fibra ottika jirċievu aċċess għal networks fissi tal-fibra ottika ta' kapaċità għolja ħafna.
81	L-iżvilupp ta' istitut tal-IA sabiex din it-teknoloġija tintuża biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà (I-2.14)	Stadju importanti	It-tlestija ta' proġetti pilota mill-Istitut tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ġid Komuni	Rapport finali approvat dwar il-proġetti pilota tal-Istitut tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ġid Komuni				Q2	2022	Erba' proġetti pilota tal-Istitut tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ġid Komuni tlestew, u jipprovdu servizzi ta' appoġġ (bħal taħriġ, l-iżvilupp tal-prova tal-kunċett għal soluzzjonijiet ta' software) lil organizzazzjonijiet bi skop ta' qligħ jew mingħajr skop ta' qligħ jew lil organizzazzjonijiet pubbliċi f'oqsma bħall-edukazzjoni fl-IA, il-kura tas-saħħa, u l-impjiegi fir-Reġjun ta' Brussell.
82	L-iżvilupp ta' istitut tal-IA sabiex din	Stadju importanti	Fl-Istitut tal-Intelliġenza	Fl-Istitut tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-				Q4	2023	Fl-Istitut tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ġid Komuni nħoloq tim multidixxiplinarju ta' esperti dwar l-IA, id-*data* u r-robotika u għandu jkun lest

	it-teknoloġija tintuża biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà (I-2.14)		Artifiċjali għall-Ġid Komuni nħoloq tim ta' esperti	Ġid Komuni nħoloq tim multidixxiplinarju ta' esperti dwar l-IA, id-*data* u r-robotika.						li jappoġġa s-servizzi pubbliċi pprovduti mir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali u t-tranżizzjoni diġitali ta' dan ir-reġjun.
83	L-iżvilupp ta' istitut tal-IA sabiex din it-teknoloġija tintuża biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà (I-2.14)	Mira	Servizzi tal-IA mogħtija mill-Istitut tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ġid Komuni		Numru	0	3	Q4	2024	Tliet servizzi mill-Istitut tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ġid Komuni ngħataw lill-awtoritajiet lokali, jiġifieri appoġġ diġitali doppju, taħriġ u attivitajiet ta' konsulenza relatati mas-servizzi taċ-ċittadini (bħal impenn).
84	It-titjib fil-konnettività tal-iskejjel (interna), iżda wkoll tal-35 park kummerċjali fil-Wallonia (I-2.15)	Mira	Konnettività tal-fibra ottika għal 32 park kummerċjali		Numru	0	35	Q4	2025	35 park kummerċjali reġjonali pubbliku fil-Wallonia jirċievu aċċess għal netwerks fissi tal-fibra ottika b'kapaċità għolja ħafna.
85	It-titjib fil-konnettività tal-iskejjel (interna), iżda wkoll tal-35 park	Mira	L-għoti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku għal proġetti tal-		Numru	0	10	Q4	2024	Għaxar kuntratti ta' akkwist pubbliku mogħtija għal proġetti tal-5G bil-prova tal-kunċett fl-oqsma tal-Fabbriki tal-Futur, tar-Ruralità Intelliġenti, tal-mobilità intelliġenti u tal-loġistika u tal-e-Saħħa fir-reġjun ta' Walloon.

	kummerċjali fil-Wallonia (I-2.15)		5G bil-prova tal-kunċett							
86	It-titjib fil-konnettività tal-iskejjel (interna), iżda wkoll tal-35 park kummerċjali fil-Wallonia (I-2.15)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku għal proġetti tal-5G bil-prova tal-kunċett eżegwit bi sħiħ	Ir-rapport finali tal-kuntratti ta' akkwist pubbliku għal proġetti tal-5G bil-prova tal-kunċett approvat				Q2	2026	Mal-75 kuntratt ta' akkwist pubbliku mogħtija għal proġetti tal-5G fl-oqsma tal-Fabbriki tal-Futur, tar-Ruralità Intelliġenti, tal-mobilità intelliġenti u tal-loġistika u tal-e-Saħħa fir-reġjun ta' Walloon ġew eżegwiti.
87	It-titjib fil-konnettività tal-iskejjel (interna), iżda wkoll tal-35 park kummerċjali fil-Wallonia (I-2.15)	Mira	Il-proġetti 2.0 għall-edukazzjoni twettqu		Numru	0	675	Q2	2026	Mas-675 skola fir-reġjun ta' Walloon ġew assistiti u mgħammra permezz ta' appoġġ tekniku u pedagoġiku speċifiku biex iwettqu proġett ta' skola diġitali li jippermettilhom jimplimentaw it-teknoloġiji diġitali adattati għall-ħtiġijiet tal-pedagoġija speċifiċi tagħhom.
88	It-titjib fil-konnettività tal-iskejjel (interna), iżda wkoll tal-35 park kummerċjali fil-Wallonia (I-2.15)	Mira	Il-konnettività interna tal-proġetti tal-iskejjel tlestiet		Numru	0	1350	Q2	2026	It-tnedija tat-tagħmir LAN u WLAN tlestiet f'1 350 skola fir-reġjun ta' Walloon, li għandu jżid il-konnettività interna ta' dawn l-iskejjel.

89	L-introduzzjoni tal-5G - Pjan nazzjonali għall-broadband fissa u mobbli (R-2.03)	Stadju importanti	Sett ta' Għodod ta' Konnettività tal-UE	Implimentat sett ta' għodod ta' konnettività tal-UE, inkluż pjan direzzjonali				Q2	2021	Il-pjan biex jiġi implimentat sett ta' għodod ta' konnettività tal-UE ġie adottat, inkluż l-adozzjoni ta' pjan direzzjonali biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' liċenzjar u ta' permessi rilevanti għall-introduzzjoni tal-5G u ta' networks ta' kapaċità għolja ħafna, bħall-fibra ottika.
90	L-introduzzjoni tal-5G - Pjan nazzjonali għall-broadband fissa u mobbli (R-2.03)	Stadju importanti	Il-pubblikazzjoni tal-qafas leġiżlattiv għall-assenjar tal-ispettru 5G	Il-pubblikazzjoni tal-qafas leġiżlattiv għall-assenjar tal-ispettru 5G				Q4	2021	Il-pubblikazzjoni tal-liġi tal-5G u d-Digrieti Irjali biex jiġu assenjati bandi tal-ispettru tar-radju pijunieri tal-UE kif definiti mill-Grupp tal-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju għan-netwerks 5G taħt kundizzjonijiet favorevoli għall-investiment.
91	L-introduzzjoni tal-5G - Pjan nazzjonali għall-broadband fissa u mobbli (R-2.03)	Stadju importanti	Irkant tal-5G	L-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' irkant tal-5G taħt kundizzjonijiet favorevoli għall-investiment mill-Istitut Belġjan għas-servizzi postali u t-telekomunikazzj				Q2	2022	It-tlestija tal-irkant tal-5G mir-regolatur federali tat-telekomunikazzjoni (l-Istitut Belġjan għas-Servizzi Postali u t-Telekomunikazzjoni) taħt kundizzjonijiet favorevoli għall-investiment, b'mod partikolari: is-sejħa għal kandidati, l-iżvilupp ta' software (ibbażat fuq id-Digrieti Rjali), l-ittestjar ta' software, il-manwali u l-linji gwida għall-utenti, il-verifika tal-eliġibbiltà tal-kandidati, it-taħriġ fis-software għat-tim tal-irkantaturi, it-twettiq tal-irkant, id-deċiżjoni ta' liċenzjar tal-Istitut Belġjan għas-Servizzi Postali u t-Telekomunikazzjoni (b'konsultazzjoni mar-reġjuni).

				onijiet						
92	L-introduzzjoni tal-5G - Pjan nazzjonali għall-broadband fissa u mobbli (R-2.03)	Stadju importanti	L-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod għall-Istatus ta' Konnettività	Il-pubblikazzjoni ta' rapport dwar l-istat tal-proċedimenti tal-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod ta' Konnettività				Q2	2022	Rapport ippubblikat mill-Ministeru Federali tat-Telekomunikazzjoni dwar l-istat tal-proċedimenti tal-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod ta' Konnettività f'konformità mal-ambitu u l-proċess deskritti fil-pjan direzzjonali Belġjan għall-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod ta' Konnettività.
93	L-introduzzjoni tal-5G - Pjan nazzjonali għall-broadband fissa u mobbli (R-2.03)	Stadju importanti	Ir-reviżjoni tal-qafas leġiżlattiv tat-tliet reġjuni dwar l-istandards tar-radjazzjoni	Ir-reviżjoni tal-oqfsa leġiżlattiv reġjonali dwar l-istandards tar-radjazzjoni fuq il-bażi ta' rakkomandazzjonijiet mill-kumitati u l-kummissjonijiet kompetenti				Q3	2022	Fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet imressqa mill-kumitati u l-kummissjonijiet rilevanti u r-rapporti li jivvalutaw il-possibbiltà li jemendaw l-oqfsa leġiżlattivi rispettivi tagħhom dwar l-istandards tar-radjazzjoni, l-adattament u d-dħul fis-seħħ tal-oqfsa leġiżlattivi rispettivi tar-reġjun Fjamming, ir-reġjun ta' Brussell-Kapitali u r-reġjun ta' Walloon, li jemendaw l-istandards tar-radjazzjoni, jekk dan jitqies meħtieġ u rrakkomandat mill-kumitati rilevanti, jippermettu t-tnedija effettiva tal-ispettru 5G kemm għall-użu privat kif ukoll għal dak industrijali.

G. KOMPONENT 3.1: INFRASTRUTTURA GĦAĊ-ĊIKLIŻMU U GĦALL-MIXI

Il-miżuri proposti taħt dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom l-għan li jestendu u jaġġornaw l-infrastruttura taċ-ċikliżmu u tal-mixi fil-Belġju kollu.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020 li tistieden lill-Belġju biex jiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq l-infrastruttura għal trasport sostenibbli.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

G.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

L-investiment I-3A: "L-infrastruttura ċiklistika"

L-objettivi tal-investiment huma li tinħoloq infrastruttura addizzjonali għaċ-ċikliżmu u li tittejjeb l-infrastruttura eżistenti. Din il-miżura hija magħmula mill-erba' sottomiżuri li ġejjin:

- L-investiment I-3.01: "L-infrastruttura ċiklistika" tar-Reġjun Fjamming
- L-investiment I-3.02: "L-infrastruttura ċiklistika - Passaġġi Vélo" fir-Reġjun ta' Walloon
- L-investiment I-3.03: "L-infrastruttura ċiklistika - Vélo Plus - RBC" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali
- L-investiment I-3.03: "Infrastruttura taċ-ċikliżmu - Vélo Plus - FED" tal-Istat Federali

L-investiment I-3.01: "L-infrastruttura ċiklistika" tar-Reġjun Fjamming

Dan l-investiment jikkonsisti fil-bini ta' 139 km ta' passaġġi ġodda għaċ-ċikliżmu u l-irranġar ta' 1 351 km ta' passaġġi għaċ-ċikliżmu. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-3.02: "L-infrastruttura ċiklistika - Passaġġi Vélo" fir-Reġjun ta' Walloon

Dan l-investiment jikkonsisti fil-bini ta' mill-inqas 27 km ta' passaġġi għaċ-ċikliżmu permezz ta' żewġ kurituri taċ-ċikliżmu tul l-awtostrada E411 u t-triq N275. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-3.03: "L-infrastruttura ċiklistika - Vélo Plus - RBC" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Dan l-investiment jikkonsisti fil-bini ta' mill-inqas 7 000 spazju għall-parkeġġ tar-roti u mill-inqas 15-il kilometru ta' passaġġi għaċ-ċikliżmu, u t-titjib ta' 5 km ta' passaġġi għaċ-ċikliżmu fi Brussell. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-3.03: "L-infrastruttura ċiklistika - Vélo Plus - FED" tal-Istat Federali

Dan l-investiment jikkonsisti fil-bini ta' mill-inqas 6,6 km ta' passaġġi għaċ-ċikliżmu tul il-linji ferrovjarji fi Brussell. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-3.04: "L-infrastruttura għaċ-ċikliżmu u l-mixi - Schuman" tal-Istat Federali

Dan l-investiment jikkonsisti fil-bini ta' mill-inqas 28 800 metru kwadru ta' infrastruttura għaċ-ċikliżmu u għall-mixi madwar il-pjazza Schuman fi Brussell. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

G.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
94	L-infrastruttura ċiklistika (I-3A)	Stadju importanti	Il-bidu tal-proġetti kollha taċ-ċikliżmu u tal-mixi	L-adozzjoni tad-deċiżjoni jew tal-għoti tal-kuntratt				Q2	2024	L-infrastruttura ċiklistika - VLA: L-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-baġit u/jew il-modalitajiet ta' sussidju għaż-żewġ programmi 1) tal-Beleidsdomein Mobiliteit en Openbare Werken u 2) tal-Agentschap Binnenlands Bestuur. L-infrastruttura ċiklistika - Passaġġi Vélo - WAL: L-għoti ta' kuntratti fuq erba' meded fil-Wallonia L-infrastruttura ċiklistika - Vélo Plus - RBC: L-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar l-itinerarji ċiklistiċi fi Brussell (RBC) L-infrastruttura ċiklistika - Vélo Plus - FED: L-għoti ta' permess għall-bini fi Brussell.
95	L-infrastruttura ċiklistika (I-3A)	Mira	Toroq ġodda u rranġati għaċ-ċikliżmu		km	0	204,3	Q1	2024	204,3 km ta' passaġġi għaċ-ċikliżmu ġodda u rranġati.
96	L-infrastruttura	Mira	Toroq		km	204,3	1389,6	Q2	2026	1389,6 km ta' passaġġi għaċ-ċikliżmu ġodda u

	ċiklistika (I-3A)		ġodda u rranġati għaċ-ċikliżmu							rranġati.
97	L-infrastruttura ċiklistika - Vélo Plus - RBC (I-3.03)	Mira	Parkeġġ tar-roti pubbliku ġdid għar-residenti		Postijiet għall-parkeġġ tar-roti	0	7000	Q2	2026	7000 spazju pubbliku ġdid għall-parkeġġ tar-roti.
98	Infrastruttura għaċ-ċikliżmu u l-mixi - Schuman (I-3.04)	Mira	Spazju pubbliku ġdid għall-persuni bil-mixi, iċ-ċiklisti u t-trasport pubbliku f'Schuman		m²	0	25 000	Q2	2026	25 000 m^2 ta' spazju pubbliku ġdid għall-persuni bil-mixi, iċ-ċiklisti u t-trasport pubbliku f'Schuman

H. KOMPONENT 3.2: BIDLA MODALI

Il-miżuri proposti taħt dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom l-għan li jappoġġaw il-bidla modali billi jinvestu fil-ferroviji, it-trasport pubbliku lokali, il-mobilità intelliġenti u l-passaġġi fuq l-ilma interni.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019 li tistieden lill-Belġju biex "jiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq it-trasport sostenibbli, inkluż it-titjib tal-infrastruttura ferrovjarja, it-tranżizzjoni lejn livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju u t-tranżizzjoni tal-enerġija u r-riċerka u l-innovazzjoni, b'mod partikolari fid-diġitalizzazzjoni, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali. Jindirizza l-isfidi tal-mobilità li qed jikbru, billi jsaħħaħ l-inċentivi u jneħħi l-ostakli biex jiżdiedu l-provvista u d-domanda tat-trasport kollettiv u b'emissjonijiet baxxi", u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020 li tistieden lill-Belġju biex "jiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq l-infrastruttura għal trasport sostenibbli".

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

H.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-3.01: "Il-prestazzjoni ta' Infrabel/NMBS-SNCB" tal-Istat Federali

Din ir-riforma tikkonsisti fl-adozzjoni ta' kuntratti ġodda ta' prestazzjoni ta' NMBS-SNCB u Infrabel u l-pjan ta' investiment pluriennali tagħhom, u għandhom tal-anqas jiżguraw dan li ġej:

- L-eżekuzzjoni f'waqtha tal-investimenti suburbani fil-ferroviji, ir-"Réseau suburbain bruxellois - Geweestelijk ExpressNet" (RER-GEN), sal-2031, f'konformità mal-liġi li tadotta l-ftehim ta' kooperazzjoni interreġjonali[8] dwar l-investimenti ferrovjarji strateġiċi[9]

- Fil-kuntratt hemm inkorporati inċentivi tajbin favur l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizz.

- Investimenti lesti I-3.09 "Stazzjonijiet ferrovjarji aċċessibbli u multimodali - FED", I-3.10 "Network ferrovjarju effiċjenti - FED" u I-3.12 "Mobilità ferrovjarja intelliġenti - FED", inklużi f'dan il-komponent tal-RRP.

Il-kuntratt għandu jiġi konkluż sat-30 ta' Ġunju 2023.

Ir-riforma R-3.02: "Il-baġit għall-mobilità" tal-Istat Federali

Din ir-riforma għandha l-għan li ssaħħaħ l-inċentivi biex tiżdied id-domanda għal mezzi ta' trasport bejn id-dar u x-xogħol li jikkostitwixxu alternattiva sostenibbli għall-karozzi tal-kumpaniji (jiġifieri t-trasport kollettiv u r-roti), peress li l-użu tal-iskema attwali tal-baġit għall-mobilità baqa' limitat ħafna. L-għan huwa li tiġi xprunata bidla modali lil hinn mill-karozzi. Ir-riforma tikkonsisti fl-adozzjoni tal-liġi li tiddefinixxi baġit rivedut għall-mobilità.

[8] Ara l-Anness Ia tal-Liġi li tapprova l-ftehim ta' kooperazzjoni tal-5 ta' Ottubru 2018 bejn l-Istat Federali, ir-Reġjun Fjamming, ir-Reġjun tal-Wallonia u r-Reġjun ta' Brussell-Kapitali dwar il-finanzjament ta' infrastrutturi ferrovjarji strateġiċi, Moniteur belge – 11.03.2019 – Belgisch Staatsblad

[9] Dan isegwi s-CSR 3 2018: "Jiġu indirizzati l-isfidi tal-mobilità li dejjem jiżdiedu, b'mod partikolari permezz ta' investiment f'infrastruttura tat-trasport ġdida jew eżistenti u jissaħħu l-inċentivi biex jintuża t-trasport kollettiv u b'emissjonijiet baxxi"

Il-Kapitolu fil-liġi li jirrevedi l-baġit tal-Mobilità għandu jidħol fis-seħħ sal-1 ta' Settembru 2021.

L-investiment I-3B: "It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia"

L-objettivi tal-investiment huma biex jissaħħaħ it-trasport pubbliku fil-Wallonia. Din il-miżura hija magħmula mill-erba' sottomiżuri li ġejjin:

- L-investiment I-3.05: "Xarabank b'Livell Għoli ta' Servizz" tar-Reġjun ta' Walloon
- L-investiment I-3.06: "Estensjoni tat-tramm" tar-Reġjun ta' Walloon
- L-investiment I-3.07: "Estensjoni tal-metrò" tar-Reġjun ta' Walloon
- L-investiment I-3.08: "Sinjali tat-toroq intelliġenti" tar-Reġjun ta' Walloon

L-investiment I-3C: "Xogħlijiet ta' rinnovazzjoni ferrovjarja u għall-aċċessibbiltà fl-istazzjonijiet"
L-objettiv tal-investiment huwa li jiġu rinnovati l-linji ferrovjarji u li l-istazzjonijiet ferrovjarji jkunu aktar aċċessibbli. Din il-miżura hija magħmula miż-żewġ sottomiżuri li ġejjin:

- L-investiment I-3.09: "Stazzjonijiet ferrovjarji aċċessibbli u multimodali" tal-Istat Federali
- L-investiment I-3.10: "Network ferrovjarju effiċjenti" tal-Istat Federali

L-investiment I-3D: "Ir-rilaxx tad-*Data* Miftuħa għall-applikazzjoni tal-Mobilità Intelliġenti"
L-objettiv tal-investiment huwa li tiġi rilaxxata *data* miftuħa għall-applikazzjoni tal-Mobilità Intelliġenti. Din il-miżura hija magħmula miż-żewġ sottomiżuri li ġejjin:

- L-investiment I-3.12: "Mobilità ferrovjarja intelliġenti" tal-Istat Federali
- L-investiment I-3.13: "It-tnedija tal-mobilità bħala Servizz (MaaS)" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

L-investiment I-3E: "It-tnedija tal-moduli tal-IT ferrovjarji"
L-objettiv tal-investiment huwa li l-moduli tal-IT li jtejbu l-ġestjoni tat-traffiku u l-ħruġ ta' biljetti jkunu operazzjonali. Din il-miżura hija magħmula miż-żewġ sottomiżuri li ġejjin:

- L-investiment I-3.10: "Network ferrovjarju effiċjenti" tal-Istat Federali
- L-investiment I-3.12: "Mobilità ferrovjarja intelliġenti" tal-Istat Federali

L-investiment I-3.05: "Xarabank b'Livell Għoli ta' Servizz" tar-Reġjun ta' Walloon

Dan l-investiment jikkonsisti fil-bini ta' korsija apposta għax-xarabanks ferm frekwenti fiż-żona ta' Mons-Borinage area (il-Wallonia) tul it-triq N51. Iż-żieda fl-ispejjeż operattivi minħabba d-dħul fis-servizz ta' dan ix-xarabank ferm frekwenti għandha tiġi kkumpensata skont il-kuntratt ta' servizz pubbliku rivedut tal-"Opérateur de Transport de Wallonie" mogħti mir-Reġjun ta' Walloon. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-3.06: "Estensjoni tat-tramm" tar-Reġjun ta' Walloon

Dan l-investiment jikkonsisti fl-estensjoni tat-tramm ta' Liège b'5,8 km għal Herstal u għal Seraing. Iż-żieda fl-ispejjeż operattivi minħabba s-servizz estiż tat-tramm għandha tiġi inkluża fil-kuntratt ta' servizz pubbliku rivedut tal-"Opérateur de Transport de Wallonie" mogħti mir-Reġjun ta' Walloon. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-3.07: "Estensjoni tal-metrò" tar-Reġjun ta' Walloon

Dan l-investiment jikkonsisti fir-rinnovazzjoni u l-estensjoni tan-netwerk tal-metrò ħafif Charleroi b'5,5 km, sal-Grand Hôpital de Charleroi (Viviers). Iż-żieda fl-ispejjeż operattivi

minħabba s-servizz estiż tat-tramm għandha tiġi inkluża fil-kuntratt ta' servizz pubbliku rivedut tal-"Opérateur de Transport de Wallonie" mogħti mir-Reġjun ta' Walloon. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-3.08: "Sinjali tat-toroq intelliġenti" tar-Reġjun ta' Walloon

Dawn l-investimenti jikkonsistu fl-installazzjoni ta' dawl tat-traffiku intelliġenti għax-xarabanks tat-trasport pubbliku fil-Wallonia f'mill-inqas 400 salib it-toroq. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-3.09: "Stazzjonijiet ferrovjarji aċċessibbli u multimodali" tal-Istat Federali

Dan l-investiment jikkonsisti fil-bini ta' mill-inqas 6000 spazju għall-parkeġġ tar-roti fi stazzjonijiet tal-ferrovija[10], u biex mill-inqas 25 stazzjon[11] jkunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobilità mnaqqsa f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-3.10: "Network ferrovjarju effiċjenti" tal-Istat Federali

Dan l-investiment jikkonsisti fit-titjib ta' 36 sezzjoni ferrovjarja fin-netwerk globali, l-immodernizzar ta' 24 infrastruttura ddedikata għat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, it-tneħħija ta' sitt punti ta' konġestjoni fl-infrastruttura li jfixklu l-prestazzjoni tal-linja minn Brussell sal-Lussemburgu (il-ferrovija Eurocap), it-tneħħija ta' erba' punti ta' konġestjoni ferrovjarji fi Brussell u l-iżvilupp ta' modulu tal-IT għall-ġestjoni tat-traffiku. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-3.11: "Il-Kanal Albert u Trilogiport" tar-Reġjun ta' Walloon

Dan l-investiment jikkonsisti fl-estensjoni tal-pjattaforma multimodali ta' Trilogiport f'Liège u fiż-żieda fl-għoli ta' 4 pontijiet fuq il-Kanal Albert (il-pontijiet Lanaye, Lixhe, Haccourt u Hermalle-sous-Argenteau) biex il-braken ikunu jistgħu jittrasportaw merkanzija b'għoli ta' 9,1 m l-aktar (4 saffi ta' merkanzija). L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

L-investiment I-3.12: "Mobilità ferrovjarja intelliġenti" tal-Istat Federali

Dan l-investiment jikkonsisti fl-istabbiliment ta' pjanifikatur tar-rotot tad-*data* miftuħa u tmien moduli tal-IT bi pjattaforma tal-biljetti interoperabbli ma' operaturi tat-trasport reġjonali oħra Belġjani (STIB-MIVB, De Lijn, TEC). L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

L-investiment I-3.13: "It-tnedija tal-mobilità bħala Servizz (MaaS)" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Dan l-investiment jikkonsisti fit-twaqqif ta' Ċentru tad-*Data* fi Brussell li jippermetti l-ħżin, it-trattament, l-analiżi u l-iskambju b'ħeffa tad-*data* dwar il-mobilità ġġenerata mill-kumpaniji tan-network tat-trasport u l-aggregaturi tal-mobilità bħala Servizz ("aggregaturi MaaS"). Iċ-Ċentru tad-*Data* fi Brussell għandu jkopri mhux biss it-trasport pubbliku iżda wkoll iċ-ċikliżmu. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

L-investiment I-3.14: "Għotjiet għal bidla modali" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

[10] Diest, Gent Dampoort, Herentals, Leuven, Mechelen-Nekkerspoel

[11] Barvaux, Dinant, Fexche-le-haut-clocher, Marche-en-famenne, Zwijndrecht, Alken, Buggenhout, Eupen, Fleurus, Louvain-la-Neuve, Sint-Agatha-Berchem, Watermael, Ans, Antwerpen-Zuid, Blankenberge, Diest, Mechelen-Nekkerspoel, Visé, Huy, Luttre, Meiser, Sint-Job, Tubize, Verviers-Central u Waremme

Dan l-investiment jikkonsisti fl-appoġġ ta' għotja ġdida għal bidla modali riveduta li tissostitwixxi l-għotja ta' "Brussels Air", billi tiġi estiża għat-tipi ġodda kollha ta' mezzi ta' trasport sostenibbli (il-car-sharing, il-bike-sharing, l-iscooters) biex jissaħħu l-inċentivi biex tiżdied id-domanda għat-trasport kollettiv u b'emissjonijiet baxxi. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

L-investiment I-3.15: "Smart Move" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Dan l-investiment jikkonsisti fl-iżvilupp ta' sistema tal-IT mobbli bħala servizz ("Smart Move") fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali b'interfaċċa li tkun "app" li tipprovdi lill-utenti b'informazzjoni sħiħa u preċiża dwar il-modi ta' trasport disponibbli, inkluża l-ispiża rispettiva tagħhom, b'attenzjoni partikolari għall-impatt fuq il-konġestjoni u l-ambjent. L-investiment ikopri b'mod partikolari ukoll it-traċċar tal-back office, is-sit web, l-awtentikazzjoni u s-software għall-prezzijiet u għas-simulazzjoni tal-prezzijiet u biex id-*data* titqabbel wara li b'mod awtomatiku tintgħaraf il-pjanċa tal-vettura. Is-sistemi tal-IT jinkludu wkoll komponent ta' tariffi għall-użu tat-toroq, li għadhom is-suġġett ta' diskussjonijiet bejn ir-Reġjuni differenti. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022.

H.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
99	It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia (I-3B)	Mira	Il-bidu ta' xogħlijiet infrastrutturali kbar għax-xarabanks (Mons, u sinjali tat-toroq intelliġenti), għat-tramms (Liège) u l-metrò ħafif (Charleroi)		Proġetti	0	4	Q3	2023	Xarabank b'Livell Għoli ta' Servizz - WAL - L-għoti ta' kuntratti għax-xogħlijiet pubbliċi kollha (in-notifika tal-għoti tal-kuntratti ġiet ippubblikata) L-estensjoni tat-tramm ta' Liège - WAL - Tlesta l-istudju preliminari - Tlestiet il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali - Nġabru d-dokumenti preliminari kollha meħtieġa biex jintalbu l-permessi tal-bini u dawk ambjentali - Il-ħruġ tal-permessi kollha tal-bini u dawk ambjentali għal estensjoni f'Herstal u Seraing. L-estensjoni tal-metrò ta' Charleroi - WAL - Il-ħruġ tal-permessi kollha tal-bini u dawk ambjentali Dawl tat-traffiku intelliġenti - WAL - L-għoti ta' kuntratti għax-xogħlijiet pubbliċi kollha (in-notifika tal-għoti tal-kuntratti ġiet ippubblikata)
100	It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia (I-	Mira	It-tlestija ta' xogħlijiet u it-tħaddim tad-dawl tat-traffiku		Km: L-għadd ta' slaleb it-toroq	0 0	6 260	Q2	2025	Xarabank b'Livell Għoli ta' Servizz - WAL L-estensjoni tat-tramm ta' Liège - WAL L-estensjoni tal-metrò ta' Charleroi - WAL 6 km ta' infrastruttura addizzjonali għat-

	3B)		intelliġenti fit-toroq		b'dawl tat-traffiku intelliġenti					trasport pubbliku, għal xarabanks b'livell għoli ta' servizz b'emissjonijiet żero (Mons), estensjoni tat-tramm (Liège) u estensjoni tal-metrò (Charleroi) <u>Feux intelligents - WAL</u> - Mal-260 salib it-toroq ġew mgħammra b'sinjali tat-toroq intelliġenti.
101	It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia (I-3B)	Mira	It-tlestija ta' xogħlijiet u slaleb it-toroq b'dawl tat-traffiku intelliġenti		Km: L-għadd ta' slaleb it-toroq b'dawl tat-traffiku intelliġenti fil-pjattaforma ċentralizzata	6 260	18 400	Q2	2026	It-tlestija ta' xogħlijiet ta' 18 km ta' infrastruttura addizzjonali għat-trasport pubbliku, għal xarabanks b'livell għoli ta' servizz b'emissjonijiet żero (Mons), estensjoni tat-tramm (Liège) u estensjoni tal-metrò (Charleroi) u 400 salib it-toroq bid-dawl tat-traffiku intelliġenti għax-xarabanks tat-trasport pubbliku huma operattivi fil-pjattaforma ċentralizzata ta' senjalizzazzjoni tat-toroq.
102	It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia (I-3B)	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratt ta' servizz pubbliku rivedut tal-OTW ("Organisme de Transport de Wallonie")	Kuntratt ta' servizz pubbliku rivedut tal-OTW ("Organisme de Transport de Wallonie")	-	-	-	Q2	2024	L-iffirmar tal-kuntratt ta' servizz pubbliku rivedut tal-OTW ("Organisme de Transport de Wallonie") bl-impenn ta' kumpens għan-nefqa operazzjonali addizzjonali ta' servizz tax-xarabanks ferm frekwenti b'emissjonijiet żero f'Mons, il-metrò ta' Charleroi u t-tramm ta' Liège.
103	Xogħlijiet ta' rinnovazzjoni ferrovjarja u għall-aċċessibbiltà fl-istazzjonijiet (I-3C)	Mira	It-tlestija ta' xogħlijiet ferrovjarji ta' rinnovazzjoni u ta' modernizzazzjoni u xogħlijiet ta' aċċessibbiltà fl-		Xogħlijiet lesti	0	32	Q3	2022	It-tlestija ta' 32 intervent biex tittejjeb l-infrastruttura ferrovjarja, iż-żieda ta' 6000 spazju għall-parkeġġ tar-roti jagħmlu ħames (5) stazzjonijiet aċċessibbli skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 fuq il-bażi ta' mill-inqas erba' (4) kriterji:

			istazzjonijiet (fażi 1)							- pjattaformi għoljin (76 cm) - pjattaformi aċċessibbli permezz ta' rampi jew liftijiet - sistema li tiggwida bil-wiċċ tal-art ibbuzzat - mill-inqas magna waħda tal-bejgħ tal-biljetti aċċessibbli mill-persuni b'mobilità mnaqqsa
104	Xogħlijiet ta' rinnovazzjoni ferrovjarja u għall-aċċessibbiltà fl-istazzjonijiet (I-3C)	Mira	It-tlestija ta' xogħlijiet ferrovjarji ta' rinnovazzjoni u ta' modernizzazzjoni u xogħlijiet ta' aċċessibbiltà fl-istazzjonijiet (fażi 2)		Xogħlijiet lesti	32	62	Q3	2023	It-tlestija ta' 62 intervent biex tittejjeb l-infrastruttura ferrovjarja, iż-żieda ta' 6000 spazju għall-parkeġġ tar-roti jagħmlu ħames (12) stazzjonijiet aċċessibbli skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 fuq il-bażi ta' mill-inqas erba' (4) kriterji: - pjattaformi għoljin (76 cm) - pjattaformi aċċessibbli permezz ta' rampi jew liftijiet - sistema li tiggwida bil-wiċċ tal-art ibbuzzat - mill-inqas magna waħda tal-bejgħ tal-biljetti aċċessibbli mill-persuni b'mobilità mnaqqsa
105	Xogħlijiet ta' rinnovazzjoni ferrovjarja u għall-aċċessibbiltà fl-istazzjonijiet (I-3C)	Mira	It-tlestija ta' xogħlijiet ferrovjarji ta' rinnovazzjoni u ta' modernizzazzjoni u xogħlijiet ta' aċċessibbiltà fl-istazzjonijiet (fażi 3)		Xogħlijiet lesti	62	82	Q2	2026	It-tlestija ta' 82 intervent biex tittejjeb l-infrastruttura ferrovjarja, iż-żieda ta' 6000 spazju għall-parkeġġ tar-roti jagħmlu ħames (25) stazzjonijiet aċċessibbli skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 fuq il-bażi ta' mill-inqas erba' (4) kriterji: - pjattaformi għoljin (76 cm) - pjattaformi aċċessibbli permezz ta' rampi jew liftijiet - sistema li tiggwida bil-wiċċ tal-art ibbuzzat - mill-inqas magna waħda tal-bejgħ tal-biljetti aċċessibbli mill-persuni b'mobilità mnaqqsa

106	Il-Kanal Albert u Trilogiport (I-3.11)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti għax-xogħlijiet tal-pontijiet fuq il-Kanal Albert u l-pjattaforma l-ġdida fi Trilogiport	Notifika bil-miktub ta' għoti ta' kuntratti	-	-	-	Q3	2023	L-għoti tal-kuntratti kollha għal xogħlijiet fil-pjattaforma multimodali l-ġdida ta' Trilogiport f'Liège u l-erba' (4) pontijiet fuq il-Kanal Albert (il-pontijiet Lanaye, Lixhe, Haccourt u Hermalle-sous-Argenteau).
107	Il-Kanal Albert u Trilogiport (I-3.11)	Mira	It-tlestija tax-xogħlijiet fuq il-pontijiet ta' fuq il-Kanal Albert u fil-pjattaforma l-ġdida fi Trilogiport		Għadd ta' xogħlijiet	0	5	Q4	2025	It-tlestija tax-xogħlijiet fil-pjattaforma multimodali ta' Trilogiport f'Liège (il-wasla tal-"procès-verbal de reception provisoire") u tax-xogħlijiet biex jiżdied l-għoli ta' erba' (4) pontijiet fuq il-Kanal Albert (il-pontijiet Lanaye, Lixhe, Haccourt u Hermalle-sous-Argenteau).
108	Ir-rilaxx tad-*Data* Miftuħa għall-applikazzjoni tal-Mobilità Intelliġenti (I-3D)	Mira	Ir-rilaxx tad-*Data* Miftuħa għall-applikazzjoni tal-Mobilità Intelliġenti		Proġetti	0	3	Q1	2025	Ir-rilaxx tad-*Data* Miftuħa għall-applikazzjoni tal-Mobilità Intelliġenti: - Il-ħruġ tal-biljetti tal-SNCB (proġett wieħed), - L-ippjanar tal-SNCB u d-*data* fil-ħin reali (proġett wieħed) - Is-servizzi ta' mobilità fi Brussell (proġett wieħed)
109	It-tnedija tal-moduli tal-IT ferrovjarji (I-3E)	Mira	It-tnedija tal-moduli tal-IT ferrovjarji		Moduli	0	10	Q4	2024	It-tnedija tal-moduli tal-IT ferrovjarji: - Is-sistema ta' ġestjoni tat-traffiku ta' Infrabel (modulu wieħed) Pjanifikatur tar-rotot ta' SNCB-NMBS (modulu wieħed) Komponenti għall-ħruġ tal-biljetti ta' SNCB-NMBS (tmien moduli) li jippermettu operazzjonijiet u esperjenza aħjar għall-klijenti tal-ferroviji tal-merkanzija u tal-passiġġieri.
110	Il-baġit ta'	Stadju	L-adozzjoni tal-	L-adozzjoni tal-	-	-	-	Q3	2021	L-adozzjoni tal-baġit għall-mobilità.

	Mobiliteit (R-3.02)	importanti	bağit għall-mobilità	bağit għall-mobilità						
111	Il-prestazzjoni ta' SNCB/INFRABEL (R-3.01)	Stadju importanti	L-approvazzjoni tal-kuntratti ta' prestazzjoni l-ġodda ta' NMBS-SNCB u Infrabel u l-pjan ta' investiment pluriennali	L-approvazzjoni tal-kuntratti	-	-	-	Q2	2023	Il-kuntratt ta' prestazzjoni l-ġdid għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw: - L-eżekuzzjoni f'waqtha tax-xogħlijiet fir-RER-GEN f'konformità mal-liġi li tadotta l-ftehim ta' kooperazzjoni interreġjonali dwar l-investimenti ferrovjarji strateġiċi (l-Anness Ia tal-Liġi li tapprova l-ftehim ta' kooperazzjoni tal-5 ta' Ottubru 2018 bejn l-Istat Federali, ir-Reġjun Fjamming, ir-Reġjun tal-Wallonia u r-Reġjun ta' Brussell-Kapitali dwar il-finanzjament ta' infrastrutturi ferrovjarji strateġiċi, il-Moniteur belge – 11.03.2019 – Belgisch Staatsblad) - Fil-kuntratt hemm inkorporati inċentivi tajbin favur l-effiċjenza u l-kwalità tas-servizz - it-tlestija tal-ivestimenti I-3.09 "Stazzjonijiet ferrovjarji aċċessibbli u multimodali - FED", I-3.10 "Network ferrovjarju effiċjenti - FED" u I-3.12 "Mobilità ferrovjarja intelliġenti - FED", inklużi f'dan il-komponent tal-RRP.
112	Smart Move (I-3.15)	Stadju importanti	L-applikazzjoni Smart Move hija operattiva	It-tnedija tal-applikazzjoni Smart Move	-	-	-	Q2	2022	L-applikazzjoni Smart Move hija operattiva u l-faži tal-ittestjar tlestiet. - Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' Hyper Care - L-evalwazzjoni tal-impatt u l-identifikazzjoni tal-proċessi ta' titjib
113	Għotjiet għal bidla modali (I-3.14)	Mira	L-ewwel 5 000 applikazzjoni ġdida għal għotjiet għal bidla modali		Numru	0	5 000	Q4	2023	L-ewwel 5 000 għotja ġdida għal bidla modali applikaw għalihom.

I. KOMPONENT 3.3: TRASPORT AKTAR EKOLOĠIKU

Il-miżuri proposti taħt dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom l-għan li jappoġġaw it-trasport bit-triq b'emissjonijiet baxxi.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019 biex il-politika ekonomika relatata mal-investiment tiġi ffukata fuq it-trasport sostenibbli, inkluż it-titjib tal-infrastruttura ferrovjarja, it-tranżizzjoni lejn livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju u t-tranżizzjoni tal-enerġija [...], biex jiġu indirizzat l-isfidi tal-mobilità li qed jikbru billi jissaħħu l-inċentivi u jitneħħew l-ostakli biex jiżdiedu l-provvista u d-domanda tat-trasport kollettiv u b'emissjonijiet baxxi, u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020 biex l-investiment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq l-infrastruttura għat-trasport sostenibbli.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

I.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

L-investiment I-3F: "Stazzjonijiet tal-iċċarġjar"

L-objettivi tal-investiment huma li jitnedew stazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-elettriku. Din il-miżura hija magħmula mill-erba' sottomiżuri li ġejjin:

- Ir-riforma R-3.04: "Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - WAL" tar-Reġjun ta' Walloon
- Ir-riforma R-3.05: "Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - RBC" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali
- L-investiment I-3.18: "Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - FED" tal-Istat Federali
- L-investiment I-3.19: "Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - VLA" tar-Reġjun Fjamming

- L-investiment I-3G: "L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tax-xarabanks"
- L-investiment I-3.16: "L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tax-xarabanks - VLA" tar-Reġjun Fjamming
- L-investiment I-3.17: "L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tax-xarabanks - RBC" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Ir-riforma R-3.03: "Karozzi tal-kumpaniji b'emissjonijiet żero - FED" tal-Istat Federali

Din ir-riforma tikkonsisti fl-eliminazzjoni gradwali tal-iskema eżistenti tat-taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji għall-karozzi konvenzjonali u l-limitazzjoni tagħha għall-karozzi elettriċi mill-2026 'l quddiem. L-iskema riformata tat-taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji għandha tipprevedi: (1) li ma jsir l-ebda tnaqqis fuq il-karozzi tal-kumpaniji konvenzjonali akkwistati mill-2026 'l quddiem, (2) tnaqqis progressiv tar-rata ta' tnaqqis tat-taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji konvenzjonali, akkwistati bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru 2025, biex sal-2028 tkun 0 %, (3) tnaqqis progressiv tar-rata ta' tnaqqis tat-taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji b'emissjonijiet żero biex sal-2031 tilħaq sa 67,5 % l-aktar, u (4) tnaqqis tat-taxxa fuq il-petrol u d-diżil għall-karozzi tal-kumpaniji ibridi, akkwistati bejn l-2023 u l-2025, li titnaqqas għal 50 % sa Jannar 2023. Barra minn hekk, (5) għall-karozzi konvenzjonali akkwistati mill-1 ta' Lulju 2023, il-kontribuzzjoni tas-CO_2 se tiżdied b'rata ta' 2,25 mill-1 ta' Lulju 2023 u tiżdied progressivament fl-2025 u fl-2026 sal-fattur ta' 5,50 fl-2027. (6) għall-karozzi tal-kumpaniji b'emissjonijiet żero akkwistati mill-1 ta' Lulju 2023, il-kontribuzzjoni

minima ta' solidarjetà se tiżdied u se tibda mis-sena 2025, b'tali mod li, fit-tul, għall-karozzi medji tal-kumpaniji, se jkun dovut l-istess ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bħal kif inhu fil-waqt tal-adozzjoni tal-pjan. Ir-riforma, inklużi l-perjodi ta' tranżizzjoni u l-fażijiet ta' implimentazzjoni msemmija hawn fuq għandhom jiġu adottati sat-30 ta' Settembru 2021 u għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

Ir-riforma R-3.04: "Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - WAL" tar-Reġjun ta' Walloon

Din ir-riforma tikkonsisti fl-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Gvern u l-għoti ta' konċessjonijiet għall-infrastruttura tal-iċċarġjar fir-Reġjun ta' Walloon u l-installazzjoni ta' 6 000 punt ekwivalenti tal-iċċarġjar pubbliku. Il-mira għall-għadd ta' punti ekwivalenti tal-iċċarġjar pubbliċi (CPE, charging points equivalent) li għandhom jiġu installati għandha tqis il-mira indikattiva ta' CPE wieħed għal għaxar vetturi elettriċi. Il-pjan biex jitnedew l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-elettriku għandu jiġi adottat sat-30 ta' Settembru 2022 mill-Gvern ta' Walloon u għandu jiġi implimentat immedjatament sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu sat-30 ta' Ġunju 2026.

Ir-riforma R-3.05: "Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - RBC" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Din il-miżura tikkonsisti fl-adozzjoni ta' qafas leġiżlattiv u l-għoti ta' konċessjonijiet għall-infrastruttura tal-iċċarġjar fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali u l-installazzjoni ta' 400 punt ekwivalenti tal-iċċarġjar pubbliku sal-31 ta' Diċembru 2023. Dan il-pjan għandu jkun konformi mad-Direttiva 2014/94/UE dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi u għandu jiġi aġġornat regolarment, u għandu jiżgura li l-mira tar-Reġjun tintlaħaq. Id-digriet, li jispeċifika l-istandards ta' sigurtà li għandhom jiġu segwiti meta jiġu installati l-punti tal-iċċarġjar barra t-triq fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, għandu jiġi adottat sal-1 ta' Marzu 2022 l-aktar tard, u jidħol fis-seħħ sal-31 ta' Lulju 2022. L-implimentazzjoni tal-miżura kollha kemm hi għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Ir-riforma R-3.06: "L-inċentivazzjoni ta' trasport b'emissjonijiet żero - VLA" tar-Reġjun Fjamming

Din il-miżura tikkonsisti fl-adozzjoni ta' qafas leġiżlattiv li jinċentiva l-użu ta' punti tal-iċċarġjar pubbliċi permezz ta' konċessjonijiet u punti semipubbliċi permezz ta' għotjiet fir-reġjun Fjamming. Il-qafas leġiżlattiv għandu jippermetti l-immappjar tal-punti tal-iċċarġjar futuri, iniedi l-offerti ta' konċessjoni għall-punti tal-iċċarġjar pubbliċi, jixpruna t-tnedija ta' punti tal-iċċarġjar semipubbliċi fuq proprjetajiet privati, inaqqas il-piż amministrattiv biex jiqsar iż-żmien għall-installazzjoni tal-punti tal-iċċarġjar u jixpruna l-iċċarġjar intelliġenti tal-elettriku biex ikun hemm bilanċ bejn il-provvista u d-domanda tal-elettriku. Il-qafas leġiżlattiv għandu jidħol fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2022.

Ir-riforma R-3.07: "Frodi fl-emissjonijiet" tar-Reġjun Fjamming

Din il-miżura tikkonsisti (i) fl-adozzjoni ta' qafas legali ġdid għat-testijiet tal-NOx (jekk ir-riċerka li għaddejja twassal għal proċedura fattibbli), il-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-vetturi fuq skala kbira, titjib fl-ispezzjonijiet mal-ġenb tat-triq u programm effiċjenti li jittestja l-konformità waqt is-servizz (ii) sistema tal-IT li tintegra d-*data* dwar l-emissjonijiet ma' osservazzjonijiet ta' spezzjonijiet perjodiċi tekniċi u spezzjonijiet mal-ġenb tat-triq, sabiex ikompli jitjieb il-programm li jittestja l-konformità waqt is-servizz.

Il-qafas legali għandu jiġi ppubblikat sa April 2023 u jidħol fis-seħħ skont l-iskeda ta' żmien li ġejja. Se jitnieda qabel l-1 ta' Lulju 2023 il-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-vetturi fuq skala kbira, se jiġu implimentati l-ispezzjonijiet mal-ġenb tat-triq mtejba u se jibda programm effiċjenti li jittestja l-konformità waqt is-servizz. F'każ li tiġi żviluppata qabel il-31 ta' Marzu 2022 proċedura fattibbli għall-ittestjar tal-NOx għall-ispezzjoni teknika, din tiġi implimentata fl-2023. Il-miżura kollha għandha titlesta u tiġi implimentata sa mhux aktar tard mill-31 ta'

Diċembru 2024 (it-tlestija tas-sistema kollha tal-IT tippermetti aktar integrazzjoni tal-ispezzjonijiet tekniċi mal-ġenb tat-triq u perjodiċi mal-programm li jittestja l-konformità waqt is-servizz).

L-investiment I-3.16: "L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tax-xarabanks - VLA" tar-Reġjun Fjamming

Dan l-investiment li sar għal "VVM-De Lijn", l-operatur tat-trasport pubbliku reġjonali Fjamming, jikkonsisti minn:

- modifika retroattiva ta' 235 xarabank ibridu b'qiegħ baxx għall-M3 f'xarabanks ibridi plug-in,

- l-akkwist ta' mill-inqas 35 xarabank ibridu plug-in b'qiegħ baxx għall-M3,

- l-akkwist ta' mill-inqas 60 xarabank tal-elettriku b'qiegħ baxx għall-M3,

- l-installazzjoni ta' mill-inqas 345 stazzjonijiet tal-iċċarġjar tax-xarabanks.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

L-investiment I-3.17: "L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tax-xarabanks - RBC" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Dan l-investiment sar għal "STIB-MIVB", l-operatur tat-trasport pubbliku tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, jikkonsisti minn:

- l-akkwist ta' mill-inqas 50 xarabank tal-elettriku artikolat b'qiegħ baxx għall-M3,

- l-installazzjoni ta' mill-inqas 50 stazzjonijiet tal-iċċarġjar tax-xarabanks.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

L-investiment I-3.18: "Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - FED" tal-Istat Federali

Dan l-investiment jikkonsisti fl-appoġġ ta' inċentiv fiskali għall-istazzjonijiet tal-iċċarġjar privati u semipubbliċi għall-karozzi elettriċi. L-inċentiv fiskali jippermetti t-tnaqqis fl-ispejjeż tal-installazzjoni ta' punt tal-iċċarġjar fid-dar u fiċ-ċentri kummerċjali, fis-supermarkets u fil-parkeġġi korporattivi. L-inċentiv fiskali għandu jippermetti t-tnedija ta' mill-inqas 51 000 punt tal-iċċarġjar privat. L-inċentiv fiskali għandu jidħol fis-seħħ sat-30 ta' Settembru 2021.

L-investiment I-3.19: "Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - VLA" tar-Reġjun Fjamming

Dan l-investiment jikkonsisti fl-installazzjoni ta' 30 000 punt ekwivalenti tal-iċċarġjar (punti tal-iċċarġjar pubbliċi u semipubbliċi) fir-Reġjun Fjamming kollu. Ir-reġjun Fjamming għandu jiżviluppa pjanijiet biex jottimizza t-tnedija ta' punti tal-iċċarġjar li jkunu aċċessibbli 24 siegħa u jappoġġa l-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' ħżin f'inħawi 'l bogħod miż-żoni tal-iċċarġjar fuq l-awtostradi. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

I.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
114	L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tax-xarabanks (I-3G)	Mira	Ordni formali għal xarabanks ekoloġiċi u l-infrastruttura relatata tal-iċċarġjar fil-Flanders u fi Brussell		Ordnijiet	0	6	Q4	2024	L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tax-xarabanks - VLA - Ordni għall-modifika retroattiva biex xarabanks ibridi jinqalbu f'xarabanks e-Ibridi permezz ta' emenda fil-kuntratt qafas eżistenti - Ordni għal xarabanks ibridi plug-in fil-kuntratt qafas eżistenti - Ordni għal xarabanks kompletament tal-elettriku - Ordni għall-installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar f'garaxxijiet kbar għal xarabanks kompletament tal-elettriku u xarabanks ibridi plug-in L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tax-xarabanks - RBC - Il-wasla tal-offerti ta' prezz, l-għoti tal-offerti u l-ordni tax-xogħlijiet u l-infrastruttura tal-iċċarġjar għall-garaxx tax-xarabanks - Il-wasla tal-offerti ta' prezz, l-għoti tal-offerti u l-ordni ta' 50 xarabank totalment tal-elettriku artikolat
115	L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tax-xarabanks - (I-3G)	Mira	Xarabanks ekoloġiċi tqiegħdu fis-servizz u garaxxijiet kbar adattati fuq livel		Vetturi	0	356	Q4	2025	L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tax-xarabanks - VLA - Xarabanks e-Ibridi plug-in ġodda u retromodifikati ġew kkonsenjati u tqiegħdu fis-servizz (ix-xarabanks ġew adattati biex jipprovdu servizzi fiż-żona fejn ġew assenjati) - Xarabanks totalment tal-elettriku twasslu u tqiegħdu fis-servizz (ix-xarabanks ġew adattati biex jipprovdu servizzi fiż-żona fejn ġew

			tekniku fil-Flanders u fi Brussell							assenjati - L-infrastruttura tal-iċċarġjar tqiegħdet fis-servizz fil-garaxxijiet kbar għax-xarabanks fiż-żoni assenjati L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tax-xarabanks - RBC - It-tlestija ta' xogħlijiet ġenerali (anke l-infrastruttura tal-elettriku għall-istazzjonijiet tal-iċċarġjar) u ta' infrastruttura tal-iċċarġjar twettqet fil-garaxx tax-xarabanks - Il-konsenja ta' xarabanks tal-elettriku artikolati u ta' testijiet
116	L-inċentivazzjoni ta' trasport b'emissjonijiet żero - VLA (R-3.06)	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' qafas għat-tnedija ta' infrastruttura tal-iċċarġjar fir-Reġjun Fjamming	L-adozzjoni tal-qafas	-	-	-	Q4	2021	L-adozzjoni ta' qafas ta' politika għat-tnedija ta' infrastruttura tal-iċċarġjar fir-Reġjun Fjamming Il-qafas ta' politika għandu jippermetti li: - jiġu mmappjati l-punti tal-iċċarġjar futuri - jitnedew l-offerti ta' konċessjoni għall-punti tal-iċċarġjar fid-dominju pubbliku - tiġi xprunata t-tnedija ta' punti tal-iċċarġjar pubbliċi jew semipubbliċi fid-dominju privat - titqassar l-iskeda ta' żmien għall-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar billi jitnaqqas il-piż amministrattiv - jinċentivizza l-iċċarġjar intelliġenti tal-elettriku
117	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - VLA (I-3.19)	Stadju importanti	L-għoti ta' konċessjonijiet għall-infrastruttura tal-iċċarġjar	Notifika bil-miktub tal-għoti ta' kuntratti lill-applikanti li rnexxew	-	-	-	Q2	2022	L-għoti ta' konċessjonijiet għall-infrastruttura tal-iċċarġjar Il-qafas għall-introduzzjoni tal-infrastruttura pubblika tal-iċċarġjar huwa żgurat permezz ta' konċessjonijiet mogħtija mill-gvern Fjamming, filwaqt li t-tnedija tagħha tħalliet f'idejn l-operaturi privati.
118	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - RBC (R-	Stadju importanti	L-adozzjoni tad-digriet li jispeċifika l-istandards ta'	L-adozzjoni tad-digriet li	-	-	-	Q1	2022	L-adozzjoni ta' digriet li jispeċifika l-istandards ta' sigurtà li għandhom jiġu segwiti għall-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar barra t-triq fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, inkluż il-proporzjon minimu li għandu jiġi

	3.05)		sigurtà u l-pjan ta' twettiq ta' infrastruttura	jispeċifika l-istandards ta' sigurtà u l-pjan ta' twettiq ta' infrastruttura						installat f'kull parkeġġ sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025. U l-adozzjoni ta' pjan għat-twettiq ta' infrastruttura, li għandu jinkludi: - Id-distribuzzjoni ġeografika tal-punti tal-iċċarġjar pubbliċi li għandhom jiġu installati fi Brussell, li sussegwentement għandha tiġi aġġornata kull tliet snin - Il-punti tal-iċċarġjar pubbliċi fil-mira li għandhom jiġu installati fil-perjodu bejn l-2022 u l-2024 - Il-pjan ta' installazzjoni għal ċarġers veloċi fil-belt - Il-pjan ta' installazzjoni għall-infrastruttura tal-iċċarġjar barra t-triq, diskussa mal-partijiet ikkonċernati relevanti kollha (bħal parkeġġi pubbliċi, is-settur tal-bejgħ bl-imnut, is-settur tal-akkomodazzjoni u s-settur tal-bini ta' uffiċċji). Dan il-pjan għandu jkun konformi mad-Direttiva dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi, għandu jiġi aġġornat regolarment u għandu jiżgura li l-mira tar-Reġjun tintlaħaq.
119	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - WAL (R-3.04)	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' pjan biex jitnedew l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-elettriku	L-adozzjoni ta' pjan biex jitnedew l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-elettriku				Q3	2022	L-adozzjoni ta' pjan biex jitnedew l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-elettriku, għandu jinkludi: - L-għadd ta' punti tal-iċċarġjar li jridu jiġu installati sal-31 ta' Diċembru 2026 - Il-proċeduri biex titnieda l-infrastruttura - Il-mekkaniżmi ta' appoġġ *ad hoc* biex jitnaqqas il-piż amministrattiv - Il-bażi meħtieġa għat-tnedija tas-sejħiet għall-offerti Il-mira għall-għadd ta' punti ekwivalenti tal-iċċarġjar pubbliċi (CPE) li għandhom jiġu installati sal-2026, li għandha tqis il-mira indikattiva ta' CPE wieħed għal għaxar vetturi elettriċi.
120	Stazzjonijiet tal-	Stadju importanti	L-adozzjoni tal-inċentiv	L-adozzjoni	-	-	-	Q4	2021	L-adozzjoni tal-inċentiv fiskali biex jiġu installati punti tal-iċċarġjar privati u semipubbliċi

	iċċarġjar - FED (I-3.18)		fiskali biex jiġu installati punti tal-iċċarġjar privati u semipubbliċi	tal-inċentiv fiskali						
121	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar (I-3F)	Mira	Punti tal-iċċarġjar semipubbliċi u pubbliċi operattivi addizzjonali (fażi 1)		Punti tal-iċċarġjar (CPE)	0	8460	Q2	2023	L-infrastruttura tal-iċċarġjar - VLA L-infrastruttura tal-iċċarġjar - RBC Jintlaħqu 8 460 punt ekwivalenti tal-iċċarġjar (CPE) semipubbliku u pubbliku operattiv addizzjonali
122	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar (I-3F)	Mira	Punti tal-iċċarġjar semipubbliċi u pubbliċi operattivi privati addizzjonali (fażi 2)		Punti tal-iċċarġjar (CPE)	8460	32760	Q2	2025	L-infrastruttura tal-iċċarġjar - FED L-infrastruttura tal-iċċarġjar - VLA L-infrastruttura tal-iċċarġjar - WAL Jintlaħqu 32 760 punt ekwivalenti tal-iċċarġjar (CPE) semipubbliku u pubbliku operattiv privat addizzjonali
123	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar (I-3F)	Mira	Punti tal-iċċarġjar semipubbliċi u pubbliċi operattivi privati addizzjonali (fażi 3)		Punti tal-iċċarġjar (CPE)	32 760	78 660	Q2	2026	L-infrastruttura tal-iċċarġjar - FED L-infrastruttura tal-iċċarġjar - VLA L-infrastruttura tal-iċċarġjar - WAL Jintlaħqu 78 660 punt ekwivalenti tal-iċċarġjar (CPE) semipubbliku u pubbliku operattiv privat addizzjonali
124	Frodi fl-emissjonijiet (R-3.07)	Stadju importanti	L-adozzjoni tal-qafas legali għall-	L-adozzjoni tal-qafas	-	-	-	Q1	2023	L-adozzjoni ta' - Il-leġiżlazzjoni meħtieġa biex tiġi implimentata proċedura pragmatika tat-test tal-NOx biex tissaħħaħ l-

			monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-vetturi fil-Flanders	legali						ispezzjoni teknika perjodika disponibbli bl-għan li jiġi introdott test fit-tielet trimestru tal-2023 - It-titjib legali biex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-ispezzjonijiet mal-ġenb tat-triq biex jinkludi t-tipi kollha ta' vetturi (l-għan: 2022) - Il-leġiżlazzjoni l-ġdida: il-qafas legali disponibbli li jippermetti l-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-vetturi tat-triq fuq skala kbira (it-telerilevament u potenzjalment l-iskrinjar tal-emissjonijiet waqt is-sewqan) u l-applikazzjonijiet tiegħu għal infurzar aħjar u l-evalwazzjoni tal-politika (l-għan: 2022)
125	Frodi fl-emissjonijiet (R-3.07)	Stadju importanti	Tkun operattiva sistema tal-IT li tintegra d-*data* dwar l-emissjonijiet ma' osservazzjonijiet dwar spezzjonijiet tekniċi u ta' sikurezza tat-toroq perjodiċi	Dħul fis-servizz ta' sistema tal-IT	-	-	-	Q4	2024	Sistema tal-IT li tintegra d-*data* dwar l-emissjonijiet ma' osservazzjonijiet dwar spezzjonijiet tekniċi u ta' sikurezza tat-toroq perjodiċi li tkun lesta u disponibbli għall-partijiet ikkonċernati kollha.
126	Karozzi tal-kumpaniji b'emissjonijiet żero (R-3.03)	Stadju importanti	L-adozzjoni tal-liġi li tirriforma l-iskema tat-taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji	L-adozzjoni tal-abbozz ta' adattament tal-liġi li jirriforma l-iskema tat-	-	-	-	Q3	2021	L-adozzjoni mill-parlament federali ta' skema riformata tat-taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji li fiha l-karozzi l-ġodda tal-kumpaniji jeħtieġ li jkunu mingħajr emissjonijiet mill-2026 'il quddiem sabiex jibbenefikaw mill-iskema preferenzjali eżistenti. L-iskema riformata tat-taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji għandha tipprevedi (1) li ma jsir l-ebda tnaqqis għall-karozzi tal-kumpaniji konvenzjonali akkwistati mill-

				taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji						2026 ’l quddiem (2) tnaqqis progressiv tar-rata ta’ tnaqqis tat-taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji konvenzjonali, akkwistati bejn l-1 ta’ Lulju 2023 u l-31 ta’ Diċembru 2025, biex sal-2028 tkun 0 %, (3) tnaqqis progressiv tar-rata ta’ tnaqqis tat-taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji b’emissjonijiet żero biex sal-2031 tilħaq sa 67,5 % l-aktar, u (4) tnaqqis tat-taxxa fuq il-petrol u d-diżil għall-karozzi tal-kumpaniji ibridi, akkwistati bejn l-2023 u l-2025, li titnaqqas għal 50 % mill-1 ta’ Jannar 2023. Barra minn hekk, (5) għall-karozzi konvenzjonali akkwistati mill-1 ta’ Lulju 2023, il-kontribuzzjoni tas-CO_2 se tiżdied b’rata ta’ 2,25 mill-1 ta’ Lulju 2023 u tiżdied progressivament fl-2025 u fl-2026 sal-fattur ta’ 5,50 fl-2027. (6) għall-karozzi tal-kumpaniji b’emissjonijiet żero akkwistati mill-1 ta’ Lulju 2023, il-kontribuzzjoni minima ta’ solidarjetà se tiżdied u se tibda mis-sena 2025, b’tali mod li, fit-tul, għall-karozzi medji tal-kumpaniji, se jkun dovut l-istess ammont ta’ kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bħal kif inhu fil-waqt tas-sottomissjoni tal-Pjan.

J. KOMPONENT 4.1: EDUKAZZJONI 2.0

Il-miżuri proposti taħt dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom l-għan li jtejbu l-inklużività tas-sistemi edukattivi filwaqt li jsaħħu l-prestazzjoni tagħhom biex jiżguraw li l-kompetenzi mgħallma jaqblu aħjar ma' dawk meħtieġa fis-suq tax-xogħol.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2019 biex jittejbu l-prestazzjoni u l-inklużività tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u jiġi indirizzat l-ispariġġ fil-ħiliet.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

J.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-4.01: "Digisprong" tal-Komunità Fjamminga

Din ir-riforma tikkonsisti f'azzjonijiet relatati ma' erba' pilastri: (1) l-edukazzjoni fl-ICT, il-litteriżmu medjatiku u r-riformi tal-ħsieb komputazzjonali, (2) il-promozzjoni ta' politiki effettivi għall-iskejjel tal-ICT, billi jissaħħaħ ir-rwol tal-koordinaturi tal-ICT, (3) għalliema b'ħiliet diġitali u ħarrieġa għall-għalliema u (4) il-ħolqien ta' ċentru ta' għarfien u konsulenza li jappoġġa l-iskejjel fid-diġitalizzazzjoni tal-materjal edukattiv tagħhom. Il-leġiżlazzjoni dwar il-qafas il-ġdid tal-ICT għall-edukazzjoni obbligatorja fil-Flanders għandha tidħol fis-seħħ sal-1 ta' Ottubru 2022.

Ir-riforma R-4.02: "Fond għall-avvanz fl-edukazzjoni għolja" tal-Komunità Fjamminga

Din ir-riforma għandha l-għan li twassal dokument ta' viżjoni dwar it-tliet objettivi li ġejjin: (1) il-ħolqien ta' offerta flessibbli u valida għall-futur fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja Fjamminga, (2) żvilupp ulterjuri fl-edukazzjoni għolja fit-tagħlim tul il-ħajja u (3) l-aħjar użu mill-forom diġitali tal-edukazzjoni. B'mod konkret, id-dokument ta' viżjoni għandu (i) jiddefinixxi profil ġdid għall-edukazzjoni għolja fil-Flanders biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jkunu tal-ogħla livell u (ii) jiżviluppa viżjoni dwar it-tagħlim tul il-ħajja. Id-dokument ta' viżjoni se jkun approvat mill-Ministru tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-Gvern Fjamming sal-31 ta' Diċembru 2023.

Ir-riforma R-4.03: "Pjan ta' azzjoni globali kontra t-tluq bikri mill-iskola" tal-Komunità Franċiża

Din ir-riforma tikkonsisti fi strateġija komprensiva li tkopri tliet livelli - il-prevenzjoni, l-intervent, il-kumpens - u l-iżvilupp b'mod koerenti u konkret, fuq il-bażi ta' koordinazzjoni (rinforzata) ġdida tal-partijiet ikkonċernati attivi f'oqsma differenti u f'servizzi ta' appoġġ differenti. L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

L-investiment I-4.01: "Digisprong" tal-Komunità Fjamminga

Dan l-investiment jikkonsisti fit-tliet elementi li ġejjin: (1) jipprovdi lill-iskejjel kollha b'apparat diġitali għal kull student, (2) jipprovdi lill-għalliema b'għodod ta' tagħlim effettivi u b'taħriġ biex itejbu l-ħiliet diġitali tagħhom u (3) jappoġġa lill-iskejjel fid-diġitalizzazzjoni tal-kurrikuli tagħhom billi jinħoloq ċentru ta' għarfien u ta' konsulenza ċentrali. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

L-investiment I-4.02: "Fond għall-avvanz fl-edukazzjoni għolja" tal-Komunità Fjamminga

Dan l-investiment jikkonsisti fi (1) il-ħolqien ta' offerta flessibbli u valida għall-futur fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja Fjamminga, (2) żvilupp ulterjuri fl-edukazzjoni għolja fit-tagħlim tul il-ħajja u (3) appoġġ għall-implimentazzjoni sostenibbli ta' forom diġitali ġodda tal-edukazzjoni. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

L-investiment I-4.03: "Gwida personalizzata fl-edukazzjoni obbligatorja" tal-Komunità Franċiża

Dan l-investiment huwa żviluppat bħala rispons għall-problemi psikosoċjali, edukattivi u pedagoġiċi tal-istudenti fl-iskejjel primarji u sekondarji u biex jiġi miġġieled it-tixrid tal-fenomenu tal-iżvantaġġ edukattiv u tat-tluq bikri mill-iskola, li rriżultaw mill-COVID-19. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

L-investiment I-4.04: "Strateġija diġitali għall-edukazzjoni għolja u għat-tagħlim għall-adulti" tal-Komunità Franċiża

Dan l-investiment jikkonsisti fi (1) li l-iskejjel u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jiġu mgħammra b'tagħmir diġitali, (2) li jiġu żviluppati l-ħiliet diġitali tal-istudenti u l-għalliema bl-għajnuna ta' għodod u metodi speċifiċi għall-ħiliet diġitali. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-4.05: "Bidla diġitali għall-iskejjel ta' Brussell" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Dan l-investiment jikkonsisti minn (1) tagħmir diġitali għall-iskejjel b'livell għoli ta' studenti vulnerabbli u (2) t-tisħiħ tal-konnettività interna tal-iskejjel ta' Brussell. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

L-investiment I-4.06: "Trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni" tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż,

Dan l-investiment għandu l-għan li jittrasforma diġitalment l-edukazzjoni permezz tal-istandardizzazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-ambjent tal-IT edukattiv b'mod sostenibbli, billi jipprovdi l-infrastruttura u l-appoġġ tal-IT meħtieġa, il-ġestjoni tal-iskejjel u tal-għalliema u billi jippromwovi l-ħiliet/it-taħriġ tal-IT għall-istudenti u għall-għalliema. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-4: "Il-forniment ta' tagħmir diġitali u ta' infrastruttura tal-IT għall-iskejjel"

L-objettiv tal-investiment hguwa "il-forniment ta' tagħmir diġitali u ta' infrastruttura tal-IT għall-iskejjel" huwa biex jiġi żgurat il-forniment tat-tagħmir diġitali meħtieġ u ta' infrastruttura tal-IT għall-iskejjel.

L-investiment huwa magħmul mis-sottomiżuri/l-azzjonijiet li ġejjin:

- L-investiment I-4.01: "Digisprong" tal-Komunità Fjamminga
- L-investiment I-4.04: "Strateġija diġitali għall-edukazzjoni għolja u għat-tagħlim għall-adulti" tal-Komunità Franċiża
- L-investiment I-4.06: "Trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni" tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż,

J.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
127	Digisprong (R-4.01)	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' qafas ġdid tal-ICT għall-edukazzjoni obbligatorja fil-Flanders	L-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida mill-Parlament Fjamming biex jittejjeb il-qafas tal-ICT				Q3	2022	L-adozzjoni mill-Parlament Fjamming tal-leġiżlazzjoni l-ġdida biex jittejjeb il-qafas attwali tal-ICT rigward żewġ aspetti: - ir-rwol tal-koordinaturi tal-ICT fl-iskejjel - u l-livelli edukattivi fl-ICT/l-eżiti tat-tagħlim. Il-leġiżlazzjoni għandha tippermetti li (i) ir-rwol tal-koordinaturi tal-ICT jissaħħaħ fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u tiġi żgurata superviżjoni aħjar tal-politika tal-ICT fl-iskejjel permezz ta' emenda fid-digriet 31 u (ii) jiġu ratifikati t-termini finali dwar l-eżiti tat-tagħlim tal-ICT u l-livelli edukattivi għal-livelli kollha tal-edukazzjoni skont il-qafas ta' referenza Ewropew DigComp
128	Fond għall-avvanz fl-edukazzjoni għolja (R-4.02)	Stadju importanti	Id-dokument ta' viżjoni għal edukazzjoni għolja aġli, diġitali u orjentata lejn il-futur	L-adozzjoni ta' dokument ta' viżjoni mill-Gvern Fjamming				Q4	2023	L-approvazzjoni mill-Ministru tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ ta' dokument ta' viżjoni mill-gvern Fjamming li jistabbilixxi l-profil għall-edukazzjoni għolja u t-tagħlim tul il-ħajja fil-Flanders. It-test il-ġdid għandu l-għan li jistabbilixxi viżjoni li tiżviluppa portafoll Fjamming tal-edukazzjoni għolja aġli u li jibqa' validu għall-futur. Dan għandu jiġi elaborat billi ssir konsultazzjoni ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi: l-

										istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, il-qasam professjonali, u s-sħab soċjali. B'mod konkret, dan għandu (i) jiddefinixxi profil ġdid għall-edukazzjoni għolja fil-Flanders biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jkunu tal-ogħla livell u (ii) jiżviluppa viżjoni dwar it-tagħlim tul il-ħajja.
129	Pjan ta' azzjoni globali kontra t-tluq bikri mill-iskola (R-4.03)	Stadju importanti	Pjan komprensiv ġdid kontra t-tluq bikri mill-iskola	L-adozzjoni mill-Komunità Franċiża ta' atti leġiżlattivi ġodda kontra t-tluq bikri mill-iskola				Q4	2022	Il-pjan ġenerali kontra t-tluq bikri mill-iskola jinkludi digrieti riveduti li jindirizzaw erba' oqsma ewlenin: (1) Is-"Centres Psycho-Médicaux-Sociaux" (CPMS)': id-digriet għandu jirrevedi r-rwol tagħhom biex isaħħaħ l-enfasi tal-missjoni tagħhom fuq it-tluq bikri mill-iskola. (2) L-esklużjoni mill-iskola: id-digriet għandu jillimita r-raġunijiet għall-esklużjoni u jistabbilixxi bord tal-appell uniku biex jiżgura l-istess trattament għall-istudenti. (3) Il-prevenzjoni u l-intervent: id-digriet għandu jsaħħaħ il-mekkaniżmi ta' appoġġ u ta' prevenzjoni għall-istudenti li juru sinjali partikolari potenzjali ta' tluq bikri mill-iskola (bħal studenti b'10 nofstanhari ta' assenza li ma tkunx ġustifikata). (4) Kumpens: id-digriet għandu jippromwovi mekkaniżmi ta' kumpens biex l-istudenti - speċjalment dawk li akkumulaw perjodu ta' assenza ta' diversi xhur - ikunu jistgħu jaqgħu taħt l-inkarigu ta' ħaddiema tat-tielet linja li jagħtu appoġġ tranżitorju ma' SAS jew fil-qafas ta' internship jew ta' proġett taċ-

										ċittadini.
130	Il-forniment ta' tagħmir diġitali u ta' infrastruttura tal-IT għall-iskejjel (I-4)	Mira	It-tagħmir tal-iskejjel/tal-istituzzjonijiet b'apparat u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi		L-għadd ta' skejjel/istituzzjonijiet li qed jirċievu fondi biex jaġġornaw l-infrastruttura jew it-tagħmir tal-ICT tagħhom	0	2738	Q1	2022	Titjib fl-infrastruttura tal-ICT f'2,738 skola u/jew istituzzjoni edukattiva fil-Belġju, inkluż: - Il-Komunità Fjamminga: 2 695 skola tal-edukazzjoni obbligatorja - Il-komunità li titkellem bil-Ġermaniż: 43 skola fejn l-għalliema kollha għandhom jingħataw tagħmir (minn Kindergarten sal-iskola sekondarja) u 12-il skola fejn l-istudenti kollha tal-iskejjel sekondarji għandhom ikunu mgħammra b'laptop.
131	Il-forniment ta' tagħmir diġitali u ta' infrastruttura tal-IT għall-iskejjel (I-4)	Mira	It-tagħmir tal-iskejjel/tal-istituzzjonijiet b'apparat u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi		L-għadd ta' skejjel/istituzzjonijiet li qed jirċievu fondi biex jaġġornaw l-infrastruttura jew it-tagħmir tal-ICT tagħhom	2738	3840	Q4	2022	3 840 skola u/jew istituzzjoni edukattiva fil-Belġju rċevew fondi biex itejbu l-infrastruttura tal-ICT, inkluż: - Il-Komunità Fjamminga: 1 090 skola tal-edukazzjoni obbligatorja - - Il-komunità li titkellem bil-Ġermaniż: 12-il skola sekondarja fejn l-istudenti kollha tal-ewwel u t-tieni livell għandhom ikunu mgħammra b'laptop.
132	Il-forniment ta' tagħmir diġitali u ta'	Mira	It-tagħmir tal-iskejjel/tal-istituzzjonijiet		L-għadd ta' skejjel/isti	3840	3852	Q4	2024	3 852 skola u/jew istituzzjoni edukattiva fil-Belġju rċevew fondi biex itejbu l-infrastruttura tal-ICT, inkluż:

	infrastruttura tal-IT għall-iskejjel (I-4)		b'apparat u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi		tuzzjoniji et li qed jirċievu fondi biex jaġġorna w l-infrastruttura jew it-tagħmir tal-ICT tagħhom					- Il-komunità li titkellem bil-Ġermaniż: 12-il skola fejn l-istudenti kollha (jiġifieri l-istudenti tal-livelli li jifdal mhux koperti mill-istadju preċedenti) tal-iskejjel sekondarji għandhom ikunu mgħammra b'laptop.
133	Il-forniment ta' tagħmir diġitali u ta' infrastruttura tal-IT għall-iskejjel (I-4)	Mira	It-tagħmir tal-iskejjel/tal-istituzzjonijiet b'apparat u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi		L-għadd ta' skejjel/istituzzjoniji et li qed jirċievu fondi biex jaġġorna w l-infrastruttura jew it-tagħmir tal-ICT tagħhom	3852	3929	Q2	2026	Titjib fl-infrastruttura tal-ICT fi 3 929 skola u/jew istituzzjoni edukattiva fil-Belġju biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi, inklużi: il-Komunità Franċiża, 40 % (77) tal-istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni tal-Promozzjoni Soċjali u tal-Edukazzjoni Għolja. Iż-żieda fil-mira hija aktar baxxa minn dik tal-istadji importanti preċedenti billi l-akbar parti ġejja mill-proġett Fjamming Digisprong, li l-implimentazzjoni tal-infrastruttura tiegħu se tkun tlestiet sal-2022.
134	Fond għall-avvanz fl-edukazzjoni għolja (I-4.02)	Mira	It-titjib tal-Edukazzjoni Għolja offruta fil-Flanders biex din issir aktar valida għall-futur u		L-għadd ta' skejjel/istituzzjoniji et li qed jirċievu fondi biex	0	7	Q4	2023	Seba' istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja bbenefikaw mill-Fond għall-Avvanz fl-Edukazzjoni Għolja. Permezz tal-Fond għall-Avvanz fl-Edukazzjoni Għolja, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, fuq il-bażi ta' analiżi tal-portafolli tat-taħriġ, għandhom ifasslu

			aġli		jaġġorna w l-infrastruttura jew it-tagħmir tal-ICT tagħhom					pjanijiet ta' azzjoni biex jaġġustaw u jnaqqsu l-offerti eżistenti u, fejn meħtieġ, joħolqu oħrajn ġodda. Barra minn hekk, għandha tingħata attenzjoni għall-adattament tal-programmi, fuq il-bażi tar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol u tas-soċjetà. L-istituzzjonijiet Fjammingi kollha tal-edukazzjoni għolja għandhom ikunu eliġibbli biex jissuġġerixxu u jissottomettu proġetti taħt din is-sejħa għall-proġetti. Madankollu, il-parteċipazzjoni f'din is-sejħa mhijiex obbligatorja għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, u lanqas il-preżentazzjoni ta' pjan ma hija garanzija li se jiġu aċċettati. Jekk l-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja jipparteċipaw u jekk il-pjanijiet kollha jaffettwaw lill-istudenti kollha tagħhom, 21 istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja u kważi 300 000 student għandhom jibbenefikaw minn dan il-fond. Terz tal-istituzzjonijiet għandhom jirċievu finanzjament minn dan il-Fond.
135	Gwida personalizzata fl-edukazzjoni obbligatorja (I-4.03)	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' qafas ta' digrieti ġdid li jistabbilixxi t-termini ta' intervent tas-sistema	L-adozzjoni mill-Parlament tal-Komunità Franċiża tal-qafas ta' digrieti li jistabbilixxi t-termini ta'				Q3	2021	L-adozzjoni mill-Parlament tal-Komunità Franċiża ta' qafas ta' digrieti ġdid, li jirregola s-sistema tranżitorja li tinkludi dispożizzjonijiet relatati ma': (1) l-għoti ta' riżorsi lill-iskejjel b'rabta mal-istrateġiji ta' differenzjazzjoni u rimedju u l-ġlieda kontra t-tluq bikri mill-iskola, (2) il-modifika tal-kuntratti tal-PR-FPO/WBE fil-kuntest tal-kriżi u (3) il-missjonijiet tas-CPMS fil-kuntest tal-kriżi.

				intervent tas-sistema						
136	Gwida personalizzata fl-edukazzjoni obbligatorja (I-4.03)	Mira	It-tnedija ta' mekkaniżmu ta' appoġġ imsaħħaħ għall-istudenti fil-bżonn		Skejjel (u CPMS) li jibbenefikaw minn appoġġ u coaching	0	531	Q4	2022	L-użu ta' riżorsi addizzjonali (bħal għalliema, edukaturi, persunal ta' appoġġ psikoloġiku) biex jiġu appoġġati 531 skola/CPMS fuq il-bażi tal-ħtiġijiet identifikati.
137	Bidla diġitali għall-iskejjel ta' Brussell (I-4.05)	Mira	It-tagħmir tal-iskejjel/tal-istituzzjonijiet b'apparat u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi		Apparat tal-ICT u hotspots tal-WIFI installati fl-iskejjel	900	2200	Q4	2021	2 200 apparat tal-ICT (bħal laptops, tablets, dashboards interattivi) u punti ta' aċċess tal-WIFI għandhom jiġu installati fl-iskejjel ta' Brussell. It-tqassim għandu jkun ibbażat fuq il-ħtiġijiet tal-iskejjel (b'enfasi fuq l-iskejjel b'indiċi soċjoekonomiku aktar baxx)
138	Bidla diġitali għall-iskejjel ta' Brussell (I-4.05)	Mira	It-tagħmir tal-iskejjel/tal-istituzzjonijiet b'apparat u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi		Apparat tal-ICT u hotspots tal-WIFI installati fl-iskejjel sekondarji	2200	3500	Q4	2024	3 500 hotspot tal-WIFI għandhom jingħataw lill-iskejjel ta' Brussell.

K. KOMPONENT 4.2: TAĦRIĠ U IMPJIEG TA' GRUPPI VULNERABBLI

Il-miżuri proposti taħt dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom l-għan li jsaħħu l-integrazzjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol tal-gruppi vulnerabbli, inklużi l-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, nisa, persuni b'diżabbiltà, ħabsin u l-persuni f'riskju ta' esklużjoni diġitali. Bosta mill-miżuri għandhom l-għan li jrawmu l-inklużjoni diġitali u jtejbu l-aċċess għal servizzi essenzjali, bħall-e-Gvern, billi jgħaqqdu l-provvista ta' tagħmir diġitali ma' taħriġ fil-ħiliet diġitali.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2019 dwar it-tisħiħ tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi vulnerabbli u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020 dwar il-mitigazzjoni tal-impatt soċjali u tal-impjiegi minħabba l-kriżi.

K.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-4.04: "L-indirizzar tad-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol" tal-Istat Federali

Ir-riforma għandha l-għan li tindirizza d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol u tikkonsisti minn (1) titjib fil-qafas regolatorju tat-testijiet għad-diskriminazzjoni (2) it-titjib tal-għodod u d-*data* disponibbli għal verifiki mmirati u (3) it-taħriġ u t-tisħiħ tas-servizzi ta' monitoraġġ tal-liġi soċjali tas-Servizz Pubbliku Federali għall-Impjiegi, ix-Xogħol u d-Djalogu Soċjali sabiex titjieb l-effettività tat-testijiet kontra d-diskriminazzjoni. Għandu jidħol fis-seħħ il-qafas regolatorju adattat dwar it-testijiet għad-diskriminazzjoni sal-1 ta' Jannar 2024.

Ir-riforma R-4.05: "Strateġija għar-rikwalifikazzjoni" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Ir-riforma għandha l-għan li tippromwovi l-integrazzjoni sostenibbli ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol u tikkonsisti fl-adozzjoni ta' tliet testi regolatorji maħsuba biex: (1) jintroduċu valutazzjoni sistematika tal-ħiliet diġitali u lingwistiċi u/jew l-iżvilupp ta' perkors għall-persuni li qed ifittxu impjieg fi Brussell, (2) jintroduċu skema ta' bonus speċifika li tappoġġa lill-impjegaturi fir-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg b'diżabilità u (3) jistabbilixxu tmexxija istituzzjonali tal-għoti ta' taħriġ eżistenti u r-riorjentazzjoni tiegħu. L-atti regolatorji li jippromwovu l-integrazzjoni ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol għandhom jiġu adottati sat-30 ta' Settembru 2023 u ppubblikati fil-Moniteur Belge sal-15 ta' Ottubru 2023. Għandhom jidħlu fis-seħħ sal-1 ta' Settembru 2024.

Ir-riforma R-4.06: "Suq tax-xogħol inklużiv" tal-Komunità Fjamminga

Ir-riforma għandha l-għan li tintegra persuni bi sfond ta' migrazzjoni fis-suq tax-xogħol u tikkonsisti minn (1) żvilupp ta' perkors integrat biex jiġu appoġġati parteċipanti ġodda (migranti b'nazzjonalità mhux tal-UE) fl-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà u b'mod partikolari fis-suq tax-xogħol u (2) it-tisħiħ tal-politika ta' nondiskriminazzjoni fil-livell settorjali, inkluż permezz ta' monitoraġġ msaħħaħ u twaqqif ta' azzjonijiet speċifiċi, bħal taħriġ dwar kif tiġi ttrattata d-diskriminazzjoni u azzjonijiet speċifiċi għal gruppi żvantaġġati. L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

L-investiment I-4.07: "Strateġija għar-rikwalifikazzjoni" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

L-investiment għandu l-għan li jippromwovi l-integrazzjoni sostenibbli ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol u jikkonsisti minn (1) l-istabbiliment ta' perkors sistematiku ta' taħriġ, iffukat fuq it-tisħiħ tal-ħiliet lingwistiċi u diġitali tal-persuni qiegħda, (2) l-għoti ta' kura tat-tfal "f'emerġenza" għall-ġenituri li ġew reklutati jew li jsegwu taħriġ u (3) l-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali, inklużi proġetti pilota marbuta mal-innovazzjoni soċjali. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

L-investiment I-4.08: "E-Inklużjoni għall-Belġju" tal-Istat Federali

L-investiment għandu l-għan li jrawwem l-integrazzjoni soċjali u ekonomika ta' gruppi vulnerabbli fis-soċjetà billi jtejjeb il-ħiliet diġitali tagħhom. L-investiment jikkonsisti f'sejħa għal proġetti biex tiġi appoġġata l-inklużjoni diġitali ta' gruppi vulnerabbli. Il-proġetti għandu jkollhom l-għan li jew (1) iqajmu sensibilizzazzjoni għal gruppi fil-mira vulnerabbli biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-ICT rilevanti sabiex itejbu s-sitwazzjoni personali tagħhom u jsaħħu l-integrazzjoni soċjali, (2) itejbu l-ħiliet diġitali tal-gruppi vulnerabbli fil-mira sabiex itejbu s-sitwazzjoni personali tagħhom u jsaħħu l-integrazzjoni soċjali, jew (3) itejbu l-ħiliet diġitali tal-indokraturi lill-gruppi vulnerabbli fil-mira. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

L-investiment I-4.09: "Pjattaformi diġitali għall-ħabsin" tal-Istat Federali

L-investiment għandu l-għan li jrawwem l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tal-ħabsin fis-soċjetà permezz tas-servizzi diġitali. L-investiment jikkonsisti fl-iżvilupp ta' pjattaforma diġitali fil-ħabsijiet biex il-ħabsin ikunu jistgħu jsegwu t-taħriġ, jaċċessaw is-servizzi tal-ħabs u s-servizzi ta' riabilitazzjoni, kif ukoll biex ifittxu jew japplikaw għal impjieg. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

L-investiment I-4.10: "Il-ġeneru u x-xogħol" tal-Istat Federali

L-investiment għandu l-għan li janalizza l-inugwaljanza bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol u jippromwovi l-integrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. L-investiment jikkonsisti fit-tnedija ta' sejħa għal proġetti ffukati fuq l-integrazzjoni ta' nisa vulnerabbli fis-suq tax-xogħol. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

L-investiment I-4.11: "Digibanks" tar-Reġjun Fjamming

L-investiment għandu l-għan li jippromwovi l-integrazzjoni soċjali u ekonomika ta' gruppi vulnerabbli fis-soċjetà billi jrawwem l-inklużjoni diġitali f'livell muniċipali. L-investiment jikkonsisti minn (1) self ta' ħardware diġitali biex jiġi żgurat aċċess ugwali għat-teknoloġija diġitali, (2) l-għoti ta' taħriġ u l-kondiviżjoni tal-għarfien biex jissaħħu l-ħiliet diġitali, inklużi l-ħiliet tekniċi (bħat-tiswija ta' tagħmir tal-IT) u (3) l-għoti ta' assistenza biex jitjieb l-aċċess diġitali għal servizzi essenzjali (bħas-servizzi diġitali mill-Gvern Fjamming, Tax-on-web) permezz tal-hekk imsejħa ċentri fiżiċi. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

K.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
139	Strateġija ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid (R-4.05)	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' testi regolatorji mill-Gvern ta' Brussell għall-promozzjoni tal-integrazzjoni ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol	Il-pubblikazzjoni ta' testi regolatorji fil-Ġurnal Uffiċjali				Q3	2023	L-adozzjoni mill-Gvern ta' Brussell ta' tliet testi regolatorji li għandhom l-għan li jippromwovu l-integrazzjoni sostenibbli ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari (1) jintroduċu valutazzjoni sistematika tal-ħiliet diġitali u lingwistiċi u/jew l-iżvilupp ta' perkors għall-persuni li qed ifittxu impjieg fi Brussell, (2) jintroduċu skema ta' bonus speċifika li tappoġġa lill-impjegaturi fir-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg b'diżabilità u (3) jistabbilixxu tmexxija istituzzjonali tal-għoti ta' taħriġ eżistenti u r-riorjentazzjoni tiegħu.
140	L-indirizzar tad-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol (R-4.04)	Stadju importanti	Qafas regolatorju adattat u l-applikazzjoni mtejba tat-testijiet kontra d-diskriminazzjoni	Il-pubblikazzjoni ta' qafas regolatorju adattat fil-Ġurnal Uffiċjali				Q4	2023	(1) Il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-qafas regolatorju adattat dwar it-testijiet kontra d-diskriminazzjoni (l-Artikolu 42/1 tal-Kodiċi Kriminali Soċjali), (2) għodod u *data* mtejbin għal kontrolli mmirati u (3) taħriġ u servizzi ta' monitoraġġ tal-liġi soċjali msaħħa tas-Servizz Pubbliku Federali għall-Impjiegi, ix-Xogħol u d-Djalogu Soċjali sabiex titjieb l-effettività tat-testijiet kontra d-diskriminazzjoni.
141	Suq tax-xogħol inklużiv	Mira	It-tlestija ta' pjanijiet ta' azzjoni		Setturi	0	37	Q4	2021	37 settur professjonali implimentaw pjan ta' azzjoni dwar in-nondiskriminazzjoni (ara l-Addenda dwar in-nondiskriminazzjoni u l-

	(R-4.06)		settorjali dwar in-nondiskriminazzjoni							inklużjoni 2021-2022). Il-Gvern Fjamming jivvaluta l-implimentazzjoni ta' kull pjan ta' azzjoni fuq il-bażi tal-impenji determinati minn qabel individwali ta' kull settur.
142	Suq tax-xogħol inklużiv (R-4.06)	Mira	Perkors integrat ġdid għal dawk li għadhom jaslu		Parteċipanti	0	2000	Q4	2023	2000 parteċipant ġdid, li jipparteċipaw fil-perkors integrat il-ġdid.
143	Strateġija ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid (I-4.07)	Stadju importanti	L-għoti ta' għotjiet relatati ma' inizjattivi ta' innovazzjoni soċjali	Notifika bil-miktub tal-għoti ta' kuntratti lill-applikanti li rnexxew				Q2	2023	L-għoti ta' għotjiet mis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi għal inizjattivi ta' innovazzjoni soċjali skont il-kriterji stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-akkwist pubbliku.
144	Strateġija ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid (I-4.07)	Mira	Profil tal-kompetenza u konsulenza dwar l-impjiegi		Persuni li qed ifittxu impjieg	0	6000	Q1	2023	6000 persuna li qed tfittex impjieg fi Brussell ibbenefikaw minn profil ta' kompetenza u konsulenza sistematika dwar l-impjiegi, b'enfasi fuq il-ħiliet lingwistiċi u diġitali introdotti mis-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi.
145	Strateġija ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid (I-4.07)	Mira	Perkors ta' integrazzjoni sostenibbli għall-persuni b'diżabilità		Persuni b'diżabbiltà	0	450	Q4	2025	450 persuna b'diżabilità (persuni li qed ifittxu impjieg jew ħaddiema) segwew modulu ta' taħriġ tal-perkors ta' integrazzjoni sostenibbli.
146	L-e-Inklużjoni għall-Belġju (I-4.08)	Mira	Għoti ta' għotjiet		Għotjiet mogħtija	0	15	Q2	2024	L-għoti ta' 15-il għotja mill-KBF (King Boudewijn Foundation) u l-PPS Social Integration għal proġetti li jaqblu mal-kriterji tad-dokument "il-Project tal-e-Inklużjoni għall-Belġju - il-kriterji tal-għotjiet.pdf", ippubblikat fil-15 ta' Diċembru 2021. Il-proġetti għandu jkollhom l-għan li (1)

										iqajmu sensibilizzazzjoni għal gruppi fil-mira vulnerabbli biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-ICT rilevanti sabiex itejbu s-sitwazzjoni personali tagħhom u jsaħħu l-integrazzjoni soċjali, (2) itejbu l-ħiliet diġitali tal-gruppi vulnerabbli fil-mira sabiex itejbu s-sitwazzjoni personali tagħhom u jsaħħu l-integrazzjoni soċjali, u (3) itejbu l-ħiliet diġitali tal-indokraturi lill-gruppi vulnerabbli fil-mira.
147	Pjattaformi diġitali għall-ħabsin (I-4.09)	Mira	It-tlestija tat-tnedija		Ħabsijiet	0	32	Q4	2024	It-tlestija tat-tnedija ta' pjattaforma diġitali fi 32 ħabs, li tippermetti lill-ħabsin: (1) isegwu taħriġ miċ-ċella tagħhom jew iwettaq l-eżerċizzji mitluba f'kors ta' taħriġ online jew wiċċ imb wiċċ; (2) aċċess għas-servizzi tal-ħabs u għas-servizzi ta' riabilitazzjoni; (3) aċċess ristrett u sigur għall-internet biex ifittxu jew japplikaw għal impjieg, jaċċessaw xogħlijiet diġitali jew jiskambjaw informazzjoni ma' qraba u ma' servizzi ta' appoġġ.
148	Il-ġeneru u x-xogħol (I-4.10)	Mira	Il-parteċipazzjoni tan-nisa fi proġetti fuq il-post		Nisa	0	250	Q4	2024	250 mara jipparteċipaw fi proġetti fuq il-post, li jaqblu mal-kriterji stabbiliti fid-dokument tas-sejħa għal proposti, ippubblikat f'Settembru 2022.
149	Digibanks (I-4.11)	Mira	Iffirmar ta' sħubijiet għall-promozzjoni tal-inklużjoni diġitali		Muniċipalitajiet	0	100	Q4	2022	L-iffirmar tas-sħubija ta' Digibank minn 100 muniċipalità fil-Flanders mad-Dipartiment tax-Xogħol u l-Ekonomija Soċjali tal-Flanders bl-għan li (1) jiġi żgurat aċċess ugwali għat-teknoloġija diġitali permezz tal-forniment b'kundizzjonijiet ta' laptops, ta' skrinjar u ħardware ieħor u appoġġ f'kuntest speċifiku (bħas-servizz ta' self); (2) it-tisħiħ tal-ħiliet diġitali, kemm tal-ħiliet personali

										kif ukoll tal-ħiliet tekniċi (bħat-tiswija tat-tagħmir tal-IT) permezz tat-taħriġ u l-kondiviżjoni tal-għarfien; (3) l-akkwist ta' aċċess diġitali għal servizzi essenzjali (bħas-servizzi diġitali mill-Gvern Fjamming, Tax-on-web) permezz tal-ħekk imsejħa ċentri fiżiċi.

L. KOMPONENT 4.3: INFRASTRUTTURA SOĊJALI

Il-miżuri taħt dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza jsegwu żewġ objettivi:

- iż-żieda fil-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali biex il-gruppi vulnerabbli (persuni mingħajr dar, persuni b'diżabbiltà jew telf ta' awtonomija) jkollhom kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni deċenti, bħala parti minn strateġija ta' deistituzzjonalizzazzjoni;
- it-titjib tal-kopertura fl-indukrar bikri tat-tfal, b'mod partikolari għall-familji vulnerabbli fil-Wallonia, inklużi n-nisa u l-ġenituri waħedhom bi dħul baxx.

Bħala tali, dan il-komponent għandu l-għan li jipprovdi lill-gruppi vulnerabbli b'infrastruttura li tiffaċilita l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u b'mod aktar ġenerali fis-soċjetà.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2019 dwar id-diżinċentivi għax-xogħol u t-tisħiħ tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi vulnerabbli u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020 dwar il-mitigazzjoni tal-impatt soċjali u tal-impjiegi minħabba l-kriżi.

L.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

L-investiment I-4.12: "L-iżvilupp ta' akkomodazzjonijiet ta' utilità pubblika u akkomodazzjonijiet għall-persuni vulnerabbli" tar-Reġjun ta' Walloon

Dan l-investiment għandu l-għan li jżid il-provvista tal-akkomodazzjonijiet soċjali għal gruppi vulnerabbli, anke bħala parti mill-istrateġija ta' deistituzzjonalizzazzjoni. L-investiment jinkludi l-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta' akkomodazzjonijiet b'kera baxxa, ta' akkomodazzjonijiet inklużivi u solidali, kif ukoll ta' postijiet ta' akkomodazzjoni għal dawk mingħajr saqaf. Parti minn dawn l-akkomodazzjonijiet għandhom ikunu mgħammra b'teknoloġiji moderni li jgħinu lill-persuni kkonċernati fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, sabiex idumu ma jiġu istituzzjonalizzati l-persuni b'awtonomija mnaqqsa jew jiġi evitat li jiġu istituzzjonalizzati, jew biex jitnaqqas it-tul taż-żmien li jdumu l-isptar. Qabel dan l-investiment, il-gvern ta' Walloon għandu jadotta strateġija ta' deistituzzjonalizzazzjoni għall-kura fit-tul. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-4.13: "Il-ħolqien u r-rinnovazzjoni ta' infrastruttura għall-indukrar bikri tat-tfal" tar-Reġjun ta' Walloon

L-investiment għandu l-għan li jtejjeb il-kopertura tal-indukrar bikri tat-tfal. L-investiment jinkludi l-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-postijiet għall-indukrar tat-tfal. Għandhom jinħolqu postijiet ġodda f'dawk il-muniċipalitajiet li jikkombinaw kopertura baxxa tal-kura tat-tfal ma' rata baxxa ta' impjieg tan-nisa, sehem għoli ta' ġenituri waħedhom u dħul baxx *per capita*. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
150	L-iżvilupp ta' akkomodazzjoniji et ta' utilità pubblika u akkomodazzjoniji et għall-persuni vulnerabbli (I-4.12)	Stadju importanti	L-istrateġija ta' Walloon għad-deistituzzjonalizzazzjoni (il-politika tas-saħħa ta' Walloon)	L-approvazzjoni mill-Gvern ta' Walloon tal-istrateġija ta' Walloon għad-deistituzzjonalizzazzjoni				Q4	2021	L-approvazzjoni ta' strateġija tar-Reġjun ta' Walloon dwar id-deistituzzjonalizzazzjoni fil-kuntest tal-Politika tas-Saħħa ta' Walloon, b'mod partikolari għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità: (1) l-ispeċifikazzjoni tal-kunċett ta' deistituzzjonalizzazzjoni, (2) l-istabbiliment ta' kriterji għall-istituzzjonalizzazzjoni u d-deistituzzjonalizzazzjoni, (3) l-għoti ta' valutazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva għad-deistituzzjonalizzazzjoni mibdija mill-istituzzjonijiet ospitanti u ta' akkomodazzjoni, (4) it-tfassil tas-sitwazzjoni attwali dwar il-forniment ta' servizzi (5) u t-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet biex din l-istrateġija tkun operazzjonali.
151	L-iżvilupp ta' akkomodazzjoniji et ta' utilità pubblika u akkomodazzjoniji et għall-persuni vulnerabbli (I-4.12)	Mira	L-għoti ta' parti mix-xogħlijiet		Unitajiet domestiċi	0	280	Q3	2023	L-għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet mill-operaturi għal 280 mis-700 akkomodazzjoni ta' utilità pubblika, akkomodazzjonijiet inklużivi u solidali, kif ukoll postijiet ta' akkomodazzjoni għal gruppi b'akkomodazzjonijiet inadegwati. Bi gruppi b'akkomodazzjonijiet inadegwati nifhmu persuni mingħajr dar, migranti, nisa vittmi ta' vjolenza, persuni waħedhom u persuni f'sitwazzjonijiet ta' esklużjoni.

152	L-iżvilupp ta’ akkomodazzjoniji et ta’ utilità pubblika u akkomodazzjoniji et għall-persuni vulnerabbli (I-4.12)	Mira	L-installazzjoni ta’ assistenza mill-bogħod għal persuni li tilfu l-awtonomija		Kaxex ta’ assistenza mill-bogħod installati	0	5000	Q3	2025	5000 kaxxa ta’ assistenza mill-bogħod installati fl-akkomodazzjonijiet ta’ utilità pubblika, fl-akkomodazzjonijiet inkluživi u solidali.
153	L-iżvilupp ta’ akkomodazzjoniji et ta’ utilità pubblika u akkomodazzjoniji et għall-persuni vulnerabbli (I-4.12)	Mira	Unitajiet ta’ abitazzjoni lesti biex jiġu okkupati		Għadd ta’ unitajiet ta’ abitazzjoni ġodda jew rinnovati	0	1600	Q3	2026	1 600 dar ta’ utilità pubblika mibnija jew rinnovati fir-Reġjun ta’ Walloon huma lesti biex jiġu okkupati.
154	Il-bini u r-rinnovazzjoni ta’ infrastruttura għall-indukrar bikri tat-tfal (I-4.13)	Stadju importanti	L-għoti ta’ kuntratti ta’ xogħlijiet għall-promoturi ta’ proġetti		Postijiet għall-indukrar tat-tfal	0	255	Q3	2023	L-għoti ta’ kuntratti ta’ xogħlijiet minn operaturi (crèches) għal 15 % tal-postijiet li għadhom kif inħolqu għall-indukrar tat-tfal, jiġifieri 255.
155	Il-bini u r-rinnovazzjoni ta’ infrastruttura għall-indukrar bikri tat-tfal (I-4.13)	Mira	Il-ftuħ ta’ postijiet għall-indukrar tat-tfal		L-għadd ta’ postijiet għall-indukrar tat-tfal maħluqa jew rinnovati	0	1700	Q3	2026	Inħolqu 1700 post ġdid għall-indukrar tat-tfal bħala parti mill-infrastruttura għall-indukrar bikri tat-tfal fil-Wallonia. Il-postijiet il-ġodda għall-indukrar tat-tfal jinkludu kemm il-postijiet li jinħolqu bħala riżultat tal-kostruzzjoni ta’ binjiet ġodda u kemm tar-rinnovazzjoni ta’ binjiet eżistenti.

M. KOMPONENT 4.4: TMIEM IL-KARRIERA U L-PENSJONIJIET

Dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jipprovdi rispons politiku għall-isfidi tas-sistema tal-pensjonijiet f'termini ta' adegwatezza soċjali u sostenibbiltà fiskali.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019 biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet.

M.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-4.07: "Tmiem il-karriera u l-pensjonijiet" tal-Istat Federali

Din ir-riforma għandha l-għan li (1) tagħmel is-sistema tal-pensjonijiet valida għall-futur, (2) ittejjeb is-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistema tas-sigurtà soċjali u tal-finanzi pubbliċi, (3) iżżid ir-rwol ta' solidarjetà tas-sistema tal-pensjonijiet, (4) issaħħaħ il-"prinċipju tal-assigurazzjoni", (5) tintroduċi "test tal-ġeneru", (6) tiżgura l-konverġenza bejn is-sistemi differenti tal-pensjonijiet u fi ħdanhom, (7) ittejjeb l-effiċjenza tas-servizzi amministrattivi li jittrattaw il-pensjonijiet. Il-liġi għar-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet għandha tiġi adottata sat-30 ta' Ġunju 2024 u tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025, waqt li jkun mifhum li tista' tkun għad-dispożizzjoni għal perjodi ta' tranżizzjoni raġonevoli għal ċerti dispożizzjonijiet.

Il-gvern federali, biex jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati, qed jippjana li jorganizza konferenza dwar l-impjiegi fl-2021, li għandha tiffoka fuq "tmiem il-karriera" u l-impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet ta' din il-konferenza, għandu jitressaq pjan ta' azzjoni bi proposti għal miżuri konkreti lill-gvern federali.

M.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
156	Pensjonijiet u tmiem il-karriera (R-4.07)	Stadju importanti	Pjan ta' azzjoni bbażat fuq ir-riżultati tal-konferenza dwar l-impjiegi	Streaming dirett (u l-irrekordjar) tad-dibattiti tal-konferenza dwar l-impjiegi u tal-pjan ta' azzjoni propost imqegħdin fuq l-aġenda tal-Kunsill Federali tal-Ministri				Q2	2022	Streaming dirett (u l-irrekordjar) tad-dibattiti tal-konferenza dwar l-impjiegi mill-amministrazzjoni (SPF ETCS). Pjan ta' azzjoni propost biex tiżdied ir-rata ta' impjieg tal-impjegati li jkunu qed joqorbu lejn tmiem il-karriera tagħhom, ibbażat fuq immappjar ta' miżuri federali rilevanti eżistenti, abbozzat mill-ministeru federali tax-xogħol, u l-kontribut min-naħa tas-sħab soċjali, ir-reġjuni u partijiet oħra kkonċernati, qabel u waqt il-konferenza jiġi abbozzat u jitqiegħed fuq l-aġenda tal-Kunsill tal-Ministri. L-għan ta' dan il-pjan ta' azzjoni huwa li jissarraf fi proposti regolatorji konkreti (leġiżlattivi jew amministrattivi) li għandhom jiġu adottati mill-awtoritajiet federali (jekk ikun meħtieġ mill-parlament federali).
157	Pensjonijiet u tmiem il-karriera (R-4.07)	Stadju importanti	Proposta għal riforma tal-pensjonijiet	Proposta għal riforma ppreżentata lill-Kunsill tal-Ministri tal-gvern federali				Q4	2021	Proposta ppreżentata għall-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-gvern federali għar-riforma tal-iskema tal-pensjonijiet, li għandha tinkludi l-elementi li ġejjin: (i) Miżuri għat-titjib tas-sostenibbiltà finanzjarja u soċjali tas-sistema tal-pensjonijiet; (ii) Miżuri li jinċentivaw lin-nies biex jibqgħu attivi fis-suq tax-xogħol wara li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-irtirar bikri; (ii) Miżuri biex jiżdied ir-rwol ta' solidarjetà tagħha biex tiżgura pensjoni minima deċenti, ir-rwol tal-assigurazzjoni tagħha, il-

										bilanċ bejn is-sessi, filwaqt li jitqies l-objettiv ġenerali ta' titjib tas-sostenibbiltà finanzjarja u soċjali tal-iskema tal-pensjonijiet; (iv) Miżuri biex tiġi żgurata l-konverġenza bejn u f'sistemi differenti.
158	Pensjonijiet u tmiem il-karriera (R-4.07)	Stadju importanti	L-adozzjoni tar-riforma tal-pensjonijiet	L-adozzjoni mill-Parlament Federali tal-liġi għar-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet				Q2	2024	L-adozzjoni tal-liġi għar-riforma tar-reġim tal-pensjonijiet mill-Parlament federali. Il-liġi għandha tinkludi l-elementi li ġejjin: (i) Miżuri għat-titjib tas-sostenibbiltà finanzjarja u soċjali tas-sistema tal-pensjonijiet; (ii) Miżuri li jinċentivaw lin-nies biex jibqgħu attivi fis-suq tax-xogħol wara li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-irtirar bikri; (ii) Miżuri biex jiżdied ir-rwol ta' solidarjetà tagħha biex tiżgura pensjoni minima deċenti, ir-rwol tal-assigurazzjoni tagħha, il-bilanċ bejn is-sessi, filwaqt li jitqies l-objettiv ġenerali ta' titjib tas-sostenibbiltà finanzjarja u soċjali tal-iskema tal-pensjonijiet; (iv) Miżuri biex tiġi żgurata l-konverġenza bejn u f'sistemi differenti.

N. KOMPONENT 5.1: TAĦRIĠ U S-SUQ TAX-XOGĦOL

Dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa magħmul minn miżuri li għandhom l-għan li jżidu r-rata tal-impjiegi filwaqt li jiżguraw suq tax-xogħol inklużiv. Il-miżuri jikkonsistu fit-tagħmir tal-forza tax-xogħol b'ħiliet li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet attwali u futuri tas-suq tax-xogħol, inklużi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u ż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol permezz tat-taħriġ, l-attivazzjoni u l-coaching, iżda wkoll billi jiġu indirizzati n-nasbiet tal-impjiegi u billi x-xogħol irendi.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2019 biex jitnaqqas l-ispariġġ tal-ħiliet u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020 biex jittaffa l-impatt soċjali u tal-impjiegi minħabba l-kriżi.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

N.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

L-investiment I-5.01: "Iċ-Ċentru tal-Innovazzjoni u t-Taħriġ Diġitali u Teknoloġiku A6K/E6K" tar-Reġjun ta' Walloon

Il-miżura ta' investiment għandha tiżviluppa ċentru multidixxiplinarju għax-xjenza tal-inġinerija (A6K), li jikkolokalizza timijiet ta' intraprenditorija industrijali, negozji ġodda, universitajiet u ċentri ta' riċerka biex jiġu stimulati l-innovazzjoni u t-trasformazzjoni industrijali fil-Wallonia, kif ukoll ċentru ta' edukazzjoni teknoloġika (E6K), pjattaforma fiżika innovattiva li tlaqqa' flimkien operaturi pubbliċi u privati tal-edukazzjoni diġitali u teknoloġika fiċ-ċentru tal-belt ta' Charleroi li toffri taħriġ varjat fil-kontenut u t-tul ta' żmien. L-investiment jikkonsisti fir-rinnovazzjoni u l-kostruzzjoni ta' binjiet li jospitaw iċ-ċentri, u fl-appoġġ lill-attivitajiet meħtieġa biex il-proġett jitħaffef u jikber. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-5.02: "L-iskola tal-bijoteknoloġija tal-UE u ċ-ċentru tas-saħħa" tar-Reġjun ta' Walloon

Il-miżura tal-investiment għandha tkopri l-bini u t-tagħmir ta' ċentru ta' taħriġ ta' 5 500 m² li jinsab fil-Biopark f'Gosselies (il-Provinċja ta' Hainaut, ir-Reġjun tal-Vallonja) li jiffoka fuq l-iżvilupp tal-ħiliet għall-iżvilupp ulterjuri tas-settur tal-bijoteknoloġija/tal-bijofarmaċewtika. L-iskola tal-Bijoteknoloġija tal-UE u ċ-Ċentru tas-Saħħa għandhom jiffukaw fuq it-twassil ta' programmi ta' taħriġ strutturati bbażati fuq erba' pilastri: L-immersjoni STIM, il-katina tal-bijoproduzzjoni u tal-provvista, id-*data* u l-aspett diġitali, l-MBA Ġenerali u l-Mini-MBA. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

L-investiment I-5.03: "Titjib tal-infrastruttura tat-taħriġ avvanzat" tar-Reġjun ta' Walloon

Il-miżura ta' investiment għandha tkopri l-kostruzzjoni, ir-rinnovazzjoni, it-tiġdid ta' tagħmir tal-ogħla livell, ta' tmien proġetti li jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet fil-Wallonia: (i) iċ-Ċentru ta' Taħriġ ta' Belgrad (Namur); (ii) l-estensjoni u s-sistemazzjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza CEFOCHIM; (iii) l-estensjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza ta' Technocité; (iv) ir-rinnovazzjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza Teknika (Seraing); (v) l-estensjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza ta' AwtoFORM; (vi) l-estensjoni taċ-Ċentru ta' Kompetenza tas-Setturi Ekoloġiċi (Ath); (vii) l-estensjoni tal-infrastruttura taċ-ċentru ta' taħriġ klassiku ta' Forem; (viii) il-ħolqien ta' Ċentru għall-Ekoteknoloġiji Kontemporanji u għat-Taħriġ Kontinwu (Mons). L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-5.04: "Spinta lit-tagħlim u l-karriera" tar-Reġjun Fjamming

Il-miżura timplimenta l-ftehim konkluż bejn il-gvern Fjamming u s-sħab soċjali, li jinkludi l-objettiv li tingħata spinta lit-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja. Il-miżura tikkonsisti f'ġabra ta' ħames sottomiżuri (i) il-kontrolli tal-kompetenza u l-punti ta' tranżizzjoni; (ii) it-twessigħ tal-offerta ta' taħriġ online; (iii) it-taħriġ għad-diżokkupati temporanji; (iv) l-intraprenditorija soċjali b'saħħitha; (v) aktar appoġġ għal-leave għal taħriġ. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

L-investiment I-5.05: "Strateġija għat-tnedija mill-ġdid tas-suq tax-xogħol" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

L-investiment jikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' strateġija ta' rkupru għas-suq tax-xogħol fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali. L-istrateġija tiffoka fuq l-effiċjenza u l-ottimizzazzjoni tal-politiki ta' attivazzjoni u taħriġ u fuq l-appoġġ lil persuni li qed ifittxu impjieg u lill-ħaddiema għall-impjiegi futuri jew quddiem nuqqas ta' impjiegi. Il-miżuri ta' investiment huma magħmulin minn tliet azzjonijiet: (i) l-iżvilupp ta' għodda ta' ġestjoni online għall-benefiċjarji ta' skemi ta' appoġġ għall-impjiegi u/jew għat-taħriġ, u ta' għodda għall-monitoraġġ kwantitattiv u kwalitattiv; (ii) l-istabbiliment ta' fond reġjonali biex jgħin lill-ħaddiema f'każ ta' ristrutturar jew falliment ta' impriżi; (iii) l-appoġġ għal taħriġ mill-ġdid jew orjentazzjoni mill-ġdid lejn okkupazzjonijiet li jkunu skarsi. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

L-investiment I-5.06: "Ħiliet diġitali" tar-Reġjun Fjamming

Il-miżura timplimenta l-ftehim konkluż bejn il-gvern Fjamming u s-sħab soċjali, li jinkludi l-objettiv tat-"trasformazzjoni diġitali tal-Flanders" (il-pilastru II tal-ftehim). Il-proġett jikkonsisti fi tliet inizjattivi separati: (i) "pjan ta' azzjoni tal-e-Tagħlim", b'sejħiet biex il-forniturі tat-taħriġ pubbliku jiżviluppaw l-offerta ta' taħriġ online tagħhom, (ii) "għodod u servizzi diġitali għall-karriera", bl-iżvilupp ta' kont individwali għat-taħriġ u għall-karriera, (iii) "għodod u servizzi diġitali għall-impjegaturi u s-sħab", bit-trasformazzjoni diġitali tas-servizz pubbliku tal-impjiegi tal-Flanders (VDAB) u tad-Dipartiment tax-Xogħol u tal-Ekonomija Soċjali (Werk & Sociale Economie). L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

L-investiment I-5.07: "Tagħlim diġitali tul il-ħajja" tar-Reġjun ta' Walloon

Il-miżura ta' investiment għandha żewġ objettivi ewlenin: (i) il-promozzjoni tal-inklużjoni diġitali u (ii) it-tisħiħ tat-taħriġ diġitali fil-Wallonia.

Skont l-ewwel objettiv, il-miżura għandha tipprovdi tagħmir tal-ICT lil 285 spazju diġitali pubbliku, għandha tipprovdi PCs rikondizzjonati lil 9 445 unità domestika, u għandha tappoġġa 240 proġett ta' inklużjoni diġitali.

Skont it-tieni objettiv, għandu jiġi pprovdut tagħmir diġitali għall-iżvilupp ta' 22 spazju ta' taħriġ immersiv fiċ-ċentri tat-taħriġ u 17-il spazju intelliġenti għas-servizzi lokali tal-Istitut għat-Taħriġ Alternattiv ta' Walloon għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għal intrapriżi żgħar u medji (IFAPME) Għandu jitħejja rapport li jimmappja l-ħtiġijiet ta' taħriġ diġitali u l-ħtiġijiet tal-iżvilupp tal-kurrikuli professjonali. Huwa stmat li għandhom jingħataw 10 000 siegħa ta' taħriġ pedagoġiku għat-tranżizzjoni diġitali lill-persunal tat-tagħlim.

Għandhom jinbnew ħames siti ġodda ta' taħriġ tas-servizz pubbliku tal-impjiegi (FOREM), għandha tinbena pjattaforma ġdida ta' "riinġinerija u ta' STEM" u għandhom jiġu rinnovati erba' siti eżistenti. Għandu jiġi pprovdut tagħmir diġitali li jippermetti l-ħolqien ta' disa' spazji ta' taħriġ immersiv ("fabbriki diġitali") u d-diġitalizzazzjoni tal-"pjattaforma ta' riinġinerija u ta' STEM". L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Ir-riforma R-5.01: “Skema ta’ akkumulazzjoni u mobilità lejn is-setturi bi skarsezzi” tal-Istat Federali

Il-miżura ta’ riforma hija magħmula minn żewġ oqsma bl-objettiv (i) li x-xogħol jagħti aktar sodisfazzjon u (ii) li tiġi promossa l-mobilità tal-forza tax-xogħol lejn setturi li qed jiffaċċjaw nuqqasijiet.

L-ewwel qasam ta’ riforma huwa biex l-impjiegi jagħtu aktar sodisfazzjon lil dawk li jibbenefikaw mill-benefiċċji tal-qgħad jew dħul ta’ integrazzjoni. Dan għandu jsir billi jiġi żgurat li, f’każ ta’ kombinazzjoni ta’ xogħol (part-time) u d-dħul ta’ benefiċċju tal-qgħad (parzjali) jew introjtu ta’ integrazzjoni (part-time), ikun finanzjarjament u soċjalment aktar vantaġġuż għall-persuna kkonċernata li żżid il-ħin tax-xogħol part-time tagħha. Wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali, għandha tittieħed deċiżjoni dwar l-espansjoni tal-possibbiltajiet biex jiġu kkombinati temporanjament jew b’mod limitat il-paga u l-benefiċċji soċjali.

Għat-tieni qasam ta’ riforma, l-objettiv tal-miżura huwa li tiġi promossa l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja f’settur partikolari lejn setturi fejn hemm nuqqas ta’ ħaddiema tas-sengħa, billi t-taħriġ meħtieġ jiġi ppremjat b’mod suffiċjenti. Għal dan il-għan, il-gvern, f’konsultazzjoni mas-sħab soċjali, għandu jiddefinixxi kif l-Artikolu 39b tal-Att tal-3 ta’ Lulju 1978 dwar il-kuntratti tal-impjieg jista’ jiġi riformat u infurzat.

Id-Deċiżjoni tal-gvern federali li tistabbilixxi li r-riforma għandha tidħol fis-seħħ sal-1 ta’ Jannar 2024.

Ir-riforma R-5.03: “Kont tal-apprendiment” tal-Istat Federali

Il-miżura ta’ riforma tikkonsisti fi tliet partijiet: Il-miżura għandha l-għan (i) li tagħti dritt individwali għat-taħriġ lil kull ħaddiem; (ii) li jiġu żviluppati vantaġġi fiskali għall-kumpaniji li jipprovdu lill-ħaddiema b’aktar sigħat ta’ taħriġ minn dawk diġà previsti mil-liġi u (iii) li jneħħu, f’konsultazzjoni mal-entitajiet federati, l-ostakoli għall-parteċipazzjoni fit-taħriġ għall-ħaddiema qiegħda temporanjament. L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta’ Diċembru 2023.

Sabiex kull ħaddiem jingħata dritt individwali għat-taħriġ (i), hija prevista emenda għall-Att tal-5 ta’ Marzu 2017 dwar xogħol li jista’ li jista’ jiġi ġestit u jinħadem. Skont il-leġiżlazzjoni attwali, huwa meħtieġ li jiġi żgurat fil-livell transindustrijali li kull ħaddiem ikun intitolat għal medja ta’ ħamest ijiem ta’ taħriġ (jew in-numru ekwivalenti ta’ sigħat) fis-sena. L-ambizzjoni tar-riforma hija li jinkiseb dritt individwali għat-taħriġ għal kull impjegat qabel tmiem il-leġiżlatura. L-intrapriżi b’inqas minn 10 impjegati u l-intrapriżi b’inqas minn 20 impjegat jibqgħu, *mutatis mutandis*, soġġetti għal eċċezzjonijiet jew derogi.

Għaliex (ii) ir-riforma daħlet fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2021 kif stabbilit fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu 2 tal-Liġi tal-Programm tal-20 ta’ Diċembru 2020 ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tat-30 ta’ Diċembru 2020. Il-vantaġġi tat-taxxa jieħdu l-forma ta’ eżenzjoni mill-ħlas tat-taxxa bil-quddiem għall-impjegati li jkunu lestew kors ta’ taħriġ ta’ mill-inqas għaxart ijiem f’perjodu mhux interrott ta’ 30 jum kalendarju (għal intrapriżi b’xogħol bix-xift jew ta’ bil-lejl għal perjodu mhux interrott ta’ 60 jum kalendarju; għall-intrapriżi ż-żgħar, il-limitu huwa ta’ ħamest ijiem f’perjodu mhux interrott ta’ 75 jum kalendarju).

Qed tiġi esplorata l-possibbiltà li jiġi żgurat fluss aħjar ta’ *data* bejn l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Impjiegi u s-servizzi tal-impjiegi reġjonali (VDAB/ACTIRIS/FOREM/Arbeitsambt) għall-organizzazzjoni ta’ offerta ta’ taħriġ għall-ħaddiema li d-diżokkupazzjoni temporanja tagħhom tiġi estiża jew tkun aktar strutturali (iii). L-informazzjoni għandha tippermetti lis-servizzi tal-impjiegi reġjonali biex joffru taħriġ għall-persuni qiegħda temporanjament b’mod ħafna aktar preċiż, u biex jiġi żgurat li mill-inqas 25 000 ħaddiem f’qgħad fit-tul jew f’qgħad

strutturali temporanju jkunu rċevew taħriġ mis-servizzi tal-impjiegi reġjonali biex jintegraw ruħhom mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

L-emenda tal-Att tal-5 ta' Marzu 2017 dwar xogħol fattibbli u maniġġabbli għandha tidħol fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2022.

Ir-riforma R-5.04: "Tagħlim tul il-ħajja" tal-Komunità Fjamminga

Il-miżura ta' riforma għandha twitti t-triq lejn kont individwali għat-tagħlim u għall-karriera li għandu jagħmel l-inċentivi kollha għat-taħriġ viżibbli f'daqqa b'mod ċar f'post ċentrali uniku sabiex iċ-ċittadini jkunu jafu b'mod ċar dwar id-drittijiet ta' tagħlim tagħhom u l-appoġġ disponibbli. Is-sħab soċjali u l-gvern Fjamming għandhom jaqblu dwar dokument ta' viżjoni, li jistabbilixxi kif għandu jiġi introdott kont tal-apprendiment u għall-karriera fil-Flanders, filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiżdied it-trasparenza għaċ-ċittadini, l-inklużjoni aħjar ta' gruppi vulnerabbli u jiġi żgurat allinjament mal-pjattaforma tal-kont tal-apprendiment diġitali stabbilita fil-livell federali. Id-dokument ta' viżjoni se jiġi ppreżentat sat-30 ta' Ġunju 2022.

Ir-riforma R-5.05: "Ir-riforma tal-appoġġ għall-persuni li qed ifittxu impjieg fil-Wallonia" tar-Reġjun ta' Walloon

Il-miżuri ta' riforma għandhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-attivazzjoni ta' persuni li qed ifittxu impjieg fil-Wallonia billi jadattaw id-digriet li jirrigwarda l-coaching u l-appoġġ orjentat lejn is-soluzzjonijiet għal persuni li qed ifittxu impjieg. Il-coaching il-ġdid u l-appoġġ orjentat lejn is-soluzzjonijiet għall-persuni li qed ifittxu impjieg għandhom l-għan li jappoġġaw lil dawk kollha li qed ifittxu impjieg, biex tiġi kapitalizzata l-informazzjoni kollha disponibbli, biex jiġu verifikati l-ħiliet mar-reġistrazzjoni u biex jiġu ottimizati l-kollaborazzjonijiet bejn is-servizz pubbliku tal-impjiegi ta' Walloon (Forem), u biex jiġu appoġġati s-sħab. Ir-riforma għandha tisfrutta l-għodod diġitali effiċjenti li jagħmluha possibbli li jiġu ġestiti perkorsi tal-karriera mill-bogħod u/jew wiċċ imb wiċċ għall-aktar persuni indipendenti li qed ifittxu impjieg, filwaqt li ssaħħaħ l-appoġġ wiċċ imb wiċċ għall-persuni li l-aktar għandhom bżonn ta' appoġġ. Id-digriet relatat mal-coaching u l-appoġġ orjentat lejn is-soluzzjonijiet għall-persuni li qed ifittxu impjieg għandu jiġi adottat sat-30 ta' Settembru 2021 u jidħol fis-seħħ għaxart ijiem wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Moniteur Belge/Belgisch Staatsblad.*

N.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u tal-mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
159	A6K/E6K Iċ-Ċentru tal-Innovazzjoni u t-Taħriġ Diġitali u Teknoloġiku (I-5.01)	Stadju importanti	Attività żviluppata permezz ta' A6K-E6K	Rapport dwar il-fażijiet tan-negozju li tlestew u twasslu mill-kumitat ta' tmexxija				Q1	2023	It-tlestija tal-fażijiet tal-iżvilupp tan-negozju għall-istabbiliment taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni u t-Taħriġ Diġitali u Teknoloġiku: l-iżvilupp ta' offerta għal inkubaturi tan-negozju permezz tat-twaqqif ta' kostruttur tal-impriżi, l-iżvilupp ta' offerta ta' taħriġ diġitali, it-tlestija ta' sejħa għal proġetti għal negozji ġodda, l-iżvilupp ta' dimostraturi teknoloġiċi u infrastruttura marbutin ma' proġetti kollaborattivi u operattivi.
160	Titjib tal-infrastruttura tat-taħriġ avvanzat (I-5.03)	Mira	Bini mgħammar kompletament għat-taħriġ, għas-servizzi tal-impjiegi (fażi 1)		m^2	0	16000	Q2	2025	16 000 m² ikopru r-rinnovazzjoni, il-kostruzzjoni u t-tagħmir tal-binjiet li ġejjin: - Cefochim - Technocité - Forem - Technifutur - Autoform - Secteurs Verts - Centre des Ecotechnologies – Mons
161	L-iskola tal-bijoteknoloġija tal-UE u ċ-ċentru tas-saħħa (I-5.02)	Mira	Il-bini u t-tagħmir tal-Iskola tal-Bijoteknoloġija tal-UE u ċ-Ċentru tas-Saħħa		m^2	0	5500	Q3	2025	5 500 m² ta' bini mgħammar kompletament għal servizzi ta' taħriġ, tal-impjiegi u ta' inkubaturi tan-negozju, bħala parti mill-kostruzzjoni ta' binja polivalenti minn SODEVIMMO, li fiha 25 000 m² u jisimha Biotech 5 u tinsab fil-BioPark ta' Gosselies.

										It-tagħmir għandu jinkludi b'mod partikolari moduli tar-realtà virtwali, kamra ta' STEM għal esperjenza immersiva, tagħmir diġitali doppju, tagħmir diġitali għall-kmamar tat-tagħlim u linja ta' produzzjoni robotizzata.
162	Iċ-Ċentru tal-Innovazzjoni u t-Taħriġ Diġitali u Teknoloġiku A6K/E6K (I-5.01)	Mira	Finalizzazzjoni tar-rinnovazzjoni u l-estensjoni ta' A6K-E6K		m^2	5000	25000	Q2	2026	25 000 m² ta' bini mgħammar kompletament għat-taħriġ, għas-servizzi tal-impjiegi u tal-inkubaturi tan-negozju
163	Titjib tal-infrastruttura tat-taħriġ avvanzat (I-5.03)	Mira	Bini mgħammar kompletament għat-taħriġ, għas-servizzi tal-impjiegi (fażi 2)		m^2	16000	39000	Q2	2026	It-total ta' 39 000 m² ta' binjiet rinnovati u mgħammrin, bi 23 000 m² addizzjonali li jkopru l-"Ecocentre de formation" f'Belgrad u fis-"Centre des Ecotechnologies" f'Jemappes.
164	Spinta lit-tagħlim u l-karriera (I-5.04)	Mira	Appoġġ għal-leave għat-taħriġ u għall-offerta ta' taħriġ online fil-Flanders		Persuni	0	307500	Q4	2022	Mill-2021 'l hawn 307 500 persuna għamlu użu mid-dritt tal-leave għat-taħriġ tagħhom jew irreġistraw għal offerta ta' taħriġ online, li tinkludi korsijiet diġitali orjentati lejn is-suq tax-xogħol b'enfasi fuq il-ħiliet tekniċi u/jew personali.
165	Spinta lit-tagħlim u l-karriera (I-5.04)	Mira	Appoġġ lill-intrapriżi fil-Flanders permezz ta' kontrolli tal-kompetenza, punti ta' tranżizzjoni u sejħiet għal proġetti		SMEs	0	600	Q4	2024	600 intrapriża li jaqgħu f'waħda mill-kategoriji li ġejjin ibbenefikaw mill-appoġġ taħt il-miżura: (i) l-SMEs li ntlaħqu b'kontroll tal-kompetenzi (ii) l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali appoġġati fit-trasformazzjoni strateġika innovattiva tagħhom permezz tas-sejħiet għal "trasformazzjoni strateġika għal innovazzjoni miftuħa" u "taħriġ orjentat lejn il-futur biex jiġu appoġġati l-aktar gruppi vulnerabbli fl-

										ekonomija soċjali" (iii) l-intrapriżi li jibdew perkors ta' tranżizzjoni permezz ta' pjattaformi ta' prova għat-tranżizzjoni jew ta' punti ta' tranżizzjoni.
166	Strateġija għat-tnedija mill-ġdid tas-suq tax-xogħol iffokata fuq l-effiċjenza u l-ottimizzazzjoni tal-politiki ta' attivazzjoni u taħriġ (I-5.05)	Mira	L-appoġġ ta' attivazzjoni għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-ħaddiema fi Brussell		Persuni	0	600	Q4	2024	600 persuna bbenefikaw mill-miżuri tal-istrateġija ta' Brussell għat-tnedija mill-ġdid tas-suq tax-xogħol, inklużi l-għodda ta' ġestjoni online, il-Fond ta' Akkumpanjament Reġjonali u l-iskema ta' appoġġ għat-taħriġ mill-ġdid jew ir-ridirezzjonar lejn impjiegi b'nuqqas ta' ħaddiema jew tkabbir fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali. Il-benefiċjarji huma persuni li qed ifittxu impjieg/ħaddiema li ġew attivati permezz tal-għodda ta' ġestjoni online u/jew kellhom aċċess għall-Fond ta' Akkumpanjament Reġjonali u/jew kellhom aċċess għall-iskema ta' appoġġ għal taħriġ mill-ġdid jew ir-ridirezzjonar lejn b'nuqqas ta' ħaddiema jew tkabbir.
167	Spinta lit-tagħlim u l-karriera (I-5.04)	Stadju importanti	L-appoġġ lill-persuni qiegħda temporanjament fil-Flanders	Ingħata r-rapport tal-VDAB li afferma l-isforz ta' komunikazzjoni				Q4	2022	Il-persuni kollha li ilhom qiegħda temporanjament sa mill-01/01/2021 għandhom jiġu kkuntattjati mis-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi Fjamming (VDAB) biex jirreġistraw ruħhom f'taħriġ, internship, impjieg temporanju jew impjieg fil-volontarjat.
168	It-tagħlim tul il-ħajja tal-Komunità Fjamminga (R-5.04)	Stadju importanti	Dokument ta' viżjoni dwar it-tagħlim u kont għall-karriera fil-Fjandri	Il-pubblikazzjoni tal-ftehim mill-Gvern				Q2	2022	Ftehim bejn is-sħab soċjali u l-gvern Fjamming dwar id-dokument ta' viżjoni, li jistabbilixxi kif għandu jiġi introdott kont tal-apprendiment u għall-karriera fil-Flanders, filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiżdied it-trasparenza għaċ-ċittadini, l-inklużjoni aħjar ta' gruppi vulnerabbli u jiġi żgurat allinjament mal-pjattaforma tal-kont tal-apprendiment diġitali stabbilita fil-livell federali.
169	Ħiliet Diġitali	Mira	L-iżvilupp ta'		Proġetti	0	70	Q4	2022	70 proġett tal-e-Tagħlim ġew approvati, imnedija u

	(I-5.06)		offerta għall-e-Tagħlim fil-Flanders		tal-e-Tagħlim					tlestew wara sejħa għal proġett.
170	Ħiliet Diġitali (I-5.06)	Stadju importanti	Għodod u servizzi diġitali għaċ-ċittadini, l-impjegaturi u s-sħab tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi Fjamming (VDAB) implimentati bi sħiħ fil-Flanders	Rapport dwar il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika tal-VDAB u tad-Dipartiment tad-WSE				Q4	2023	Ir-rapport jiċċertifika l-implimentazzjoni bi sħiħ tal-għodod u s-servizzi diġitali li ġejjin għaċ-ċittadini, l-impjegaturi u s-sħab tal-VDAB, li ġew mnedija bis-sħiħ fil-Flanders: 1. Il-pjattaforma tal-karrieri diġitali personalizzata, flimkien ma' offerta personalizzata ta' opportunitajiet ta' taħriġ u inċentivi għaċ-ċittadini, hija aċċessibbli u operattiva. 2. Il-bank diġitali għall-impjegaturi tal-VDAB u s-sieħeb diġitali huma operattivi, u jippermettu lill-medjaturi tal-VDAB biex jikkuntattjaw b'mod attiv lill-impjegaturi kollha rigward postijiet battala permezz ta' ġestjoni kondiviża u jappoġġawhom b'mod diġitali biex jimlew il-postijiet vakanti. Is-segwitu tas-sħab kollha tal-VDAB isir ukoll permezz tal-pjattaforma ta' sħab diġitali. 3. Is-servizzi diġitali għall-impjegaturi ġew estiżi permezz ta' bank diġitali għall-impjegaturi tad-Dipartiment tad-WSE, aċċessibbli għall-impjegaturi kollha. 4. L-ekosistema tad-*data* tad-Dipartiment tal-WSE għas-sħab ssir operattiva: 15-il sett ta' *data* rilevanti huma disponibbli fuq il-pjattaforma tad-*data* miftuħa għar-riċerka u skopijiet oħra
171	Taħriġ diġitali li jissokta tul il-ħajja (I-5.07)	Stadju importanti	Il-modernizzazzjoni tal-għoti ta' coaching u taħriġ fil-ħiliet diġitali,	Rapport mogħti dwar it-tlestija ta' proġetti differenti				Q2	2026	It-tagħmir tal-ICT għandu jkun disponibbli u operattiv għal 9 000 unità domestika (kompjuters rikondizzjonati), 285 spazju pubbliku diġitali, 39 spazju ta' taħriġ immersiv tal-Istitut għat-Taħriġ Alternattiv ta' Walloon għall-persuni li jaħdmu għal

			inklużi l-ħiliet diġitali bażiċi fil-Wallonia, permezz ta' għodod diġitali, infrastruttura tal-ogħla livell, mentoraġġ kompetenti u proġetti innovattivi.							rashom u għal intrapriżi żgħar u medji (IFAPME) (22 ċentru tat-taħriġ u 17-il sit tas-servizzi lokali). Disa' siti tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (FOREM) għandhom jiġu ttrasformati u mgħammra f'fabbriki diġitali (4 rinnovati u 5 nbnew) u sit għandu jkun pjattaforma ta' riinġinerija u ta' STEM. Għandu jiġi pprovdut rapport li jimmappja l-ħtiġijiet ta' taħriġ diġitali u l-ħtiġijiet tal-iżvilupp tal-kurrikuli professjonali, u fuq din il-bażi, 10 000 siegħa ta' taħriġ pedagoġiku għat-tranżizzjoni diġitali għandhom jiġu pprovduti lill-persunal tat-tagħlim u t-trainees. Għandhom jinbnew jew jiġu adattati 7 500 m² ta' infrastrutturi tat-taħriġ li jospitaw it-taħriġ fil-ħiliet diġitali.
172	Kont tal-apprendiment (R-5.03)	Stadju importanti	Riforma federali li tiżviluppa d-dritt individwali għat-taħriġ tal-impjegati.	Il-Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali				Q4	2021	Fuq il-bażi tad-djalogu bejn is-sħab soċjali u l-Gvern federali, l-adozzjoni tar-reviżjoni tal-liġi tal-5 ta' Marzu 2017 dwar xogħol fattibbli u maniġġabbli li jintroduċi perkors li jiżgura li mill-2024, il-ħaddiema kollha jkunu intitolati għal medja ta' ħamest ijiem taħriġ ta' kull sena.
173	Kont tal-apprendiment (R-5.03)	Stadju importanti	Riforma federali li toħloq inċentivi għall-kumpaniji biex jipprovdu taħriġ	Il-Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali				Q1	2021	L-adozzjoni tal-Liġi tal-Programm tal-20 ta' Diċembru 2020 mill-Parlament, li tistabbilixxi eżenzjoni parzjali (11,75 %) mill-ħlas tat-taxxa minn ras il-għajn għall-ħaddiema li jsegwu taħriġ ta' mill-inqas 10 ijiem.
174	Kont tal-apprendiment (R-5.03)	Mira	Riforma għal kollaborazzjoni mtejba bejn is-Servizz Nazzjonali tal-Impjiegi (ONEM) u s-		Ħaddiema	0	25000	Q4	2023	Bħala riżultat ta' kollaborazzjoni aħjar bejn is-Servizz Nazzjonali tal-Impjiegi (ONEM) u s-servizzi tal-impjiegi reġjonali, 25 000 ħaddiem f'qgħad fit-tul jew f'qgħad strutturali temporanju għandhom jirċievu taħriġ mis-servizzi tal-impjiegi reġjonali biex jintegraw mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

			servizzi tal-impjiegi reġjonali li tippermetti li jiżdied it-taħriġ għall-persuni qiegħda.							
175	Skema ta' akkumulazzjoni u mobilità lejn is-setturi bi skarsezzi (R-5.01)	Stadju importanti	Riforma federali tal-iskema ta' akkumulazzjoni	Deċiżjoni tal-gvern federali li tistabbilixxi kif ir-riforma għandha tidħol fis-seħħ.				Q4	2023	Wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali, id-deċiżjoni tal-gvern federali dwar l-espansjoni tal-possibbiltajiet biex jiġu kkombinati temporanjament jew b'mod limitat il-paga u l-benefiċċji soċjali u biex jiġi żgurat, f'konformità mar-riforma tat-taxxa fuq ix-xogħol, li l-persuni involuti ma jiġux ikkastigati fiskalment.
176	Skema ta' akkumulazzjoni u mobilità lejn is-setturi bi skarsezzi (R-5.01)	Stadju importanti	Ir-riforma federali tal-mobilità lejn is-setturi bi skarsezzi	Deċiżjoni tal-gvern federali li tistabbilixxi kif ir-riforma għandha tidħol fis-seħħ.				Q4	2023	Wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali, id-deċiżjoni tal-gvern federali dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Att dwar il-kuntratti tal-impjieg tat-3 ta' Lulju 1978 biex tiġi żgurata mobilità akbar tal-ħaddiema minn settur għal ieħor.
177	Ir-riforma tal-appoġġ għall-persuni li qed ifittxu impjieg fil-Wallonia (R-5.05)	Stadju importanti	Ir-riforma tal-appoġġ għall-persuni li qed ifittxu impjieg fil-Wallonia	Il-Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali				Q3	2021	L-adozzjoni mill-Parlament tal-Wallonia tad-digriet relatat mal-coaching u l-appoġġ orjentat lejn is-soluzzjonijiet għall-persuni li qed ifittxu impjieg.

O. KOMPONENT 5.2: APPOĠĠ GĦALL-ATTIVITÀ EKONOMIKA

Dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u jiffaċilita t-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika u aktar diġitalizzata billi jiffoka r-riżorsi fuq l-innovazzjoni u l-appoġġ fuq setturi promettenti. Il-miżuri miġbura flimkien taħt dan il-komponent għandhom tliet objettivi speċifiċi oħra:

- l-appoġġ għall-iżvilupp ta' attivitajiet li joffru opportunitajiet promettenti f'termini ta' valur miżjud u titjib fil-valur tat-territorju;
- l-avvanz u l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni sabiex jiġi żviluppat il-potenzjal ekonomiku futur tal-pajjiż u biex jiġu żgurati l-eċċellenza u l-kompetittività tiegħu;
- l-inkoraġġiment tal-implimentazzjoni ta' proċessi ta' produzzjoni aktar effiċjenti bbażati b'mod partikolari fuq teknoloġiji emerġenti.

F'dan il-komponent, tingħata attenzjoni partikolari lill-SMEs, li jiffurmaw il-biċċa l-kbira tan-nisġa ekonomika tal-Belġju u li ġew affettwati b'mod partikolari mill-kriżi ekonomika.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019 li tistieden biex issir enfasi fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni lejn livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju u t-tranżizzjoni tal-enerġija u għar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020 li tistieden biex isir titjib fl-ambjent tan-negozju, jiġu antiċipati proġetti ta' investiment pubbliku u jiġi promoss l-investiment privat biex jitrawwem l-irkupru ekonomiku.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

O.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

L-investiment I-5.08 - "Mediċina nukleari" tal-Istat Federali

Dan l-investiment jinkludi żewġ azzjonijiet. L-ewwel azzjoni tindirizza żewġ sfidi relatati mal-iżgurar ta' disponibbiltà suffiċjenti fil-futur ta' tnejn mill-aktar isotopi radjuattivi promettenti fil-mediċina nukleari għall-kura tal-kanċer – il-177Lu u t-225Ac. Din l-ewwel azzjoni fiha nnifisha hija magħmula minn żewġ elementi. L-ewwel waħda tindirizza l-ħtieġa għal infrastruttura ġdida f'SCK CEN (iċ-ċentru ta' riċerka nukleari Belġjan), li hija meħtieġa biex tiġi żgurata żieda fil-provvista tal-177Lu, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet futuri previsti, li mistennija jikbru minn 16 000 pazjent fl-2020 għal 138 000 pazjent fl-2026 fl-UE. L-objettiv ewlieni tat-tieni element huwa li jitwettaq studju bil-għan li jiċkien id-distakk bejn it-teknoloġiji eżistenti u l-ħtiġijiet identifikati biex tiġi permessa produzzjoni fuq skala kbira tal-isotopu radjuattiv 225Ac.

It-tieni azzjoni tinkludi l-proġett ta' żvilupp tat-teknoloġija SMART, li fl-aħħar mill-aħħar għandu l-għan li jibni għodda għall-produzzjoni tal-Mo-99 mill-Molibdenu 100, isotopu preżenti fil-molibdenu naturali, billi jissuġġettah għal raġġ ta' elettroni minn aċċelleratur lineari. Għalhekk, din it-teknoloġija tagħmilha possibbli li s-suq tal-Mo-99 jiġi fornut fil-futur mingħajr ma jintużaw ir-reatturi tar-riċerka u mingħajr ma jintuża l-uranju. L-isotopu radjuattiv Mo-99 jintuża fi 80 % tal-proċeduri mediċi tad-dijanjostika permezz ta' immaġnijiet fid-dinja kollha. L-azzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja t-twettiq ta' ċerti partijiet essenzjali tal-istudju tar-RuŻ meħtieġ biex tintlaħaq teknoloġija matura biżżejjed.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

L-investiment I-5.09 “RuŻ: Sejħa għal proposti li jappoġġaw ir-RuŻ tas-settur tal-ajrunawtika u tal-ispazju” tal-Istat Federali

Dan l-investiment għandu l-għan li jappoġġa lill-kumpaniji tal-ajrunawtika u tal-ispazju Belġjani permezz ta’ politika ambizzjuża tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, biex titjieb il-kompetittività tagħhom u b’hekk ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-iżvilupp ta’ teknoloġiji avvanzati u sostenibbli (bħal avjazzjoni nadifa). Dan l-appoġġ għandu jiġi pprovdut permezz ta’ sejħiet għal proġetti ajrunawtiċi u spazjali. Dawn is-sejħiet għal proġetti għandhom ikopru aspetti bħall-avjazzjoni sostenibbli jew il-konnettività spazjali. Is-sejħa għal proġetti fil-qasam tal-avjazzjoni għandha tkopri biss proġetti tal-avjazzjoni nadifa. Il-proposti għal proġetti għandhom jiġu eżaminati biex jiġi ddeterminat jekk humiex konformi mal-kunċett tal-avjazzjoni nadifa. Sabiex dan l-iskrinjar ikun possibbli, għandhom jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi. Il-proġetti għandhom ikunu mmirati lejn it-tiftix prattiku għal soluzzjonijiet biex titnaqqas l-impronta ambjentali tas-settur (tnaqqis ta’ 30 % fil-konsum tal-fjuwil tal-inġenji tal-linji tal-ajru sal-2035, tnaqqis jew saħansitra l-projbizzjoni ta’ fjuwils biċ-ċomb (Avgas) għal avjazzjoni ħafifa, tnaqqis fil-konsum). Fir-rigward tas-settur spazjali, il-proġetti għandhom jiġu vvalutati fuq il-bażi tal-impatt tagħhom f’termini ta’ sostenibbiltà. Barra minn hekk, il-konnettività, iċ-ċibersigurtà jew l-aspetti tal-ġestjoni tad-*data* spazjali għandhom jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni diġitali. Il-proġetti jistgħu jkunu f’livelli ta’ maturità pjuttost baxxi (TRL) filwaqt li fuq terminu twil jkunu parti mill-proċessi ta’ innovazzjoni ta’ dawn is-setturi.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji ta’ eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta’ referenza għal sejħiet futuri għal proġetti għandhom jiżguraw li jintgħażlu biss il-proġetti b’teknoloġiji tal-ajrunawtika li jkunu “l-aħjar fil-klassi”, li jagħtu l-ogħla kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika u n-newtralità tal-karbonju.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

L-investiment I-5.10 “RuŻ: “It-tnaqqis tal-iskart waqt id-dekostruzzjoni” tal-Istat Federali

Dan l-investiment għandu l-għan li jiffinanzja l-investimenti meħtieġa li għandhom jippermettu titjib fl-industrijalizzazzjoni bl-għarfien espert Belġjan fil-karatterizzazzjoni radjoloġika u fit-tekniki u l-metodoloġiji tad-dekontaminazzjoni għall-applikazzjoni tagħhom waqt id-dekummissjonar tal-impjanti tal-enerġija nukleari Belġjani, li għandu jitwettaq fil-qafas tat-tneħħija gradwali tal-ġenerazzjoni tal-enerġija nukleari ppjanata fil-Belġju, u l-possibilità ta’ valorizzazzjoni fi proġetti oħra ta’ dekummissjonar u għar-rimedjar tas-siti. L-għan tal-proġett huwa li jimminimizza l-ammont ta’ skart li għandu jiġi prodott matul id-dekummissjonar eventwali tal-impjanti tal-enerġija nukleari tal-Belġju. Pereżempju, għandu jimmassimizza l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-metall u tal-konkrit. L-attivitajiet kollha għandhom isiru f’faċilitajiet SCK CEN b’sigurtà għolja u għandhom jikkonformaw mal-permess ambjentali miksub. Fl-aħħar nett, għandhom jiġu pprovduti soluzzjonijiet għaċ-ċiklu tal-ħajja kollu, li ma jwasslux għal skart sekondarju li ma jistax jiġi ġestit. Il-proġett għandu jiffoka biss fuq l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u r-rimi finali ta’ skart mhux nukleari, filwaqt li r-rimi ta’ skart radjuattiv li jiġi minn operazzjonijiet ta’ dekummissjonar huwa barra mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-proġett.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

L-investiment I-5.11 “It-tisħiħ tar-RuŻ” tar-Reġjun Fjamming

Dan l-investiment għandu l-għan li jagħti spinta lill-innovazzjoni tal-operaturi ekonomiċi tal-Flanders permezz tar-RuŻ, b’enfasi partikolari fuq tliet oqsma: id-diġitalizzazzjoni, is-sostenibbiltà u s-saħħa. Huma previsti tliet assi differenti. L-ewwel assi għandu jimmira lejn proġetti tar-riċerka u l-iżvilupp f’oqsma fejn il-Flanders diġà għandhom prestazzjoni tajba,

b'enfasi fuq attivitajiet sostenibbli, diġitali u relatati mas-saħħa. Taħt l-istess assi, ir-RuŻ dwar il-bijoekonomija għandhom jiġu ffinanzjati, u parti mill-baġit għandha tkun iddedikata biex tappoġġa l-SMEs u l-intrapriżi l-ġodda. Il-proġetti relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika għandhom ukoll ikunu parti minn dan l-assi. It-tieni assi għandu jimmira lejn l-investiment f'riċerka u infrastruttura teknoloġika tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Pereżempju, huwa previst li jiġu ffinanzjati s-servizzi tal-inkubaturi għan-negozji l-ġodda fis-settur tal-bijoekonomija, jew xi faċilitajiet pilota relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-industrija tal-manifattura. It-tielet assi għandu jiffoka fuq l-istrumenti attwali li jagħtu appoġġ għar-RuŻ lill-kumpaniji. Taħt dan l-assi l-proġetti tar-RuŻ jistgħu pereżempju jirrelataw mas-settur farmaċewtiku, u mat-teknoloġija tal-istampar 3D. Huwa previst ukoll l-appoġġ għall-parteċipazzjoni fl-IPCEI ppjanat dwar il-mikroelettronika. Taħt il-miżura se jingħataw mill-inqas 220 proġett li jkopru l-oqsma kollha ta' intervent tal-miżura.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta' referenza għas-sejħiet għall-proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejjin: (i) l-attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream; (ii) l-attivitajiet taħt is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet li jkollhom emissjonijiet ta' gassijiet serra li ma jkunx mistenni li jkunu inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[12]; (iii) l-attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi[13] u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[14]; u (iv) l-attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

<u>L-investiment I-5.12 "Ir-rilokazzjoni tal-ikel u l-iżvilupp ta' pjattaformi loġistiċi" tar-Reġjun ta' Walloon</u>

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa l-iżvilupp ta' setturi agrikoli ġodda bbażati fuq il-prinċipju ta' ktajjen tal-provvista qosra u l-iżvilupp ta' għodod nieqsa ("links") fil-katina tal-provvista eżistenti. Huwa maqsum f'żewġ sottomiżuri:

- il-ħolqien ta' 30 infrastruttura fuq skala żgħira (infrastrutturi żgħar huma proġetti ta' superfiċje ta' bejn 400 – 800 m²) biex jappoġġaw il-produzzjoni, il-ħżin, it-trasport u l-ipproċessar fuq skala żgħira ta' prodotti li ġejjin minn erba' ktajjen tal-ikel (il-frott, il-ħxejjex, iċ-ċereali u l-proteini veġetali). Għandu jinkludi wkoll erba' proġetti, wieħed għal kull katina

[12] Meta l-attività appoġġata jkollha emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas tal-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[13] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell ta' impjant.

[14] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew għall-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-bijoskart kompost u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

alimentari, biex jappoġġa l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' żrieragħ, nebbieta u tekniki adattati għat-tibdil fil-klima u l-kultivazzjoni mingħajr inputs fitosanitarji;

- il-bini ta' tliet ċentri loġistiċi ddedikati għall-attivitajiet tal-bejjiegħa bl-ingrossa, l-ipproċessar tal-ikel ta' prodotti primarji u servizzi tal-inkubaturi għall-kooperattivi. Dan għandu jiġi kkomplementat bil-bini ta' infrastruttura kritika (mill-inqas ħames infrastrutturi inkluża sala waħda għall-ħżin, mitħna, żewġ impjanti ta' konfezzjoni u infrastruttura mobbli relatata mat-trattament xieraq tal-annimali) li għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' katina agroalimentari sostenibbli fir-Reġjun kollu ta' Walloon.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta' referenza għas-sejħiet għall-proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejjin: (i) l-attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream; (ii) l-attivitajiet relatati mal-miżbliet tal-iskart, l-inċineraturi u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[15]; u (iii) l-attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

<u>L-investiment I-5.13: "Id-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-turiżmu ta' Walloon" tar-Reġjun ta' Walloon</u>

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa biex l-industrija tat-turiżmu fir-Reġjun ta' Walloon ssir aktar reżiljenti. Il-proġett għandu jiffoka fuq id-diġitalizzazzjoni tas-settur, billi jimplimenta azzjonijiet biex tiżdied il-preżenza online ta' operaturi turistiċi (SMEs, persuni li jaħdmu għal rashom, u assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ) u l-indipendenza tagħhom minn pjattaformi ta' partijiet terzi.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

<u>Ir-riforma R-5.06: "L-ottimizzazzjoni tal-proċeduri: Proċeduri aktar rapidi ta' permessi u ta' appelli" tar-Reġjun Fjamming</u>

Din ir-riforma għandha l-għan li tissimplifika l-proċeduri tal-permessi ambjentali, inkluż billi tintroduċi kundizzjonijiet dwar il-possibbiltà li jiġu appellati d-deċiżjonijiet. Dan għandu jikkonsisti f'rieżami tar-regolament eżistenti, bl-għan li jitnaqqas iż-żmien meħtieġ biex jiġi pproċessat każ u biex tingħata ċertezza legali akbar. Fi tmiem ir-rieżami għandu jiġi ppubblikat rapport li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn miżuri l-ġodda u dawk rieżaminati.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

<u>Ir-riforma R-5.07: "It-twessigħ tal-bażi tal-innovazzjoni" tar-Reġjun Fjamming</u>

Din ir-riforma għandha l-għan li tiżgura li l-istrumenti eżistenti ma jpoġġux restrizzjonijiet fuq l-aċċess mill-SMEs għas-sussidji għall-innovazzjoni. Dan għandu jikkonsisti f'rieżami tal-istrumenti eżistenti mmirati biex jistimulaw l-innovazzjoni li tkun aktar faċilment aċċessibbli u adattata għall-ħtiġijiet tal-SMEs. Fi tmiem ir-rieżami għandu jiġi ppubblikat rapport li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn miżuri l-ġodda u dawk rieżaminati.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

[15] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew għall-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-bijoskart kompost u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

O.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
178	Mediċina nukleari (I-5.08)	Stadju importanti	L-attivitajiet kollha tar-RuŻ fil-mediċina nukleari ġew iffinalizzati.	Ippubblikat rapport ta' evalwazzjoni komprensiva.				Q2	2023	Il-pubblikazzjoni ta' rapport ta' evalwazzjoni komprensiv dwar ir-riżultati u l-konklużjonijiet tal-istudju għat-tliet sottoproġetti tar-RuŻ inklużi fil-miżura.
179	Mediċina nukleari (I-5.08)	Stadju importanti	Ġiet ikkummissjonata u mibnija faċilità tal-isotopi radjuattivi (FANC u FAGG)	Faċilità mibnija u operattiva.				Q2	2025	Il-faċilità tal-isotopi radjuattivi 177LU nbniet u hija operattiva, wara li kisbet il-liċenzji kollha meħtieġa mill-Agence Fédérale de Contrôle Nucléaire (FANC) u l-Aġenzija Federali għall-Mediċini u l-Prodotti tas-Saħħa (FAGG), u f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli kollha, f'livell federali u Fjamming, li hija relatata mad-Direttiva 2011/92.
180	Mediċina nukleari (I-5.08)	Stadju importanti	Il-pakkett teknoloġiku ġie finalizzat	Ir-rapport ta' fattibbiltà li jiddeskrivi l-pakkett teknoloġiku meħtieġ għall-investituri biex jipproċedu				Q4	2024	Ir-rapport ta' fattibbiltà li jiddeskrivi l-pakkett teknoloġiku meħtieġ għall-investituri biex jipproċedu għall-produzzjoni fuq skala kbira tat-225Ac mit-226Ra ġie ppubblikat Ir-rapport għandu jinkludi l-elementi li ġejjin: 1) L-installazzjoni operattiva ta' ċellola tar-radjuattività f'SCK CEN għall-ġestjoni ta' sorsi tat-226Ra 2) Id-disinn ta' konvertitur tal-elettroni għall-gamma li għandu jinbena għall-produzzjoni fuq skala kbira

				għall-produzzjoni fuq skala kbira tat-225Ac mit-226Ra ġie ppubblikat						3) Id-disinn tal-modulu għall-miri u għall-irradjazzjoni li għandu jinbena għall-produzzjoni fuq skala kbira 4) Metodu ta' separazzjoni radjukimika fuq skala sħiħa u proċess ta' riċiklaġġ għat-226Ra - lest għal implimentazzjoni fuq skala kbira 5) Id-disinn kunċettwali tal-faċilità ta' produzzjoni tat-225Ac 6) Pjan direzzjonali dwar il-liċenzjar ta' bini li jittratta r-radjuattività (FANC) u dwar il-liċenzjar tal-GMP (FAGG)
181	RuŻ: Sejħa għal appoġġ għas-setturi ajrunawtiċi u spazjali (I-5.09)	Stadju importanti	Tnedija tas-sejħa għal proposti għal proġetti ajrunawtiċi u spazjali	Il-pubblikazzjoni ta' avviż għal sejħa għal proposti				Q1	2022	It-tnedija tas-sejħa għal proposti taħt l-iskemi għal avjazzjoni nadifa u tas-settur spazjali, b'termini ta' referenza li jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) li tiżgura li r-RuŻ ikunu mmirati li jtejbu t-teknoloġija li tkun l-aħjar fil-klassi tagħha Il-proġetti magħżula taħt l-iskema spazjali għandhom jiffukaw fuq ir-RuŻ li jkunu relatati mal-aspett diġitali u għalhekk għandhom ikunu eliġibbli taħt il-qasam ta' intervent 009bis tal-Anness 7 tar-Regolament tal-UE 241/2021.
182	RuŻ: Sejħa għal appoġġ għas-setturi ajrunawtiċi u spazjali (I-5.09)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal proġetti ajrunawtiċi u spazjali	In-notifika tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal proġetti ajrunawtiċi u spazjali				Q3	2022	In-notifika tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi kollha mis-Segretarju Federali tal-Istat responsabbli mill-politika xjentifika ta' mill-inqas 10 proġetti wara sejħa għal proposti taħt l-iskemi għal avjazzjoni nadifa u tas-settur spazjali, b'termini ta' referenza li jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) li tiżgura li r-RuŻ ikunu mmirati li jtejbu t-teknoloġija li tkun l-aħjar fil-klassi tagħha. Il-proġetti magħżula taħt l-iskema spazjali għandhom jiffukaw fuq ir-RuŻ li jkunu relatati mal-aspett diġitali u għalhekk għandhom ikunu eliġibbli taħt il-qasam ta' intervent 009bis tal-Anness 7 tar-Regolament tal-UE 241/2021.

183	RuŻ: Sejħa għal appoġġ għas-setturi ajrunawtiċi u spazjali (I-5.09)	Mira	It-tlestija ta' proġetti ajrunawtiċi u spazjali		Proġetti	0	10	Q3	2026	Twettqu 10 proġett li ġew innotifikati għall-għoti wara s-sejħa għall-proposti kemm għall-iskemi għal avjazzjoni nadifa kif ukoll għas-settur spazjali.
184	RuŻ: Tnaqqis tal-iskart waqt id-dekostruzzjoni (I-5.10)	Stadju importanti	Għoti ta' kuntratt pubbliku għall-kostruzzjoni ta' faċilità għat-Trattament tal-Materjal (MaT)	Notifika bil-miktub tal-għoti ta' kuntratt pubbliku għall-kostruzzjoni ta' faċilità għat-Trattament tal-Materjal (MaT)				Q4	2023	Notifika tal-għoti tal-kuntratt mill-Ministru Federali tal-Ekonomija u x-Xogħol għall-kostruzzjoni ta' faċilità għat-Trattament tal-Materjal (MaT), li hija meħtieġa biex jitwettqu testijiet għal inattività u dimostrazzjonijiet tat-teknoloġiji li għandhom jiġu żviluppati għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u r-rimi finali ta' skart mhux nukleari mill-operazzjonijiet ta' dekummissjonar tal-impjanti nukleari; għandhom jinkisbu l-permessi meħtieġa għall-bini u l-liċenzja mill-Agence fédérale de Contrôle nucléaire (FANC). Il-bini għandu jkun konformi mal-leġiżlazzjoni applikabbli kollha, f'livell Federali u Fjamming, li hija relatata mad-Direttiva 2011/92
185	RuŻ: Tnaqqis tal-iskart waqt id-dekostruzzjoni (I-5.10)	Stadju importanti	Mibnija u kkummissjonata faċilità għat-Trattament tal-Materjal (MaT); ġie ffinalizzat il-proċess ta'	Faċilità għat-Trattament tal-Materjal (MaT) operattiva				Q2	2026	Il-Faċilità għat-Trattament tal-Materjal (MaT), li hija meħtieġa biex jitwettqu testijiet għal inattività (cold tests) u dimostrazzjonijiet tat-teknoloġiji li għandhom jiġu żviluppati għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u r-rimi finali ta' skart mhux nukleari mill-operazzjonijiet tad-dekummissjonar tal-impjanti nukleari, ġiet mibnija u hija mgħammra u operazzjonali, wara li tlesta l-proċess tal-għażla tal-infrastrutturi u t-tagħmir meħtieġa. Għandu jiġi ffinalizzat il-proċess ta' investigazzjoni tas-sit (desk top study) permezz tal-proġett għad-dekummissjonar komplet

			investigazzjoni tas-sit (desk top study)							(iċ-ċiklu tal-ħajja kollu) ta' komponent partikolari (bħall-ġeneratur tal-fwar) tal-impjanti tal-enerġija nukleari Belġjani.
186	It-tisħiħ tar-RuŻ (I-5.11)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti pubbliċi għar-RuŻ u proġetti infrastruttura li	Notifika tal-għoti ta' proġetti				Q4	2022	Notifika, mill-"Fonds Wetenschappelijk Onderzoek" (FWO), il-VLAIO u d-"Departement Economie, Wetenschap en Innovatie" (EWI), tal-għoti ta' 220 proġett lill-applikanti li rnexxew wara s-sejħa għall-proposti, bit-termini ta' referenza jkunu jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) bl-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Għall-proġetti mogħtija permezz ta' skemi ta' għotjiet li ma jsegwux is-sejħiet għall-proġetti, il-konformità mal-linji gwida tekniċi "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) hija infurzata wkoll permezz ta' kriterju ta' eliġibbiltà bbażat fuq l-istess lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
187	It-tisħiħ tar-RuŻ (I-5.11)	Mira	It-tlestija tal-proġetti tar-RuŻ u ta' infrastruttura li ngħataw		Proġetti	0	220	Q2	2026	Tlestew 220 proġett wara s-sejħa għall-proposti, bl-eżekuzzjoni ta' EUR 252 000 000.
188	Ir-rilokazzjoni tal-ikel u l-iżvilupp ta' pjattaform	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti pubbliċi għall-bini ta' infrastruttura għas-settur tal-ikel	Notifika bil-miktub tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi għall-bini ta' infrastruttura				Q4	2022	Notifika, mill-Ministru tal-Ambjent ta' Walloon, tal-għoti lill-applikanti li rnexxew wara s-sejħa għal proposti għall-bini ta' 30 infrastruttura fuq skala żgħira u erba' proġetti ta' strutturar akbar (wieħed għal kull settur: tal-frott, tal-ħaxix, taċ-ċereali, tal-proteini veġetali), kif ukoll ħames infrastrutturi, u tliet ċentri loġistiċi mill-Ministru tal-Ekonomija Soċjali ta' Walloon, b'termini ta' referenza li jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li

	i loġistiċi (I-5.12)			għas-settur tal-ikel						jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) bl-użu ta’ lista ta’ esklużjoni u r-rekwiżit ta’ konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
189	Ir-rilokazzjoni tal-ikel u l-iżvilupp ta’ pjattaformi loġistiċi (I-5.12)	Mira	Appoġġ għal 30 proġett ta’ rilokazzjoni tal-ikel u erba’ setturi emerġenti		Proġetti	0	34	Q4	2024	L-għoti ta’ sussidji lil 30 infrastruttura fuq skala żgħira u lil erba’ proġetti ta’ strutturar akbar (wieħed għal kull settur: tal-frott, tal-ħaxix, taċ-ċereali, tal-proteini veġetali) fil-kuntest tal-programm Alliance Emploi-Environnement pour l'Alimentation għal proġetti nnotifikati bl-għoti fuq il-bażi ta’ sejħa għal proġetti.
190	Ir-rilokazzjoni tal-ikel u l-iżvilupp ta’ pjattaformi loġistiċi (I-5.12)	Mira	Tlesta l-bini ta’ tliet ċentri loġistiċi għal superfiċje totali ta’ mill-inqas 8 000 metru kwadru		Ċentri	0	3	Q4	2024	Tlesta l-bini u t-tagħmir ta’ tliet ċentri loġistiċi, iddedikati għall-attivitajiet tal-bejjiegħa bl-ingrossa, l-ipproċessar tal-ikel ta’ prodotti primarji u s-servizzi tal-inkubaturi għall-kooperattivi, għal superfiċje totali ta’ 8 000 metru kwadru.
191	Ir-rilokazzjoni tal-ikel u l-iżvilupp ta’ pjattaformi loġistiċi (I-5.12)	Mira	Tlesta l-bini ta’ mill-inqas ħames infrastrutturi		L-infrastruttura	0	5	Q4	2025	Tlesta l-bini ta’ mill-inqas ħames infrastrutturi inklużi sala waħda għall-ħżin, mitħna, żewġ impjanti ta’ konfezzjoni u infrastruttura mobbli relatata mat-trattament xieraq tal-annimali.

192	Id-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-turiżmu ta' Walloon (I-5.13)	Mira	L-għadd ta' utenti attivi tal-"outil regional de commercialisation"		Utenti attivi	392	1500	Q4	2025	1 500 operatur turistiku huma utenti attivi tal-"outil regional de commercialisation" Utent attiv huwa definit bħala utent jew operatur tat-turiżmu li juża l-"outil regional de commercialisation" (ORC) direttament bħala għodda ta' prenotazzjoni online jew għodda tal-cash registers, jew li l-għodda ta' prenotazzjoni online tiegħu tkun direttament marbuta mal-ORC.
193	Riforma - Permessaktar mgħaġġel u proċeduri ta' appell (R-5.06)	Stadju importanti	Riforma tal-permess ambjentali u l-proċeduri ta' appell	Il-pubblikazzjoni ta' rapport u tad-deċiżjonijiet tal-gvern.				Q4	2022	Il-pubblikazzjoni ta' rapport approvat mill-Ministru Fjamming għall-Ġustizzja u l-Infurzar, l-Ambjent, l-Enerġija u t-Turiżmu, li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri ġodda u rieżaminati li jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi relatati mal-proċeduri tal-permessi ambjentali u d-deċiżjonijiet tal-gvern.
194	Riforma - It-twessigħ tal-bażi tal-innovazzjoni (R-5.07)	Stadju importanti	Riforma tar-regolament għall-appoġġ għall-innovazzjoni	Il-pubblikazzjoni ta' rapport u tad-deċiżjonijiet relatati tal-gvern.				Q4	2022	Il-pubblikazzjoni ta' rapport approvat mill-Ministru Fjamming tal-Ekonomija, l-Innovazzjoni, ix-Xogħol, l-Ekonomija Soċjali u l-Agrikoltura li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn miżuri ġodda u rieżaminati biex jittejjeb l-aċċess tal-SMEs għall-miżuri ta' appoġġ għall-innovazzjoni, u d-deċiżjonijiet tal-gvern relatati.

P. KOMPONENT 5.3: EKONOMIJA ĊIRKOLARI

Il-miżuri taħt dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom l-għan, b'mod ġenerali, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' ekonomija ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. B'mod partikolari, huma għandhom l-għan li jiżviluppaw ir-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid u s-simbjożi industrijali. Minbarra l-promozzjoni ta' ċerti prattiki, l-għan huwa li tiġi appoġġata l-innovazzjoni fl-ipproċessar tal-iskart u tar-riżorsi, u li jiġi żviluppat taħriġ f'ċerti oqsma tal-ekonomija ċirkolari.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019, li tistieden lill-Belġju biex jiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq, fost l-oħrajn, it-tranżizzjoni lejn livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju u t-tranżizzjoni tal-enerġija u r-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020 li tistieden lill-Belġju biex jiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni nadifa u effiċjenti, l-ekonomija ċirkolari u r-riċerka u l-innovazzjoni.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

P.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-5.08 "L-istrateġija reġjonali ta' Brussell għat-tranżizzjoni ekonomika" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

L-għan ta' din ir-riforma huwa li titfassal strateġija reġjonali għal tranżizzjoni ekonomika billi jiġu mobilizzati l-istrumenti kollha tal-politika ekonomika reġjonali, billi jkun hemm koordinazzjoni u kooperazzjoni aħjar bejn l-atturi pubbliċi, kif ukoll il-parteċipazzjoni attiva tas-settur privat. L-għanijiet operattivi tagħha għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati ta' 10 grupp ta' ħidma.

L-istrateġija reġjonali għat-tranżizzjoni ekonomika għandha tistabbilixxi miri għall-2030 u pjan ta' azzjoni għal ħames snin. Hija għandha tiġi adottata b'Deċiżjoni tal-Gvern tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali sal-31 ta' Marzu 2022.

Ir-riforma R-5.09 "Il-governanza tal-Flanders ċirkolari" tar-Reġjun Fjamming

Il-Flanders Ċirkolari hija pjattaforma ċentrali fil-Flanders li għandha l-għan li tiffaċilita t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari f'kooperazzjoni mas-sħab industrijali, l-istituzzjonijiet tal-għarfien, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-banek u s-soċjetà ċivili. Din ir-riforma għandha ttejjeb u tespandi b'mod sinifikanti l-governanza ta' din il-pjattaforma. F'dan il-qafas, is-sħubijiet pubbliċi privati għandhom jiffukaw fuq it-taħlita ta' aġendi ta' ħidma tematiċi, bħall-kostruzzjoni ċirkolari, il-kimika/il-plastik, ktajjen oħra ta' prodotti fl-industrija tal-manifattura, il-bijoekonomija u l-katina alimentari, u għadd ta' mezzi ta' pressjoni strateġiċi (il-finanzjament, l-innovazzjoni, il-provvista ċirkolari, ir-riċerka, is-sensibilizzazzjoni).

It-testi tal-pjan direzzjonali u l-aġendi ta' ħidma huma mistennija jaslu sal-31 ta' Diċembru 2021.

L-investiment I-5.14 "Iċ-ċentru tar-riċiklaġġ" tar-Reġjun Fjamming

Il-miżura taċ-ċentru tar-riċiklaġġ tal-Flanders għandha l-għan li twettaq mill-inqas sitt investimenti importanti f'faċilitajiet ġodda ta' riċiklaġġ. L-enfasi hija fuq ir-rabtiet neqsin f'għadd ta' ktajjen tal-valur li jippermettu l-produzzjoni ċirkolari lokali, bħar-riċiklaġġ tal-

ħrieqi, tas-saqqijiet, u tat-tessuti. Lqed jintalbu wkoll investimenti fis-settur tal-plastik u tal-kimika.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta' referenza għas-sejħiet għall-proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejjin: (i) l-attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream; (ii) l-attivitajiet relatati mal-miżbliet tal-iskart, l-inċineraturi[16] u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[17]; u (iii) l-attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Il-miżura tnediet fir-raba' trimestru tal-2020. L-għoti tal-kuntratti għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2022. Il-proġetti għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-5.15 "Il-Belġju jibni ekonomija ċirkolari" tal-Istat Federali

Dan l-investiment għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari fil-Belġju. Hemm tliet objettivi:

- L-evitar tal-frammentazzjoni tas-suq jew tal-politika u l-promozzjoni ta' approċċ integrat permezz tal-ħolqien ta' koalizzjoni ċirkolari b'enfasi speċifika fuq il-kompetenzi federali għall-ekonomija ċirkolari u l-koordinazzjoni tal-kompetenzi federali mal-kompetenzi lokali u reġjonali, bħad-disinn ċirkolari għall-iskarsezza, l-użu mill-ġdid, it-tiswija u r-riċiklaġġ, is-sikurezza kimika, il-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tal-kontenut riċiklat;
- Il-finanzjament ta' total ta' 10 proġetti ċirkolari fl-industrija u fiċ-ċentri tar-riċerka biex jaċċelleraw it-tranżizzjoni u fil-prattika jespanduha, filwaqt li jkollhom fil-mira b'mod partikolari proġetti dwar is-sostituzzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluż u proġetti dwar l-ekodisinn;
- Is-sensibilizzazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni lill-SMEs permezz ta' kampanji mmirati, sit web u l-ħolqien ta' għodda ta' awtovalutazzjoni għall-SMEs.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta' referenza għas-sejħa li ġejja għall-proġetti ċirkolari għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejjin: (i) l-attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream; (ii) l-attivitajiet taħt is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet li jkollhom emissjonijiet ta' gassijiet serra li ma jkunx mistenni li jkunu inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[18]; (iii) l-attivitajiet relatati ma'

[16] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell ta' impjant.

[17] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew għall-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-bijoskart kompost u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[18] Meta l-attività appoġġata jkollha emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas tal-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

miżbliet tal-iskart, inċineraturi[19] u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[20]; u (iv) l-attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Il-koalizzjoni ċirkolari għandha tinħoloq sal-31 ta' Diċembru 2021 u l-proġetti għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-5.16 "It-tnedija tal-ekonomija ċirkolari" fir-Reġjun ta' Walloon

Bil-għan li tiġi mnedija l-ekonomija ċirkolari ta' Walloon, l-investimenti li ġejjin għandhom jiġu implimentati permezz ta' sejħiet għal proposti għal:

- riċerka u żvilupp permezz tal-ħolqien ta' sħubijiet għall-innovazzjoni f'żewġ katini ta' valur prijoritarji, jiġifieri l-metall u l-materjal tal-kostruzzjoni. Il-proġetti għandhom jiffukaw fuq iċ-ċirkolarità (l-użu mill-ġdid, it-tkabbir u r-riċiklaġġ) tal-metalli, il-batteriji u l-minerali;
- il-proġetti li jippermettu l-organizzazzjoni u t-titjib tal-ekodisinn, l-ekoinnovazzjoni u l-ġbir selettiv/is-separazzjoni tal-flussi tal-materjali sabiex jiġi żgurat l-użu mill-ġdid, tiġi promossa t-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ u jiġu żviluppati attivitajiet ġodda fil-qasam tal-ekonomija kollaborattiva u tal-funzjonalità;
- ir-riċiklaġġ tal-inġenji tal-ajru fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom u l-iżvilupp ta' inizjattivi ekonomiċi oħra fir-reġjun bħal kumpaniji li jipproduċu tagħmir minn materjali riċiklati li joriġinaw minn inġenji tal-ajru żarmati, ir-riallokazzjoni industrijali u t-taħriġ mill-ġdid relatat professjonali.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta' referenza għal sejħiet futuri għal proġetti taħt is-sottomiżuri msemmija hawn fuq għandhom jinkludu l-kriterju ta' eliġibbiltà li jeskludi l-attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream u (ii) l-attivitajiet taħt l-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet li jkollhom l-emissjonijiet proġettati tal-gassijiet serra li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[21]; (iii) l-attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Il-miżura tnediet fl-ewwel trimestru tal-2021 u għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-investiment I-5.17 "L-ekonomija ċirkolari u l-kostruzzjoni ċirkolari" tar-Reġjun Fjamming

[19] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell ta' impjant.

[20] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew għall-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-bijoskart kompost u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[21] Meta l-attività appoġġata jkollha emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

Dan l-investiment għandu l-għan li jixpruna l-espansjoni u l-integrazzjoni tal-kunċett tal-ekonomija ċirkolari, b'enfasi fuq il-promozzjoni tar-riċerka fuq skala industrijali, il-proġetti ta' innovazzjoni ma' kumpaniji industrijali li jippermettu impatt sistemiku u jappoġġaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' mudelli ta' negozju ċirkolari, il-proġetti pilota u ta' dimostrazzjoni u li jħeġġu lill-SMEs biex jesploraw kif jagħmlu l-mudell tan-negozju u l-proċessi tan-negozju tagħhom ċirkolari.

L-investiment għandu jiġi implimentat permezz ta' sejħiet għal proposti għal proġetti innovattivi dwar il-kostruzzjoni ċirkolari, għal proġetti li jwasslu għarfien dwar il-manifattura ċirkolari u għal proġetti li jistabbilixxu laboratorji ħajjin kollettivi. Barra minn hekk, għandha tiġi implimentata skema ta' sussidju għall-SMEs għall-akkwist ta' għarfien espert (estern jew intern) dwar iċ-ċirkolarità.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta' referenza għas-sejħiet għall-proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejjin: (i) l-attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream; (ii) l-attivitajiet taħt is-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet li jkollhom emissjonijiet ta' gassijiet serra li ma jkunx mistenni li jkunu inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[22]; (iii) l-attivitajiet relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi[23] u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[24]; u (iv) l-attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Din il-miżura għandha tibda mill-1 ta' Marzu 2021 u tkompli sat-30 ta' Ġunju 2026.

P.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

[22] Meta l-attività appoġġata jkollha emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas tal-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[23] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell ta' impjant.

[24] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew għall-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-bijoskart kompost u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
195	Strateġija Reġjonali ta' Brussell għat-Tranżizzjoni Ekonomika (R-5.08)	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Istrateġija Reġjonali għat-Tranżizzjoni Ekonomika	Id-deċiżjoni tal-Gvern tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali li tindika l-adozzjoni tal-istrateġija				Q1	2022	L-istrateġija tar-Reġjun ta' Brussell għat-tranżizzjoni ekonomika adottata mill-gvern tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali (*Décision du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale*), li tiddefinixxi l-objettivi għall-2030, fuq il-bażi tal-koordinazzjoni bejn l-atturi pubbliċi u l-parteċipazzjoni attiva tas-settur privat, inkluż pjan ta' azzjoni ta' ħames snin li jkopri oqsma prijoritarji għall-azzjoni, li jistabbilixxi pakkett koerenti ta' inċentivi pubbliċi għall-innovazzjoni u li jkun favur l-intraprenditorija għat-tranżizzjoni ekoloġika.
196	Il-governanza tal-Flanders ċirkolari (R-5.09)	Stadju importanti	It-tnedija tal-grupp ta' tmexxija tal-Flanders ċirkolari	Maħtur il-grupp ta' tmexxija għall-governanza tal-Flanders ċirkolari u adottati l-pjan direzzjonali u l-Aġendi ta' Ħidma				Q4	2021	Maħtur il-grupp ta' tmexxija għall-governanza tal-Flanders ċirkolari u adottati pjan direzzjonali u aġendi ta' ħidma biex jiggwidaw il-proġetti tal-ekonomija ċirkolari u l-iżvilupp ta' mezzi ta' pressjoni strateġiċi
197	Iċ-ċentru tar-riċiklaġġ (I-5.14)	Mira	L-għoti ta' sitt kuntratti pubbliċi għall-faċilitajiet ta' riċiklaġġ		Faċilitajiet	0	6	Q4	2022	Sitt proġetti ta' investiment għall-faċilitajiet ta' riċiklaġġ intgħażlu għall-appoġġ. Ġurija għandha tagħmel valutazzjoni tal-proġetti, l-għażla finali għandha tiġi kkonfermata mill-Ministru Fjamming għall-Ambjent. L-għoti tal-kuntratti għall-proġetti magħżula skont is-sejħa kompetittiva għal proposti b'termini ta' referenza li jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti

										magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), bl-użu ta’ lista ta’ esklużjoni u r-rekwiżit ta’ konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
198	Iċ-ċentru tar-riċiklaġġ (I-5.14)	Mira	Tlestija ta’ xogħlijiet f’sitt faċilitajiet ta’ riċiklaġġ		Faċilitajiet	0	6	Q2	2026	Sitt faċilitajiet ta’ riċiklaġġ mibnija, adattati jew estiżi għal proċessi mtejba ta’ riċiklaġġ.
199	Il-Belgium jibni ekonomija ċirkolari (I-5.15)	Stadju importanti	L-għoti ta’ kuntratti pubbliċi għal proġetti ċirkolari	In-notifika ta’ għoti ta’ kuntratti pubbliċi lill-applikanti li rnexxew				Q1	2024	Segretarjat operazzjonali kkuntrattat u li l-funzjoni tiegħu hija li jrawwem kollaborazzjoni f’azzjonijiet tal-ekonomija ċirkolari u jagħżel l-applikanti li rnexxew wara sejħa għal proposti għal għaxar proġetti ċirkolari. Il-kandidati għandhom ikunu kumpaniji privati li jeħtieġu finanzjament għall-implimentazzjoni ta’ proġett ta’ riċerka jew proġett operattiv fl-ekodisinn jew fis-sostituzzjoni kimika. L-applikant għandu jitqies li huwa magħżul meta l-proġett ta’ investiment tiegħu jkun uffiċjalment magħżul biex jiġi ffinanzjat mill-koalizzjoni. In-notifika tal-għoti ta’ kuntratti pubbliċi għall-proġetti magħżula skont is-sejħa kompetittiva għal proposti b’termini ta’ referenza li jinkludu l-kriterji ta’ eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), bl-użu ta’ lista ta’ esklużjoni u r-rekwiżit ta’ konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
200	Il-Belgium jibni	Stadju importanti	It-tlestija ta’ azzjonijiet ta’	Ir-rapporti li jistabbilixxu l-				Q2	2026	Tlestew mill-inqas tliet azzjonijiet ta’ sensibilizzazzjoni u ta’ informazzjoni għall-SMEs (kampanji annwali ta’

	ekonomija ċirkolari (I-5.15)		sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni għall-SMEs, u għall-proġetti ċirkolari	impatt tal-kampanji, ir-rapporti dwar it-tlestija ta' proġetti ċirkolari						sensibilizzazzjoni (fuq tliet snin), sit web u għodda (waħda) ta' awtovalutazzjoni) dwar aspetti tal-ekonomija ċirkolari u mill-inqas disa' proġetti ċirkolari
201	It-tnedija ta' ekonomija ċirkolari fil-Wallonia (I-5.16)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal proġetti li jippromwovu l-ekonomija ċirkolari fil-Wallonia	In-notifika ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi lill-applikanti li rnexxew				Q2	2022	L-għażla tal-applikanti li rnexxew wara tliet sejħiet għal proposti għal proġetti dwar ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' metalli, batteriji u minerali, dwar l-iżvilupp ta' ekonomija kollaborattiva biex jiġi limitat l-użu tar-riżorsi u dwar l-iżvilupp ta' katina tal-valur u azzjonijiet ta' taħriġ marbuta mar-riċiklaġġ tal-ajruplani. Is-sejħiet għal proposti għandu jkollhom termini ta' referenza li jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), bl-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
202	It-tnedija ta' ekonomija ċirkolari fil-Wallonia (I-5.16)	Mira	It-tlestija ta' proġetti li jippromwovu l-ekonomija ċirkolari fil-Wallonia		Proġetti	0	80	Q2	2026	Tlestew mill-inqas 80 proġett dwar ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' metalli, batteriji u minerali, dwar l-iżvilupp ta' ekonomija kollaborattiva biex jiġi limitat l-użu tar-riżorsi u dwar l-iżvilupp ta' katina tal-valur u azzjonijiet ta' taħriġ marbuta mar-riċiklaġġ tal-ajruplani.
203	Il-Flanders - l-ekonomija ċirkolari u l-kostruzzjoni ċirkolari (I-5.17)	Stadju importanti	It-tnedija ta' sejħiet għal proġetti dwar il-kostruzzjoni ċirkolari, għat-tixrid tal-għarfien dwar il-manifattura ċirkolari u għall-istabbiliment ta' laboratorji ħajjin kollettivi	It-tnedija tas-sejħa għal proposti				Q4	2022	It-tnedija ta' sejħiet għal proġetti innovattivi dwar il-kostruzzjoni ċirkolari, għal proġetti li jwasslu għarfien dwar il-manifattura ċirkolari u għal proġetti li jistabbilixxu laboratorji ħajjin kollettivi minn kumpaniji privati. Is-sejħiet għal proposti għandu jkollhom termini ta' referenza li jinkludu l-kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), bl-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-

										UE u nazzjonali.
204	Il-Flanders - l-ekonomija ċirkolari u l-kostruzzjoni ċirkolari (I-5.17)	Stadju importanti	Tlestew l-proġetti dwar il-kostruzzjoni ċirkolari, għat-tixrid tal-għarfien dwar il-manifattura ċirkolari u għall-istabbiliment ta' laboratorji ħajjin kollettivi					Q2	2026	Tlestew mill-inqas 100 proġett dwar il-kostruzzjoni ċirkolari, għat-tixrid tal-għarfien dwar il-manifattura ċirkolari, għall-akkwist ta' għarfien espert (estern jew intern) dwar iċ-ċirkolarità, u għall-istabbiliment ta' laboratorji ħajjin kollettivi minn kumpaniji privati, u mill-inqas 500 kumpanija (SMEs) u organizzazzjoni bbenefikaw mis-sussidji bħala benefiċjarji diretti tas-sussidju jew bħala parteċipanti fi proġetti kollettivi

Q. KOMPONENT 6.1: REVIŻJONI TAL-INFIQ

Dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa magħmul minn miżuri ċċentrati fuq it-twettiq ta' reviżjoni tal-infiq f'livelli differenti ta' gvernijiet. L-objettiv ġenerali huwa li jittejbu l-kwalità u l-kompożizzjoni tal-infiq pubbliku.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019 biex titjieb il-kompożizzjoni u l-effiċjenza tal-infiq pubbliku.

Q.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-6 "Reviżjoni tal-infiq"

L-objettiv tar-riforma huwa li f'livelli differenti tal-gvern jiġu introdotti reviżjonijiet tal-infiq. L-implimentazzjoni tar-riformi għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024. Din il-miżura tinkludi l-ħames sottomiżuri li ġejjin:

- Ir-riforma R-6.01 "Reviżjoni tal-infiq" tal-Istat Federali
- Ir-riforma R-6.02 "Reviżjoni tal-infiq - Reviżjoni Fjamminga ġenerali u n-norma tal-infiq" tal-Fjandri
- Ir-riforma R-6.03 "Reviżjoni tal-infiq - Baġit fuq il-bażi żero" tar-Reġjun ta' Walloon
- Ir-riforma R-6.04 "Rieżami tal-infiq" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali
- Ir-riforma R-6.05 "Reviżjoni tal-infiq" tal-Komunità Franċiża

Ir-riforma R-6.01 "Reviżjoni tal-infiq" tal-Istat Federali

Il-miżura ta' riforma għandha l-għan li twettaq reviżjoni tal-infiq b'mod strutturali fil-livell federali u fis-settur tas-sigurtà soċjali. Bħala parti mill-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali tal-Kummissjoni, l-OECD appoġġat it-tħejjija ta' reviżjoni tal-infiq. Fl-2019 u l-2020, hija pprovdiet assistenza teknika u rakkomandazzjonijiet biex tiġi implimentata b'mod effettiv ir-reviżjoni tal-infiq fil-proċess baġitarju tal-Belġju. F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-OECD, il-gvern federali ddeċieda li jniedi eżerċizzji pilota fil-bidu tal-2021 fi tliet oqsma ewlenin: in-nefqa fiskali, in-nefqa primarja u s-settur tas-sigurtà soċjali. Għal dan l-għan twaqqfu gruppi ta' ħidma u għandhom jippreżentaw ir-rapport tagħhom fid-dawl tat-tħejjija tal-baġit għall-2022. F'dan il-mument, il-gvern għandu jagħżel ġabra ġdida ta' suġġetti li għandhom jseħħu s-sena ta' wara. Wara l-eżerċizzju pilota għandha titwettaq evalwazzjoni tal-proċess (il-kumitat ta' tmexxija, it-termini ta' referenza, il-konfigurazzjoni tal-gruppi ta' ħidma) biex jiġi vvalutat jekk l-istruttura u ż-żmien ippjanati humiex ottimali jew jistgħux jittejbu. Bit-tlestija tal-proġetti pilota, fl-2022 il-gvern għandu jiddeċiedi kif ir-reviżjoni tal-infiq issir proċess rikorrenti u parti integrali mill-proċedura baġitarja.

Ir-riforma R-6.02 "Reviżjoni tal-infiq - Reviżjoni Fjamminga ġenerali u n-norma tal-infiq" tal-Fjandri

Il-miżura ta' riforma għandha l-għan li tipprijoritizza mill-ġdid l-infiq tal-gvern reġjonali tal-Flanders u tillimitah fejn ikun possibbli: minn naħa waħda, permezz tal-iżvilupp ta' norma tan-nefqa u, min-naħa l-oħra, permezz tal-hekk imsejjaħ "Vlaamse Brede Herovering (VBH)", li għandu l-għan li jankra strutturalment ir-reviżjoni tal-infiq fil-proċess baġitarju Fjamming fis-snin li ġejjin. In-norma tan-nefqa li għandha tiġi adottata fl-2022 għandha tiddefinixxi l-perkors ta' tkabbir massimu tan-nefqa tal-gvern, filwaqt li titqies ix-xejra fit-tkabbir tad-dħul u l-miri baġitarji stabbiliti. L-għan tal-programm VBH huwa li titwettaq evalwazzjoni dwar għaxar oqsma ta' politika sa nofs l-2021, li għandha sservi bħala bażi biex jiġi definit l-ambitu tar-reviżjoni tal-infiq. Il-miżura se tappoġġa r-reviżjoni tal-infiq fi 11-il qasam ta' politika minn Settembru 2021 sa Ottubru 2025.

Ir-riforma R-6.03 “Reviżjoni tal-infiq - Bażit fuq il-bażi żero” tar-Reġjun ta’ Walloon

Il-miżura ta’ riforma tikkonsisti minn eżerċizzju ta’ bbażitjar fuq il-bażi żero u minn reviżjoni tal-infiq li tkopri l-infiq u d-dħul kollu strutturati fuq il-bażi ta’ seba’ oqsma ta’ politika u li jkopru d-dipartimenti kollha tal-amministrazzjoni ta’ Walloon kif ukoll 170 unità tal-amministrazzjoni pubblika. L-approċċ ta’ bbażitjar fuq il-bażi żero, li jkun jeħtieġ ġustifikazzjoni sħiħa tal-infiq fuq bażi annwali, għandu jiffoka fuq l-infiq operattiv u tal-investiment, filwaqt li r-reviżjoni tal-infiq għandha tindirizza in-nefqiet ta’ intervent li jinvolvu t-trasferiment ta’ riżorsi pubbliċi lill-impriżi, lill-unitajiet domestiċi u lill-awtoritajiet lokali. L-eżerċizzju għandu jitwettaq f’erba’ perjodi minn Ottubru 2020 sa Ġunju 2022 bl-appoġġ ta’ konsulenti esterni. Mal-konklużjoni tal-eżerċizzju, il-gvern ta’ Walloon għandu jiddeċiedi kif ir-reviżjoni tal-infiq għandha tiġi integrata fil-proċess baġitarju b’mod permanenti.

Ir-riforma R-6.04 “Rieżami tal-infiq” tar-Reġjun ta’ Brussell-Kapitali

Il-miżura ta’ riforma tikkonsisti fit-twettiq u l-finalizzazzjoni ta’ żewġ reviżjonijiet pilota tal-infiq u l-integrazzjoni sussegwenti tar-reviżjoni tal-infiq fil-proċess baġitarju tar-reġjun ta’ Brussell. Bl-appoġġ tal-Programm ta’ Appoġġ għal Riformi Strutturali (Structural Reform Support Programme, SRSP), ir-reġjun ta’ Brussell beda żewġ proġetti pilota ta’ rieżami tal-infiq fl-oqsma tal-mobilità u tal-akkomodazzjoni soċjali. L-objettiv ewlieni tagħhom huwa li jsaħħu l-kapaċità fl-Amministrazzjoni (b’mod partikolari l-Amministrazzjoni tal-Finanzi u l-Baġit ta’ Brussell u l-Istitut ta’ Brussell għall-Istatistika u l-Analiżi) u li jitgħallmu mill-esperjenza meta l-għodda tiġi installata b’mod strutturali. Bis-saħħa wkoll tal-SRSP, il-gvern ta’ Brussell ibbenefika minn analiżi komprensiva tal-lakuni fis-sistema ta’ ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tiegħu bis-saħħa ta’ valutazzjoni dwar in-*Nefqa Pubblika u l-Obbligu ta’ Responsabbiltà Finanzjarja* (Public Expenditure and Financial Accountability, PEFA) li għandha tiġi konkluża f’Lulju 2021. Fuq il-bażi tal-esperjenzi fit-twettiq tar-reviżjonijiet pilota u fuq il-bażi tar-riżultati tal-analiżi tal-PEFA, il-gvern ta’ Brussell għandu jiddeċiedi dwar kif jintegra r-reviżjonijiet tal-infiq b’mod strutturali fil-proċess baġitarju.

Ir-riforma R-6.05 “Reviżjoni tal-infiq” tal-Komunità Franċiża

Il-miżura ta’ riforma tikkonsisti fit-twettiq ta’ reviżjonijiet pilota tal-infiq u l-integrazzjoni sussegwenti tar-reviżjonijiet tal-infiq fil-proċess baġitarju tal-Komunità li titkellem bil-Franċiż. L-ewwel ġabra ta’ rieżamijiet pilota ntgħażlet biex jiġi elaborat il-baġit tal-2022. Għandha ssegwi t-tieni ġabra u tiġi konkluża sa nofs l-2022. Fil-qafas tal-Istrument ta’ Appoġġ Tekniku tal-UE, il-Gvern tal-Komunità li titkellem bil-Franċiż għandu jibbenefika minn appoġġ tekniku biex jintegra r-reviżjoni tal-infiq fiċ-ċiklu baġitarju tiegħu li jippermetti lill-Gvern jiddeċiedi fit-tieni trimestru tal-2023 dwar kif għandu jintegra r-reviżjoni tal-infiq fiċ-ċiklu baġitarju.

Q.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta’ żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
205	Reviżjoni tal-infiq (R-6)	Stadju importanti	Rieżami pilota tal-infiq jew integrazzjoni fil-proċess baġitarju (1)	Tlestew il-proġetti pilota u r-rapporti assoċjati				Q4	2021	Għall-awtoritajiet federali, tar-Reġjun ta' Walloon u dak ta' Brussell-Kapitali: It-tlestija tar-rieżami pilota tal-infiq u l-abbozzar tar-rapport. Għall-awtoritajiet tar-Reġjun Fjamming: L-integrazzjoni tar-rieżami tal-infiq fil-proċess baġitarju (1): Deċiżjonijiet tal-gvern li jiddefinixxu kif ir-reviżjonijiet tal-infiq (jew xi approċċ simili) jkunu integrati fil-proċess baġitarju. Id-deċiżjonijiet jiddefinixxu l-istrateġija tar-rieżamijiet tal-infiq u kalendarju għal rieżamijiet futuri, li potenzjalment jinkludu miri kwantifikati. F'konformità mal-gwida tal-Grupp tal-Euro, jiżguraw, fost elementi oħra, kamp ta' applikazzjoni u tfassil ċari għar-rieżamijiet kif ukoll il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni trasparenti.
206	Reviżjoni tal-infiq (R-6)	Stadju importanti	L-integrazzjoni tar-rieżamijiet tal-infiq fil-proċess baġitarju (1) jew it-tlestija tal-proġetti pilota	Deċiżjoni tal-gvern				Q4	2022	Għall-awtoritajiet federali, tar-Reġjun ta' Walloon u dak ta' Brussell-Kapitali: L-integrazzjoni tar-rieżamijiet tal-infiq fil-proċess baġitarju (1): Deċiżjonijiet tal-gvern li jiddefinixxu kif ir-reviżjonijiet tal-infiq (jew xi approċċ simili) jkunu integrati fil-proċess baġitarju. Id-deċiżjonijiet jiddefinixxu l-istrateġija tar-rieżami tal-infiq u kalendarju għal rieżamijiet futuri, li potenzjalment jinkludu miri kwantifikati. F'konformità mal-gwida tal-Grupp tal-Euro, jiżguraw, fost elementi oħra, kamp ta' applikazzjoni u tfassil ċari tar-rieżamijiet kif ukoll il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni trasparenti. Għall-awtoritajiet tal-Komunità Franċiża: It-tlestija tar-rieżami pilota tal-infiq u r-redazzjoni

										tar-rapport.
207	Reviżjoni tal-infiq (R-6)	Stadju importanti	L-integrazzjoni tar-rieżami tal-infiq fil-proċess baġitarju (1) jew (2)	Deċiżjoni tal-gvern				Q4	2023	Għall-awtoritajiet tal-Komunità Franċiża: L-integrazzjoni tar-rieżamijiet tal-infiq fil-proċess baġitarju (1): Deċiżjonijiet tal-gvern li jiddefinixxu kif ir-reviżjonijiet tal-infiq (jew xi approċċ simili) jkunu integrati fil-proċess baġitarju. Id-deċiżjonijiet jiddefinixxu l-istrateġija tar-rieżami tal-infiq u kalendarju għal rieżamijiet futuri, li potenzjalment jinkludu miri kwantifikati. F'konformità mal-gwida tal-Grupp tal-Euro, jiżguraw, fost elementi oħra, kamp ta' applikazzjoni u tfassil ċari tar-rieżamijiet kif ukoll il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni trasparenti. Għall-awtoritajiet Federali, tar-Reġjun Fjamming, tar-Reġjun ta' Walloon, tar-Reġjun Brussell-Kapitali, u tal-Komunità Franċiża: L-integrazzjoni tar-rieżamijiet tal-infiq fil-proċess baġitarju (2): L-inklużjoni sistematika tal-eżitu tar-reviżjoni tal-infiq fl-ippjanar baġitarju annwali u pluriennali meta tibda titħejja l-liġi baġitarja għall-2024. Dan għandu jinkludi, fost l-oħrajn, il-kwantifikazzjoni *ex-post* tal-eżiti, inkluż l-iffrankar assoċjat mal-programm ta' rieżami tal-infiq.
208	Reviżjoni tal-infiq (R-6)	Stadju importanti	Analiżi *ex-post* tar-rieżami tal-infiq	Rapport ta' valutazzjoni				Q4	2024	Għall-awtoritajiet Federali, tar-Reġjun Fjamming, tar-Reġjun ta' Walloon, tar-Reġjun Brussell-Kapitali, u tal-Komunità Franċiża: Analiżi *ex-post* tar-rieżami tal-infiq: Il-pubblikazzjoni tar-rapport ta' valutazzjoni tar-reviżjoni tal-infiq.

R. Awditjar u kontroll

I.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Sistema ta' repożitorju għar-reġistrazzjoni u l-ħażna tad-*data* rilevanti kollha relatata mal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza - il-kisba tal-istadji importanti u l-miri, id-*data* dwar ir-riċevituri finali, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u s-sidien benefiċjarji - għandha tkun operattiva qabel ma tiġi ppreżentata l-ewwel talba għall-pagament. Il-Belġju għandu jippreżenta rapport tal-awditjar speċifiku qabel l-ewwel talba għall-pagament filwaqt li jikkonferma l-effettività tal-funzjonalitajiet tas-sistema ta' repożitorju.

Barra minn hekk, anki qabel ma jagħmel l-ewwel talba għal pagament permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Belġju se jiżgura li l-implimentazzjoni ta' arranġamenti ta' koordinazzjoni adegwati, inklużi kontroverifiki, għandha tiġi stabbilita fil-livell tal-korp ta' koordinazzjoni fil-livell interfederali li jippermetti li jiġi evitat finanzjament doppju mill-Faċilità u programmi oħra tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

I.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal stadji importanti)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
209	Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan	Stadju importanti	Is-sistema ta' repożitorju għall-Awditjar u l-Kontrolli: informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF	Rapport tal-awditjar li jikkonferma l-funzjonalitajiet tas-sistema ta' repożitorju				Qabel l-ewwel talba għall-ħlas	Qabel l-ewwel talba għall-ħlas	Għandha tkun stabbilita u operattiva sistema ta' repożitorju għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRF. Is-sistema għandha tinkludi, bħala minimu, il-funzjonalitajiet li ġejjin: (a) il-ġbir tad-*data* u l-monitoraġġ tal-istadji importanti u l-miri li ntlaħqu; (b) il-ġbir, il-ħżin u l-iżgurar ta' aċċess għad-*data* meħtieġa mill-Artikolu 22(2)(d) minn (i) sa (iii) tar-Regolament RRF.
210	Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan	Stadju importanti	Il-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-UE	L-implimentazzjoni tal-arranġamenti				Qabel l-ewwel talba għall-ħlas	Qabel l-ewwel talba għall-ħlas	L-implimentazzjoni ta' arranġamenti ta' koordinazzjoni adegwati, inklużi kontroverifiki, għandha tiġi stabbilita fil-livell tal-korp ta' koordinazzjoni fil-livell interfederali li jippermetti li jiġi evitat finanzjament doppju mill-Faċilità u programmi oħra tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

2. SPIŻA TOTALI STMATA TAL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

L-ispiża totali stmata tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Belġju hija ta' EUR 5 924 952 328.

TAQSIMA 2: APPOĠĠ FINANZJARJU

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja

Il-ħlasijiet parzjali msemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiġu organizzati kif ġej:

1.1. L-Ewwel Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
1	Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan	Stadju importanti	Is-sistema ta' repożitorju għall-Awditjar u l-Kontrolli: informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF
2	Kont tal-apprendiment (R-5.03)	Stadju importanti	Riforma federali li toħloq inċentivi għall-kumpaniji biex jipprovdu taħriġ
3	Pjattaforma reġjonali għall-iskambju tad-*data* (I-2.10)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratt pubbliku
4	Diġitalizzazzjoni tal-proċessi taċ-ċittadini u tan-negozji (I-2.11)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' pjattaformi diġitali ġodda
5	L-introduzzjoni tal-5G - Pjan nazzjonali għall-broadband fissa u mobbli (R-2.03)	Stadju importanti	Sett ta' Għodod ta' Konnettività tal-UE
6	Il-baġit ta' Mobiliteit (R-3.02)	Stadju importanti	L-adozzjoni tal-baġit għall-mobilità
7	Karozzi tal-kumpaniji b'emissjonijiet żero (R-3.03)	Stadju importanti	L-adozzjoni tal-liġi li tirriforma l-iskema tat-taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji
8	Gwida personalizzata fl-edukazzjoni obbligatorja (I-4.03)	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' qafas ta' digrieti ġdid li jistabbilixxi t-termini ta' intervent tas-sistema
9	Ir-riforma tal-appoġġ għall-persuni li qed ifittxu impjieg fil-Wallonia (R-5.05)	Stadju importanti	Ir-riforma tal-appoġġ għall-persuni li qed ifittxu impjieg fil-Wallonia
10	Diġitalizzazzjoni tal-SPF (I-2.05) (is-sottomiżura 1: it-trasformazzjoni diġitali tal-Ġustizzja)	Stadju importanti	Il-ġestjoni tal-proġett fis-seħħ għat-trasformazzjoni diġitali tal-ġustizzja wara l-adozzjoni ta' digriet
11	L-introduzzjoni tal-5G - Pjan	Stadju	Il-pubblikazzjoni tal-qafas leġiżlattiv għall-

	nazzjonali għall-broadband fissa u mobbli (R-2.03)	importanti	assenjar tal-ispettru 5G
12	L-inċentivazzjoni ta' trasport b'emissjonijiet żero - VLA (R-3.06)	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' qafas għat-tnedija ta' infrastruttura tal-iċċarġjar fir-Reġjun Fjamming
13	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - FED (I-3.18)	Stadju importanti	L-adozzjoni tal-inċentiv fiskali biex jiġu installati punti tal-iċċarġjar privati u semipubbliċi
14	Bidla diġitali għall-iskejjel ta' Brussell (I-4.05)	Mira	It-tagħmir tal-iskejjel/tal-istituzzjonijiet b'apparat u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi
15	Suq tax-xogħol inklużiv (R-4.06)	Mira	It-tlestija ta' pjanijiet ta' azzjoni settorjali dwar in-nondiskriminazzjoni
16	L-iżvilupp ta' akkomodazzjonijiet ta' utilità pubblika u akkomodazzjonijiet għall-persuni vulnerabbli (I-4.12)	Stadju importanti	L-istrateġija ta' Walloon għad-deistituzzjonalizzazzjoni (il-politika tas-saħħa ta' Walloon)
17	Pensjonijiet u tmiem il-karriera (R-4.07)	Stadju importanti	Proposta għal riforma tal-pensjonijiet
18	Kont tal-apprendiment (R-5.03)	Stadju importanti	Riforma federali li tiżviluppa d-dritt individwali għat-taħriġ tal-impjegati
19	Il-governanza tal-Flanders ċirkolari (R-5.09)	Stadju importanti	It-tnedija tal-grupp ta' tmexxija tal-Flanders ċirkolari
20	Reviżjoni tal-infiq (R-6)	Stadju importanti	Rieżami pilota tal-infiq jew integrazzjoni fil-proċess baġitarju (1)
21	Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan	Stadju importanti	Il-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-UE
		L-ammont tal-ħlas parzjali	EUR 973 994 000

1.2. It-Tieni Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	**Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)**	**Stadju importanti / Mira**	**Isem**
22	Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi" (I-1B)	Stadju importanti	L-adattament tal-ordinanza dwar l-elettriku biex jiddaħħal punt uniku ta' servizz għar-rinnovazzjonijiet
23	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - RBC (R-3.05)	Stadju importanti	L-adozzjoni tad-digriet li jispeċifika l-istandards ta' sigurtà u l-pjan ta' twettiq ta' infrastruttura

24	“Skema mtejba ta’ Għotjiet għall-Enerġija” fir-Reġjun Fjamming (R-1.01)	Stadju importanti	Skemi mtejbin ta’ għotjiet għall-enerġija fil-Flanders
25	Skema mtejba ta’ Għotjiet għall-Enerġija għar-Reġjun ta’ Brussell-Kapitali (R-1.02)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta’ regolament ġdid dwar l-iskemi ta’ għotjiet għall-enerġija fi Brussell
26	Skema mtejba ta’ għotjiet għall-enerġija għall-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż (R-1.03)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta’ regolament ġdid dwar l-iskemi ta’ għotjiet għall-enerġija fil-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż
27	Ir-rinnovazzjoni ta’ binjiet pubbliċi (I-1.06)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta’ regolament ġdid dwar l-iskemi ta’ għotjiet għall-enerġija fil-Wallonia
28	Qafas regolatorju għas-swieq tal-H_2 u tas-CO_2 (R-1.04)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta’ liġi ġdida dwar il-gass u r-regolamenti relatati li jippermettu l-iżvilupp tas-suq tal-H_2 u tas-CO_2
29	In-network għall-H_2 u għas-CO_2 (I-1.14)	Stadju importanti	L-adozzjoni tal-pjan ta’ investiment għall-infrastruttura ewlenija tal-H_2 u tas-CO_2.
30	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.17)	Stadju importanti	L-għoti ta’ kuntratti għal proġetti IPCEI dwar l-idroġenu
31	Is-servizzi tal-e-Saħħa u d-*Data* dwar is-Saħħa (I-2.06)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-liġi li tistabbilixxi l-Awtorità tad-*Data* dwar is-Saħħa
32	Il-forniment ta’ tagħmir diġitali u ta’ infrastruttura tal-IT għall-iskejjel (I-4)	Mira	It-tagħmir tal-iskejjel/tal-istituzzjonijiet b’apparat u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi
33	RuŻ: Sejħa għal appoġġ għas-setturi ajrunawtiċi u spazjali (I-5.09)	Stadju importanti	Tnedija tas-sejħa għal proposti għal proġetti ajrunawtiċi u spazjali
34	L-istrateġija reġjonali ta’ Brussell għat-tranżizzjoni Ekonomika (R-5.08)	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Istrateġija Reġjonali għat-Tranżizzjoni Ekonomika
35	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.15)	Stadju importanti	L-għoti ta’ kuntratti skont is-sejħa għall-offerti
36	L-iżvilupp ta’ industrija b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju (I-1.18)	Stadju importanti	L-Għoti tal-Kuntratti
37	Diġitalizzazzjoni tal-SPF (I-2.05) (is-sottomiżura: 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 11 u 12)	Stadju importanti	Ir-rekwiżiti huma definiti
38	Is-servizzi tal-e-Saħħa u d-*Data* dwar is-Saħħa (I-2.06)	Stadju importanti	Tfassil u soluzzjoni għas-sottoproġetti
39	Diġitalizzazzjoni tas-settur kulturali u tal-midja (I-2.08)	Mira	It-tlestija ta’ proġetti għal xogħlijiet awdjoviżivi u awdjo diġitizzati u mtejba
40	E-Gvern: proċedura tal-offerti (R-2.02)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta’ kuntest regolatorju ġdid
41	L-iżvilupp ta’ istitut tal-IA sabiex din it-teknoloġija tintuża biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà (I-2.14)	Stadju importanti	It-tlestija ta’ proġetti pilota mill-Istitut tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ġid Komuni

42	L-introduzzjoni tal-5G - Pjan nazzjonali għall-broadband fissa u mobbli (R-2.03)	Stadju importanti	Irkant tal-5G
43	L-introduzzjoni tal-5G - Pjan nazzjonali għall-broadband fissa u mobbli (R-2.03)	Stadju importanti	L-implimentazzjoni tas-Sett ta' Għodod għall-Istatus ta' Konnettività
44	Smart Move (I-3.15)	Stadju importanti	L-applikazzjoni Smart Move hija operattiva
45	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - VLA (I-3.19)	Stadju importanti	L-għoti ta' konċessjonijiet għall-infrastruttura tal-iċċarġjar
46	Pensjonijiet u tmiem il-karriera (R-4.07)	Stadju importanti	Pjan ta' azzjoni bbażat fuq ir-riżultati tal-konferenza dwar l-impjiegi
47	It-tagħlim tul il-ħajja tal-Komunità Fjamminga (R-5.04)	Stadju importanti	Dokument ta' viżjoni dwar it-tagħlim u kont għall-karriera fil-Fjandri
48	It-tnedija ta' ekonomija ċirkolari fil-Wallonia (I-5.16)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal proġetti li jippromwovu l-ekonomija ċirkolari fil-Wallonia
		L-ammont tal-ħlas parzjali	EUR 973 994 000

1.3. It-Tielet Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
49	L-introduzzjoni tal-5G - Pjan nazzjonali għall-broadband fissa u mobbli (R-2.03)	Stadju importanti	Ir-reviżjoni tal-qafas leġiżlattiv tat-tliet reġjuni dwar l-istandards tar-radjazzjoni
50	Xogħlijiet ta' rinnovazzjoni ferrovjarja u għall-aċċessibbiltà fl-istazzjonijiet (I-3C)	Mira	It-tlestija ta' xogħlijiet ferrovjarji ta' rinnovazzjoni u ta' modernizzazzjoni u xogħlijiet ta' aċċessibbiltà fl-istazzjonijiet (fażi 1)
51	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar - WAL (R-3.04)	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' pjan biex jitnedew l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-elettriku
52	Digisprong (R-4.01)	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' qafas ġdid tal-ICT għall-edukazzjoni obbligatorja fil-Flanders
53	RuŻ: Sejħa għal appoġġ għas-setturi ajrunawtiċi u spazjali (I-5.09)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal proġetti ajrunawtiċi u spazjali
54	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.16)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti IPCEI dwar l-idroġenu

55	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.16)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti li mhumiex proġetti importanti dwar l-idroġenu ta' interess Ewropew komuni
56	Gżira tal-enerġija offshore (I-1.21)	Stadju importanti	It-tlestija tal-FEED u tal-istudji ambjentali
57	Soċjetà diġitali ċibersigura u reżiljenti (I-2.01)	Mira	Notifika ta' għotja ta' tmien offerti pubbliċi
58	Soċjetà diġitali ċibersigura u reżiljenti (I-2.01)	Stadju importanti	It-twettiq tal-ewwel kampanja ta' sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà
59	Diġitalizzazzjoni tal-SPF (I-2.05) (is-sottomiżura 1: it-trasformazzjoni diġitali tal-Ġustizzja)	Stadju importanti	Il-pubblikazzjoni tal-portal online JustOnWeb
60	Diġitalizzazzjoni tal-Gvern Fjamming (I-2.09)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratt għal 18-il proġett
61	Pjan ta' azzjoni globali kontra t-tluq bikri mill-iskola (R-4.03)	Stadju importanti	Pjan komprensiv ġdid kontra t-tluq bikri mill-iskola
62	Il-forniment ta' tagħmir diġitali u ta' infrastruttura tal-IT għall-iskejjel (I-4)	Mira	It-tagħmir tal-iskejjel/tal-istituzzjonijiet b'apparat u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi
63	Gwida personalizzata fl-edukazzjoni obbligatorja (I-4.03)	Mira	It-tnedija ta' mekkaniżmu ta' appoġġ imsaħħaħ għall-istudenti fil-bżonn
64	Digibanks (I-4.11)	Mira	Iffirmar ta' sħubijiet għall-promozzjoni tal-inklużjoni diġitali
65	Spinta lit-tagħlim u l-karriera (I-5.04)	Mira	Appoġġ għal-leave għat-taħriġ u għall-offerta ta' taħriġ online fil-Flanders
66	Spinta lit-tagħlim u l-karriera (I-5.04)	Stadju importanti	L-appoġġ lill-persuni qiegħda temporanjament fil-Flanders
67	Ħiliet Diġitali (I-5.06)	Mira	L-iżvilupp ta' offerta għall-e-Tagħlim fil-Flanders
68	It-tisħiħ tar-RuŻ (I-5.11)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti pubbliċi għar-RuŻ u proġetti infrastrutturali
69	Ir-rilokazzjoni tal-ikel u l-iżvilupp ta' pjattaformi loġistiċi (I-5.12)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti pubbliċi għall-bini ta' infrastruttura għas-settur tal-ikel
70	Riforma - Permess aktar mgħaġġel u proċeduri ta' appell (R-5.06)	Stadju importanti	Riforma tal-permess ambjentali u l-proċeduri ta' appell
71	Riforma - It-twessigħ tal-bażi tal-innovazzjoni (R-5.07)	Stadju importanti	Riforma tar-regolament għall-appoġġ għall-innovazzjoni
72	Iċ-ċentru tar-riċiklaġġ (I-5.14)	Mira	L-għoti ta' sitt kuntratti pubbliċi għall-faċilitajiet ta' riċiklaġġ
73	Il-Flanders - l-ekonomija ċirkolari u l-kostruzzjoni ċirkolari (I-5.17)	Stadju importanti	It-tnedija ta' sejħiet għal proġetti dwar il-kostruzzjoni ċirkolari, għat-tixrid tal-għarfien dwar il-manifattura

			ċirkolari u għall-istabbiliment ta' laboratorji ħajjin kollettivi
74	Reviżjoni tal-infiq (R-6)	Stadju importanti	L-integrazzjoni tar-rieżamijiet tal-infiq fil-proċess baġitarju (1) jew it-tlestija tal-proġetti pilota
		L-ammont tal-ħlas parzjali	EUR 735 632 000

1.4. Ir-Raba' Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
75	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.17)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti li mhumiex IPCEI
76	Pjattaforma ta' riċerka għat-tranżizzjoni tal-enerġija (I-1.19)	Stadju importanti	Il-ħruġ ta' offerti pubbliċi għat-tagħmir
77	Networks tas-sħana rinnovabbli (I-1.20)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti tas-sħana rinnovabbli jew proġetti tas-sħana mormija
78	Il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima (I-1.22)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti għall-ħolqien ta' żewġ parks nazzjonali
79	Frodi fl-emissjonijiet (R-3.07)	Stadju importanti	L-adozzjoni tal-qafas legali għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-vetturi fil-Flanders
80	Strateġija ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid (I-4.07)	Mira	Profil tal-kompetenza u konsulenza dwar l-impjiegi
81	Iċ-Ċentru tal-Innovazzjoni u t-Taħriġ Diġitali u Teknoloġiku A6K/E6K (I-5.01)	Stadju importanti	Attività żviluppata permezz ta' A6K-E6K
82	Ir-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati u soċjali (I-1A)	Mira	Ir-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati residenzjali u soċjali (step1)
83	Ir-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati u soċjali (1-1A)	Mira	Il-provvediment ta' għotjiet għall-batteriji tad-djar u għall-apparat ta' regolazzjoni intelliġenti fil-Flanders
84	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.15)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti skont it-tieni sejħa għall-offerti
85	Patt Blu (I-1.24)	Stadju importanti	Il-bidu ta' proġetti biex tissaħħaħ il-bijodiversità u/jew jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima

86	Diġitalizzazzjoni tal-gvern reġjonali u lokali (I-2.12)	Stadju importanti	Għoti ta' tliet sejħiet għal proġetti
87	Il-prestazzjoni ta' SNCB/INFRABEL (R-3.01)	Stadju importanti	L-approvazzjoni tal-kuntratti ta' prestazzjoni l-ġodda ta' NMBS-SNCB u Infrabel u l-pjan ta' investiment pluriennali
88	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar (I-3F)	Mira	Punti tal-iċċarġjar semipubbliċi u pubbliċi operattivi addizzjonali (faża 1)
89	Strateġija ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid (I-4.07)	Stadju importanti	L-għoti ta' għotjiet relatati ma' inizjattivi ta' innovazzjoni soċjali
90	Mediċina nukleari (I-5.08)	Stadju importanti	L-attivitajiet kollha tar-RuŻ fil-mediċina nukleari ġew iffinalizzati.
		L-ammont tal-ħlas parzjali	EUR 735 632 000

1.5. Il-Ħames Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	**Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)**	**Stadju importanti / Mira**	**Isem**
91	Ġżira tal-enerġija offshore (I-1.21)	Stadju importanti	Il-permessi għal ġżira tal-enerġija ħarġu
92	It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia (I-3B)	Mira	Il-bidu ta' xogħlijiet infrastrutturali kbar għax-xarabanks (Mons, u sinjali tat-toroq intelliġenti), għat-tramms (Liège) u l-metrò ħafif (Charleroi)
93	Xogħlijiet ta' rinnovazzjoni ferrovjarja u għall-aċċessibbiltà fl-istazzjonijiet (I-3C)	Mira	It-tlestija ta' xogħlijiet ferrovjarji ta' rinnovazzjoni u ta' modernizzazzjoni u xogħlijiet ta' aċċessibbiltà fl-istazzjonijiet (faża 2)
94	Il-Kanal Albert u Trilogiport (I-3.11)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti għax-xogħlijiet tal-pontijiet fuq il-Kanal Albert u l-pjattaforma l-ġdida fi Trilogiport
95	Strateġija ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid (R-4.05)	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' testi regolatorji mill-Gvern ta' Brussell għall-promozzjoni tal-integrazzjoni ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol
96	L-iżvilupp ta' akkomodazzjonijiet ta' utilità pubblika u akkomodazzjonijiet għall-persuni vulnerabbli (I-4.12)	Mira	L-għoti ta' parti mix-xogħlijiet

97	Il-bini u r-rinnovazzjoni ta' infrastruttura għall-indukrar bikri tat-tfal (I-4.13)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet għall-promoturi ta' proġetti
98	Patt Blu (I-1.24)	Stadju importanti	Ix-xiri ta' art biex tissaħħaħ il-bijodiversità u/jew jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima.
99	Soċjetà diġitali ċibersigura u reżiljenti (I-2.01)	Mira	L-istrumenti biex tiżdied ir-reżiljenza ċibernetika huma disponibbli għall-pubbliku ġenerali
100	Soċjetà diġitali ċibersigura u reżiljenti (I-2.01)	Stadju importanti	Qafas globali għall-governanza taċ-ċibersigurtà fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin
101	Diġitalizzazzjoni tal-SPF (I-2.05) (is-sottomiżura 1: it-trasformazzjoni diġitali tal-Ġustizzja)	Stadju importanti	Ċentralizzazzjoni interna tad-deċiżjonijiet tal-qorti
102	Diġitalizzazzjoni tal-SPF (I-2.05) (is-sottomiżura 10: Gateway diġitali unika)	Stadju importanti	L-interfaċċa front-end ġiet żviluppata
103	Is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi (R-2.01)	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' miżuri li jissimplifikaw il-ħolqien online ta' negozju
104	L-iżvilupp ta' istitut tal-IA sabiex din it-teknoloġija tintuża biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà (I-2.14)	Stadju importanti	Fl-Istitut tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ġid Komuni nħoloq tim ta' esperti
105	Għotjiet għal bidla modali (I-3.14)	Mira	L-ewwel 5 000 applikazzjoni ġdida għal għotjiet għal bidla modali
106	Fond għall-avvanz fl-edukazzjoni għolja (R-4.02)	Stadju importanti	Id-dokument ta' viżjoni għal edukazzjoni għolja aġli, diġitali u orjentata lejn il-futur
107	Fond għall-avvanz fl-edukazzjoni għolja (I-4.02)	Mira	It-titjib tal-Edukazzjoni Għolja offruta fil-Flanders biex din issir aktar valida għall-futur u aġli
108	L-indirizzar tad-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol (R-4.04)	Stadju importanti	Qafas regolatorju adattat u l-applikazzjoni mtejba tat-testijiet kontra d-diskriminazzjoni
109	Suq tax-xogħol inklużiv (R-4.06)	Mira	Perkors integrat ġdid għal dawk li għadhom jaslu
110	Ħiliet Diġitali (I-5.06)	Stadju importanti	Għodod u servizzi diġitali għaċ-ċittadini, l-impjegaturi u s-sħab tas-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi Fjamming (VDAB) implimentati bi sħiħ fil-Flanders
111	Kont tal-apprendiment (R-5.03)	Mira	Riforma għal kollaborazzjoni mtejba bejn is-Servizz Nazzjonali tal-Impjiegi (ONEM) u s-servizzi tal-impjiegi reġjonali li tippermetti li jiżdied it-

			taħriġ għall-persuni qiegħda.
112	Skema ta' akkumulazzjoni u mobilità lejn is-setturi bi skarsezzi (R-5.01)	Stadju importanti	Riforma federali tal-iskema ta' akkumulazzjoni
113	Skema ta' akkumulazzjoni u mobilità lejn is-setturi bi skarsezzi (R-5.01)	Stadju importanti	Ir-riforma federali tal-mobilità lejn is-setturi bi skarsezzi
114	RuŻ: Tnaqqis tal-iskart waqt id-dekostruzzjoni (I-5.10)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratt pubbliku għall-bini ta' faċilità għat-Trattament tal-Materjal (MaT)
115	Reviżjoni tal-infiq (R-6)	Stadju importanti	L-integrazzjoni tar-rieżami tal-infiq fil-proċess baġitarju (1) jew (2)
		L-ammont tal-ħlas parzjali	EUR 540 230 000

1.6. Is-Sitt Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	**Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)**	**Stadju importanti / Mira**	**Isem**
116	"Renolab: Laboratorju għar-rinnovazzjoni" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali (I-1.13)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti għad-dimostrazzjoni ta' proġetti ta' rinnovazzjoni
117	L-infrastruttura ċiklistika (I-3A)	Mira	Toroq ġodda u rranġati għaċ-ċikliżmu
118	Il-Belgium jibni ekonomija ċirkolari (I-5.15)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal proġetti ċirkolari
119	Ir-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati u soċjali (I-1A)	Mira	Ir-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati residenzjali u ta' akkomodazzjonijiet soċjali (fażi 2)
120	Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi" (I-1B)	Mira	Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi (fażi 1)
121	Il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima (I-1.22)	Mira	Il-miżuri ta' ġestjoni tal-art ġew applikati (il-foresti, iż-żoni protetti) u l-proġetti ta' riserpeġġjar għadhom għaddejjin
122	Diġitalizzazzjoni tal-IPSS (I-2.04) (is-sottomiżura 2)	Mira	Il-komunikazzjonijiet kollha tal-Istitut Pubbliku għas-Sigurtà Soċjali (IPSS, Public Institute for Social Security) huma diġitali, u d-*data* hija ċentralizzata/konsolidata
123	L-infrastruttura ċiklistika (I-3A)	Stadju importanti	Il-bidu tal-proġetti kollha taċ-ċikliżmu u tal-mixi

124	It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia (I-3B)	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratt ta' servizz pubbliku rivedut tal-OTW ("Organisme de Transport de Wallonie")
125	L-e-Inklużjoni għall-Belġju (I-4.08)	Mira	Għoti ta' għotjiet
126	Pensjonijiet u tmiem il-karriera (R-4.07)	Stadju importanti	L-adozzjoni tar-riforma tal-pensjonijiet
		L-ammont tal-ħlas parzjali	EUR 540 230 000

1.7. Is-Seba' Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
127	Diġitalizzazzjoni tal-SPF (I-2.05) (is-sottomiżura 1: it-trasformazzjoni diġitali tal-Ġustizzja)	Stadju importanti	Bażi tad-*data* għall-ġbir ta' *data* f'ħin reali
128	Pjattaforma reġjonali għall-iskambju tad-*data* (I-2.10)	Mira	10 amministrazzjonijiet pubbliċi huma appoġġati biex iniedu proġetti fuq il-pjattaforma tad-*data* reġjonali
129	Diġitalizzazzjoni tal-gvern reġjonali u lokali (I-2.12)	Mira	Taħriġ għat-titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid
130	E-Gvern: proċedura tal-offerti (R-2.02)	Stadju importanti	L-implimentazzjoni tal-għodda l-ġdida
131	L-iżvilupp ta' istitut tal-IA sabiex din it-teknoloġija tintuża biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà (I-2.14)	Mira	Servizzi tal-IA mogħtija mill-Istitut tal-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ġid Komuni
132	It-titjib fil-konnettività tal-iskejjel (interna), iżda wkoll tal-35 park kummerċjali fil-Wallonia (I-2.15)	Mira	L-għoti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku għal proġetti tal-5G bil-prova tal-kunċett
133	It-tnedija tal-moduli tal-IT ferrovjarji (I-3E)	Mira	It-tnedija tal-moduli tal-IT ferrovjarji
134	L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tax-xarabanks (I-3G)	Mira	Ordni formali għal xarabanks ekoloġiċi u l-infrastruttura relatata tal-iċċarġjar fil-Flanders u fi Brussell
135	Frodi fl-emissjonijiet (R-3.07)	Stadju importanti	Tkun operattiva sistema tal-IT li tintegra d-*data* dwar l-emissjonijiet ma' osservazzjonijiet dwar spezzjonijiet tekniċi u ta' sikurezza tat-toroq perjodiċi

136	Il-forniment ta' tagħmir diġitali u ta' infrastruttura tal-IT għall-iskejjel (I-4)	Mira	It-tagħmir tal-iskejjel/tal-istituzzjonijiet b'apparat u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi
137	Bidla diġitali għall-iskejjel ta' Brussell (I-4.05)	Mira	It-tagħmir tal-iskejjel/tal-istituzzjonijiet b'apparat u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi
138	Pjattaformi diġitali għall-ħabsin (I-4.09)	Mira	It-tlestija tat-tnedija
139	Il-ġeneru u x-xogħol (I-4.10)	Mira	Il-parteċipazzjoni tan-nisa fi proġetti fuq il-post
140	Spinta lit-tagħlim u l-karriera (I-5.04)	Mira	Appoġġ lill-intrapriżi fil-Flanders permezz ta' kontrolli tal-kompetenza, punti ta' tranżizzjoni u sejħiet għal proġetti
141	Strateġija għat-tnedija mill-ġdid tas-suq tax-xogħol iffukata fuq l-effiċjenza u l-ottimizzazzjoni tal-politiki ta' attivazzjoni u ta' taħriġ (I-5.05)	Mira	L-appoġġ ta' attivazzjoni għall-persuni li qed ifittxu impjieg u għall-ħaddiema fi Brussell
142	Mediċina nukleari (I-5.08)	Stadju importanti	Il-pakkett teknoloġiku ġie finalizzat
143	Ir-rilokazzjoni tal-ikel u l-iżvilupp ta' pjattaformi loġistiċi (I-5.12)	Mira	Appoġġ għal 30 proġett ta' rilokazzjoni tal-ikel u erba' setturi emerġenti
144	Ir-rilokazzjoni tal-ikel u l-iżvilupp ta' pjattaformi loġistiċi (I-5.12)	Mira	Tlesta l-bini ta' tliet ċentri loġistiċi għal superfiċje totali ta' mill-inqas 8 000 metru kwadru
145	Reviżjoni tal-infiq (R-6)	Stadju importanti	Analiżi *ex-post* tar-rieżami tal-infiq
		L-ammont tal-ħlas parzjali	EUR 459 770 000

1.8. It-Tmien Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	**Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)**	**Stadju importanti / Mira**	**Isem**

146	Ir-rilaxx tad-*Data* Miftuħa għall-applikazzjoni tal-Mobilità Intelliġenti (I-3D)	Mira	Ir-rilaxx tad-*Data* Miftuħa għall-applikazzjoni tal-Mobilità Intelliġenti
147	Ir-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati u soċjali (I-1A)	Mira	Ir-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati residenzjali u ta' akkomodazzjonijiet soċjali (fażi 3)
148	Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi" (I-1B)	Mira	Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi (fażi 2)
149	Gżira tal-enerġija offshore (I-1.21)	Stadju importanti	It-tlestija tax-xogħlijiet
150	Iċ-ċibersigurtà: interċettazzjoni u salvagwardja mill-NTSU/mis-CTIF (I-2.03)	Stadju importanti	Reġistru diġitali għall-komunikazzjonijiet privati interċettati ġestit mill-Unità Nazzjonali ta' Appoġġ Tekniku u Tattiku tal-pulizija federali Belġjana
151	It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia (I-3B)	Mira	It-tlestija ta' xogħlijiet u it-tħaddim tad-dawl tat-traffiku intelliġenti fit-toroq
152	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar (I-3F)	Mira	Punti tal-iċċarġjar semipubbliċi u pubbliċi operattivi privati addizzjonali (fażi 2)
153	Titjib tal-infrastruttura tat-taħriġ avvanzat (I-5.03)	Mira	Bini mgħammar kompletament għat-taħriġ, għas-servizzi tal-impjiegi (fażi 1)
154	Mediċina nukleari (I-5.08)	Stadju importanti	Ġiet ikkummissjonata u mibnija faċilità tal-isotopi radjuattivi (FANC u FAGG)
		L-ammont tal-ħlas parzjali	EUR 459 770 000

1.9. Id-Disa' Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	**Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)**	**Stadju importanti / Mira**	**Isem**
155	L-iżvilupp ta' akkomodazzjonijiet ta' utilità pubblika u akkomodazzjonijiet għall-persuni vulnerabbli (I-4.12)	Mira	L-installazzjoni ta' assistenza mill-bogħod għal persuni li tilfu l-awtonomija
156	L-iskola tal-bijoteknoloġija tal-UE u ċ-ċentru tas-saħħa (I-5.02)	Mira	Il-bini u t-tagħmir tal-Iskola tal-Bijoteknoloġija tal-UE u ċ-Ċentru tas-Saħħa

157	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.15)	Stadju importanti	It-tlestija tal-proġetti kollha mogħtija fis-sejħiet għall-offerti
158	Pjattaforma ta' riċerka għat-tranżizzjoni tal-enerġija (I-1.19)	Stadju importanti	L-akkwist ta' tagħmir
159	Iċ-ċibersigurtà: 5G (I-2.02)	Stadju importanti	Kapaċitajiet ta' interċettazzjoni msaħħa tal-pulizija ġudizzjarja fil-kuntest tal-5G
160	Diġitalizzazzjoni tal-SPF (I-2.05) (is-sottomiżura 1: it-trasformazzjoni diġitali tal-Ġustizzja)	Stadju importanti	Sistema Ġdida għall-Ġestjoni tal-Każijiet għal seba' entitajiet
161	Is-servizzi tal-e-Saħħa u d-*Data* dwar is-Saħħa (I-2.06)	Stadju importanti	Implimentazzjoni sħiħa tal-proġett
162	Diġitalizzazzjoni ta' ONE (I-2.07)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' pjattaformi diġitali ġodda
163	Diġitalizzazzjoni tal-Gvern Fjamming (I-2.09)	Stadju importanti	L-iżvilupp ta' erba' (4) karatteristiċi diġitali ġodda
164	Diġitalizzazzjoni tal-proċessi taċ-ċittadini u tan-negozji (I-2.11)	Mira	Dħul fis-seħħ ta' tliet (3) pjattaformi online (il-permess tal-ippjanar urban, l-informazzjoni dwar l-ippjanar urban u l-permess ambjentali)
165	It-titjib fil-konnettività tal-iskejjel (interna), iżda wkoll tal-35 park kummerċjali fil-Wallonia (I-2.15)	Mira	Konnettività tal-fibra ottika għal 32 park kummerċjali
166	Il-Kanal Albert u Trilogiport (I-3.11)	Mira	It-tlestija tax-xogħlijiet fuq il-pontijiet ta' fuq il-Kanal Albert u fil-pjattaforma l-ġdida fi Trilogiport
167	L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tax-xarabanks (I-3G)	Mira	Xarabanks ekoloġiċi tqiegħdu fis-servizz u garaxxijiet kbar adattati fuq livel tekniku fil-Flanders u fi Brussell
168	Strateġija ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid (I-4.07)	Mira	Perkors ta' integrazzjoni sostenibbli għall-persuni b'diżabilità
169	Ir-rilokazzjoni tal-ikel u l-iżvilupp ta' pjattaformi loġistiċi (I-5.12)	Mira	Tlesta l-bini ta' mill-inqas ħames infrastrutturi
170	Id-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-turiżmu ta' Walloon (I-5.13)	Mira	L-għadd ta' utenti attivi tal-"outil regional de commercialisation"
		L-ammont tal-ħlas parzjali	EUR 252 874 000

1.10. L-Għaxar Ħlas Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem

171	Il-Flanders - l-ekonomija ċirkolari u l-kostruzzjoni ċirkolari (I-5.17)	Stadju importanti	Tlestew l-proġetti dwar il-kostruzzjoni ċirkolari, għat-tixrid tal-għarfien dwar il-manifattura ċirkolari u għall-istabbiliment ta' laboratorji ħajjin kollettivi
172	Diġitalizzazzjoni tal-IPSS (I-2.04) (is-sottomiżura 1)	Stadju importanti	Soluzzjoni diġitali disponibbli - l-interfaċċa web (IPSS)
173	Ir-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati u soċjali (I-1A)	Stadju importanti	Ir-rinnovazzjoni ta' akkomodazzjonijiet privati residenzjali u ta' akkomodazzjonijiet soċjali (fażi 4)
174	Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi" (I-1B)	Mira	Ir-rinnovazzjoni tal-binjiet pubbliċi (fażi 3)
175	In-network għall-H_2 u għas-CO_2 (I-1.14)	Mira	Il-bini u l-operat ta' pipeline ta' 150 km għall-H_2 u għas-CO_2
176	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.16)	Stadju importanti	It-tlestija tal-proġetti mogħtija fis-sejħa għall-offerti
177	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni lejn l-idroġenu (I-1.17)	Stadju importanti	It-tlestija tal-proġetti kollha (IPCEI u dawk li mhumiex IPCEI) mogħtija permezz tas-sejħa għall-offerti
178	L-iżvilupp ta' industrija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (I-1.18)	Stadju importanti	It-tlestija tal-proġetti mogħtija fis-sejħa għall-offerti
179	Networks tas-sħana rinnovabbli (I-1.20)	Stadju importanti	It-tlestija tal-proġetti mogħtija fis-sejħa għall-offerti
180	Il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima (I-1.22)	Mira	Il-miżuri ta' ġestjoni tal-art ġew applikati (il-foresti u ż-żoni protetti) u l-proġetti ta' riserpeġġjar lesti
181	Il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil fil-klima (I-1.22)	Mira	It-tlestija ta' żewġ proġetti għal parks nazzjonali
182	Id-deframmentazzjoni ekoloġika (I-1.23)	Mira	It-tlestija ta' proġetti dwar id-deframmentazzjoni ekoloġika
183	Patt Blu (I-1.24)	Mira	It-tlestija ta' proġetti tal-Patt Blu
184	Soċjetà diġitali ċibersigura u reżiljenti (I-2.01)	Stadju importanti	L-għoti ta' servizzi ta' reżiljenza ċibernetika lis-soċjetà Belġjana inġenerali mill-Ministeru tad-Difiża
185	Diġitalizzazzjoni tal-IPSS (I-2.04) (is-sottomiżura 3)	Stadju importanti	Soluzzjoni diġitali disponibbli - il-pjattaforma interattiva (IPSS)
186	Diġitalizzazzjoni tal-SPF (I-2.05) (is-sottomiżura: 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 11 u 12)	Stadju importanti	Il-proġetti tlestew u r-riżultati huma operattivi
187	Diġitalizzazzjoni tas-settur kulturali u tal-midja (I-2.08)	Mira	L-adozzjoni minn operaturi kulturali u tal-midja ta' għodod teknoloġiċi
188	Diġitalizzazzjoni tal-gvern reġjonali u	Stadju	It-tlestija tal-proġetti li ngħataw

	lokali (I-2.12)	importanti	
189	Il-kopertura ta' żoni bojod billi jiġu żviluppati networks tal-fibra ottika b'veloċità għolja ħafna (I-2.13)	Mira	Kopertura
190	It-titjib fil-konnettività tal-iskejjel (interna), iżda wkoll tal-35 park kummerċjali fil-Wallonia (I-2.15)	Stadju importanti	L-għoti ta' kuntratti ta' akkwist pubbliku għal proġetti tal-5G bil-prova tal-kunċett eżegwiti bi sħiħ
191	It-titjib fil-konnettività tal-iskejjel (interna), iżda wkoll tal-35 park kummerċjali fil-Wallonia (I-2.15)	Mira	Il-proġetti 2.0 għall-edukazzjoni twettqu
192	It-titjib fil-konnettività tal-iskejjel (interna), iżda wkoll tal-35 park kummerċjali fil-Wallonia (I-2.15)	Mira	Il-konnettività interna tal-proġetti tal-iskejjel tlestiet
193	L-infrastruttura ċiklistika (I-3A)	Mira	Toroq ġodda u rranġati għaċ-ċikliżmu
194	L-infrastruttura ċiklistika - Vélo Plus - RBC (I-3.03)	Mira	Parkeġġ tar-roti pubbliku ġdid għar-residenti
195	Infrastruttura għaċ-ċikliżmu u l-mixi - Schuman (I-3.04)	Mira	Spazju pubbliku ġdid għall-persuni bil-mixi, iċ-ċiklisti u t-trasport pubbliku f'Schuman
196	It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia (I-3B)	Mira	It-tlestija ta' xogħlijiet u slaleb it-toroq b'dawl tat-traffiku intelliġenti
197	Xogħlijiet ta' rinnovazzjoni ferrovjarja u għall-aċċessibbiltà fl-istazzjonijiet (I-3C)	Mira	It-tlestija ta' xogħlijiet ferrovjarji ta' rinnovazzjoni u ta' modernizzazzjoni u xogħlijiet ta' aċċessibbiltà fl-istazzjonijiet (fażi 3)
198	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar (I-3F)	Mira	Punti tal-iċċarġjar semipubbliċi u pubbliċi operattivi privati addizzjonali (fażi 3)
199	Il-forniment ta' tagħmir diġitali u ta' infrastruttura tal-IT għall-iskejjel (I-4)	Mira	It-tagħmir tal-iskejjel/tal-istituzzjonijiet b'apparat u infrastruttura tal-ICT adegwati biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi
200	Iċ-Ċentru tal-Innovazzjoni u t-Taħriġ Diġitali u Teknoloġiku A6K/E6K (I-5.01)	Mira	Finalizzazzjoni tar-rinnovazzjoni u l-estensjoni ta' A6K-E6K
201	It-titjib tal-infrastruttura tat-taħriġ avvanzat (I-5.03)	Mira	Bini mgħammar kompletament għat-taħriġ, għas-servizzi tal-impjiegi (fażi 2)
202	Taħriġ diġitali li jissokta tul il-ħajja (I-5.07)	Stadju importanti	Il-modernizzazzjoni tal-għoti ta' coaching u taħriġ fil-ħiliet diġitali, inklużi l-ħiliet diġitali bażiċi fil-Wallonia, permezz ta' għodod diġitali, infrastruttura tal-ogħla livell, mentoraġġ kompetenti u proġetti innovattivi.

203	RuŻ: Tnaqqis tal-iskart waqt id-dekostruzzjoni (I-5.10)	Stadju importanti	Mibnija u kkummissjonata faċilità għat-Trattament tal-Materjal (MaT); ġie ffinalizzat il-proċess ta' investigazzjoni tas-sit (desk top study)
204	It-tisħiħ tar-RuŻ (I-5.11)	Mira	It-tlestija tal-proġetti tar-RuŻ u ta' infrastruttura li ngħataw
205	Iċ-ċentru tar-riċiklaġġ (I-5.14)	Mira	Tlestija ta' xogħlijiet f'sitt faċilitajiet ta' riċiklaġġ
206	Il-Belgium jibni ekonomija ċirkolari (I-5.15)	Stadju importanti	It-tlestija ta' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni għall-SMEs, u għall-proġetti ċirkolari
207	It-tnedija ta' ekonomija ċirkolari fil-Wallonia (I-5.16)	Mira	It-tlestija ta' proġetti li jippromwovu l-ekonomija ċirkolari fil-Wallonia
208	Il-bini u r-rinnovazzjoni ta' infrastruttura għall-indukrar bikri tat-tfal (I-4.13)	Mira	Il-ftuħ ta' postijiet għall-indukrar tat-tfal
209	RuŻ: Sejħa għal appoġġ għas-setturi ajrunawtiċi u spazjali (I-5.09)	Mira	It-tlestija ta' proġetti ajrunawtiċi u spazjali
210	L-iżvilupp ta' akkomodazzjonijiet ta' utilità pubblika u akkomodazzjonijiet għall-persuni vulnerabbli (I-4.12)	Mira	Unitajiet ta' abitazzjoni lesti biex jiġu okkupati
		L-ammont tal-ħlas parzjali	EUR 251 827 327

TAQSIMA 3: ARRANĠAMENTI ADDIZZJONALI

1. Arranġamenti għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

Il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Belġju għandhom isiru f'konformità mal-arranġamenti li ġejjin:

L-implimentazzjoni tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandha tiġi mmonitorjata kemm fil-livell interfederali kif ukoll fil-livell ta' kull entità inkarigata mill-implimentazzjoni tal-miżuri tal-pjan, meħuda separatament. Is-Segretarju tal-Istat għall-Irkupru u l-Investimenti Strateġiċi huwa responsabbli mill-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-pjan fil-livell interfederali. Meta jitqies l-ambitu wiesa' tal-miżuri inklużi fil-pjan, li għalihom il-kompetenzi huma mifruxa fuq sitt entitajiet, il-koordinatur interfederali huwa responsabbli mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni koerenti tal-pjan.

Il-monitoraġġ politiku tal-pjan għandu jitwettaq permezz tal-Konferenza Interministerjali. Il-Konferenza Interministerjali għandha tkun ippreseduta mis-Segretarju tal-Istat għall-Irkupru u l-Investimenti Strateġiċi, u hija magħmula minn rappreżentanti tal-Istat Federali, tar-Reġjuni u tal-Komunitajiet.

Il-monitoraġġ amministrattiv tal-pjan għandu jitwettaq minn Kumitat ta' Monitoraġġ interfederali. Il-Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-entitajiet kollha responsabbli mir-rappurtar u mis-segwitu amministrattiv tal-proġetti taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Il-Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jkun ippresedut mis-Segretarju Permanenti tas-Servizz Pubbliku Federali BOSA ("*Federale overheidsdienst beleid en ondersteuning"*), li għandu jiżgura l-kontinwità tal-koordinazzjoni ġenerali tal-pjan u tal-kuntatti tekniċi mal-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mas-Segretarju tal-Istat għall-Irkupru u l-Investimenti Strateġiċi. Il-Kumitat ta' Monitoraġġ għandu jimmonitorja l-implimentazzjoni u l-kisbiet tal-pjan, jikkoordina t-tħejjija ta' kull talba għal pagament, jidentifika r-riskji biex l-istadji importanti ma jintleħqux, u jsib u jipproponi soluzzjonijiet jekk ir-riskji jseħħu.

Kull entità għandha timmonitorja l-progress tal-proġetti ta' investiment u riforma taħt il-pjan. Kull livell ta' gvern għandu jistabbilixxi unità ċentrali ta' koordinazzjoni responsabbli mill-monitoraġġ orizzontali u mill-koordinazzjoni tal-miżuri taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Il-livelli ta' koordinazzjoni ċentrali reġjonali/tal-komunità għandhom jiżguraw sistema ta' monitoraġġ u rappurtar f'għodda ta' monitoraġġ diġitali li għandha tippermetti, lill-Kumitat ta' Monitoraġġ interfederali, li jsegwi l-implimentazzjoni tal-pjan.

Il-Belġju ħatar żewġ entitajiet bħala Awtoritajiet tal-Awditjar, il-*Vlaamse Auditautoriteit (VAA)* għar-Reġjun Fjamming, u l-*Corps Interfédéral de l'Inspection des Finances (CAIF)* għall-Istat Federali u l-bqija tar-reġjuni u l-komunitajiet (ir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, ir-Reġjun ta' Walloon, il-Komunità Franċiża u l-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż). Iż-żewġ entitajiet huma indipendenti mill-entitajiet li jimplimentaw l-RRF fil-Belġju.

Barra minn hekk, is-servizzi responsabbli mill-implimentazzjoni (l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni), mill-awditjar u mill-kontroll (l-Awtoritajiet tal-Awditjar) huma responsabbli wkoll mill-verifiki ta' proġetti ffinanzjati minn Fondi oħra tal-UE, li jippermettilhom li jkollhom stampa ġenerali tal-finanzjament tal-UE, u dan jikkontribwixxi biex jitnaqqas ir-riskju ta' finanzjament doppju.

2. Arranġamenti għall-għoti ta' aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-*data* sottostanti

Sabiex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti, il-Belġju għandu jkollu fis-seħħ l-arranġamenti li ġejjin:

Is-Segretarju tal-Istat għall-Irkupru u l-Investimenti Strateġiċi jikkoordina l-implimentazzjoni tal-pjan, filwaqt li l-monitoraġġ jitwettaq fil-livell politiku permezz tal-Konferenza Interministerjali u fil-livell amministrattiv mill-Kumitat ta' Monitoraġġ Interfederali. B'mod partikolari, is-Segretarju tal-Istat għall-Irkupru u l-Investimenti Strateġiċi jaġixxi bħala korp ta' koordinazzjoni għall-monitoraġġ tal-progress dwar l-istadji importanti u l-miri, għall-monitoraġġ u, fejn xieraq, għall-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' kontroll u ta' awditjar, u jippreżenta rapporti u talbiet għall-pagamenti. Huwa jikkoordina r-rappurtar tal-istadji importanti u tal-miri, tal-indikaturi rilevanti, iżda wkoll informazzjoni finanzjarja kwalitattiva u *data* oħra, bħal dwar ir-riċevituri finali. Il-kodifikazzjoni tad-*data* qed isseħħ f'sistemi tal-IT deċentralizzati f'ministeri differenti, li huma obbligati jirrapportaw id-*data* meħtieġa lis-Segretarju tal-Istat għall-Irkupru u l-Investimenti Strateġiċi.

F'konformità mal-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, malli jitlestew l-istadji importanti u l-miri rilevanti miftiehma fit-Taqsima 2.1 ta' dan l-Anness, il-Belġju għandu jippreżenta lill-Kummissjoni talba debitament ġustifikata għall-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja. Il-Belġju għandu jiżgura li, fuq talba, il-Kummissjoni jkollha aċċess sħiħ għad-*data* sottostanti rilevanti li tappoġġa l-ġustifikazzjoni dovuta tat-talba għal pagament, kemm għall-valutazzjoni tat-talba għal pagament f'konformità mal-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 kif ukoll għal finijiet ta' awditjar u kontroll.